KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 21.04.2004
KUMM(2005) 279 finali

2004/0084(COD)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali u ta' trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol

(verżjoni b'tibdiliet)

(preżentata mill-Kummissjoni)

MT

MT

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KONSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

L-għan ta' din il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill huwa li tkun issemplifikata, modernizzata u mtejba l-liġi Komunitarja fil-qasam tat-trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa billi jitpoġġew flimkien, f'test wieħed, id-dispożizzjonijiet ta' Direttivi bl-istess suġġett tagħhom sabiex il-leġiżlazzjoni Komunitarja ssir aktar ċara u aktar effettiva għall-benefiċċju taċ-ċittadini kollha. Din il-proposta għal Direttiva hija wkoll ibbażata fil-kuntest ġenerali ta' l-ambjent legali u politiku ġdid li għandu l-għan li jagħmel lill-Unjoni aktar miftuħa, li tinftiehem u rilevanti għal ħajja ta' kuljum.

Trattament ugwali għall-irġiel u għan-nisa huwa prinċipju fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea. Sa mill-bidu d-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni primarja stabbiliti fit-Trattat ta' Ruma ddikjaraw dan u minn dak iż-żmien, emendi sussegwenti rrinforzaw dan, u b'dan il-mod sar parti integrali mill-politika soċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Il-prinċipju ta' trattament ugwali żviluppa minn dispożizzjoni iżolata dwar paga ndaqs fit-Trattat ta' Ruma, għal acquis tassew importanti u ta' influwenza kbira fil-qasam ta' l-ugwaljanza – fattur li jpoġġi lill-Ewropa fuq quddiem internazzjonalment. L-Artikolu 2 tal-KE jagħraf l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa bħala prinċipju fundamentali u wieħed mill-għanijiet u mill-ħidmiet tal-Komunità. Barra minn dan, taħt l-Artikolu 3(2) tal-KE, il-Komunità tingħata missjoni speċifika, jiġifieri li tintegra l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fl-attivitajiet kollha tagħha.

It-Trattat ta' Amsterdam żied b'mod sinifikanti l-liġi primarja u l-kapaċità ta' l-Unjoni Ewropea li tieħu azzjoni fil-qasam ta' l-opportunitajiet ugwali u t-trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa billi jagħti lil-leġislatur Komunitarju bażijiet legali speċifiċi (l-Artikoli 13, 137, 141 tal-KE). Dawn l-iżviluppi fit-Trattat jikkostitwixxu inkorporament ċar tad-dikjarazzjoni tal-Qorti li l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess tifforma parti mid-drittijiet fundamentali. Il-Qorti enfasizzat li l-Artikolu 141 (kif kienet għamlet qabel fil-każ ta' l-ex-Artikolu 119 tat-Trattat tal-KE) jifforma parti mill-għanijiet soċjali tal-Komunità, li m'hijiex biss Unjoni Ekonomika imma hija intenzjonata fl-istess ħin, permezz ta' azzjoni komuni, sabiex tiżgura progress soċjali u tfittex titjib kontinwu fil-kundizzjonijiet ta' l-għajxien u x-xogħol. Il-Qorti kkonkludiet li l-għan ekonomiku li l-Artikolu 141 tal-KE jfittex li jikseb huwa sekondarju għall-għan soċjali lil-istess dispożizzjoni tfittex li tikseb u li tikkostitwixxi l-espressjoni ta' dritt fundamentali[1].

Il-Karta tad-drittijiet fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, iffirmata f'Nizza fis-7 ta' Diċembru 2000, għarfet ukoll fl-Artikolu 23 l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa bħala prinċipju fundamentali.

Sar ukoll progress sinifikanti f'dik li hija leġiżlazzjoni sekondarja. Id-Direttivi eżistenti stabbilew il-bażi legali għal bidliet radikali fil-leġiżlazzjoni, attitudnijiet u prassi nazzjonali, filwaqt li l-Qorti permezz tal-ġurisprudenza tagħha għenet sabiex tiċċara u tiżviluppa aktar l-interpretazzjoni u l-ambitu tal-prinċipju ta' trattament ugwali.

---

1 Is-Sentenza tal-Qorti ta' l-10 ta' Frar 2000. Deutsche Post AG v Elisabeth Sievers (C-270/97) u Brunhilde Schrage (C-271/97). Il-Każi konġunti C-270/97 u C-271/97. ECR 2000 p. I-00929

Minn Direttiva tal-bidu (75/117/KEE) dwar paga ndaqs li kienet adottata fuq il-bażi ta' l-ex-Artikolu 100 fl-1975, u li kompliet timplimenta u tapplika l-ex-Artikolu 119 tat-Trattat tal-KE, l-ambitu ta' trattament ugwali ġie estiż sabiex ikopri oqsma oħra ta' politika soċjali. Fl-1976 it-tieni Direttiva, dwar it-trattament ugwali li għandu x'jaqsam ma' aċċess għal impjiegi, taħriġ vokazzjonali, promozzjoni u kundizzjonijiet ta' xogħol (id-Direttiva 76/207/KEE), ġiet adottata fuq il-bażi ta' l-ex-Artikolu 235 tal-KE. Fl-1979, it-tielet Direttiva (79/7/KEE), relatata ma' l-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju ta' trattament ugwali fi kwistjonijiet tas-sigurtà soċjali (skemi statutarji), kienet adottata fuq il-bażi ta' l-ex-Artikolu 235 tal-KE.

Fl-1986 żewġ Direttivi oħra ġew adottati, waħda fuq il-bażi ta' l-ex-Artikoli 100 u 235 tat-Trattat tal-KE b'relazzjoni għal skemi ta' sigurtà soċjali fuq il-post tax-xogħol (86/378/KEE) u l-oħra, fuq il-bażi ta' l-ex-Artikolu 235 tat-Trattat tal-KE, fuq l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa impenjati f'attività, inkluża l-agrikoltura, bħala nies li jaħdmu għal rashom, u fuq il-protezzjoni tan-nisa li jaħdmu għal rashom matul it-tqala u l-maternità (86/613/KEE).

Il-modifiki suċċessivi tat-Trattat ippermettew l-adozzjoni ta' Direttivi b'bażijiet legali ġodda u taħt proċeduri oħra li enfasizzaw, fost ħwejjeġ oħra, ir-rwol li l-imsieħba soċjali jista' jkollhom fil-qasam ta' l-ugwaljanza, b'mod partikolari d-Direttivi dwar il-protezzjoni tat-tqala u tal-maternità (92/85/KEE) adottati fuq il-bażi ta' l-ex-Artikolu 118A tat-Trattat tal-KE u dwar lîf tal-ġenituri (96/34/KE). Id-Direttiva 96/34/KE kienet l-ewwel Direttiva adottata wara l-ewwel ftehim ta' msieħba soċjali fil-livell Komunitarju wara t-Trattat ta' Maastricht taħt il-Ftehim fuq il-politika soċjali, anness mal-Protokoll (Nru 14) fuq il-politika soċjali, anness mat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 (2) ta' dan.

Wara serje ta' sentenzi importanti tal-Qorti tal-Ġustizzja, kien meqjus neċessarju li tiġi adottata d-Direttiva 96/97/KE ta' wara Barber, li temenda d-Direttiva 86/378/KEE, sabiex tkun żgurata konformità bejn id-Direttiva 86/378 u l-ex-Artikolu 119 (issa l-Artikolu 141), kif interpretat mill-Qorti fis-sentenza ta' Barber u sentenzi oħrajn sussegwenti.

Il-ġurisprudenza tal-Qorti u l-bżonn ta' l-effikaċja tal-liġi Komunitarja wasslu lill-Kunsill, fuq il-bażi ta' proposta tal-Kummissjoni, li jadotta d-Direttiva 97/80/KE dwar il-piż tal-prova taħt il-Ftehim fuq il-politika soċjali, anness mal-Protokoll (Nru 14) dwar il-politika soċjali, anness mat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 2 (2) ta' dan.

Ibbażati fuq raġunijiet legali differenti, id-Direttivi eżistenti (bl-emendi tagħhom) jipprovdu ambjent leġiżlattiv b'saħħtu. M'hemmx dubju, madankollu, li dawn għandhom bżonn ikunu aġġornati u ssemplifikati sabiex jiggarantixxu aktar ċarezza u ċertezza f'Unjoni ta' wara t-tkabbir u sabiex ikunu aktar faċli biex jinqraw.

Il-modifika reċenti tad-Direttiva 76/207/KEE permezz tad-Direttiva 2002/73/KE, adottata taħt il-bażi legali speċifika ta' l-Artikolu 141(3) KE li kienet introdotta permezz tat-Trattat ta' Amsterdam, uriet ukoll li l-leġislatur qabel li hemm bżonn reali biex jiġu aġġornati d-Direttivi eżistenti (li wħud għandhom aktar minn għoxrin sena). Id-Direttiva 2002/73/KE tagħti kas ta' l-iżviluppi l-ġodda fit-Trattat (il-mezz legali biex jiġi implimentat il-prinċipju ta' trattament ugwali u ta' ħidma għall-kisba ta' l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa kien imtejjeb konsiderevolment wara t-Trattat ta' Amsterdam), il-ġurisprudenza tal-Qorti (li żviluppat konsiderevolment il-prinċipju ta' trattament ugwali) u l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni oħra simili (id-Direttivi 2000/43/KE u 2000/78/KE bbażati fuq l-Artikolu 13 tal-KE).

F'dan il-kuntest, il-leġiżlazzjoni dwar it-trattament ugwali ta' l-irġiel u tan-nisa ġiet identifikata bħala qasam ta' politika li għandu prijorità għal semplifikazzjoni, modernizzazzjoni u titjib[2]. L-għan ġenerali ta' semplifikazzjoni u titjib ta' l-ambjent leġiżlattiv huwa b'mod partikolari rilevanti fil-każ ta' leġiżlazzjoni dwar trattament ugwali għax irġiel u nisa individwali huma direttament affettwati minnha u għandhom bżonn li jkollhom id-drittijiet individwali tagħhom stabbiliti b'mod ċar.

## 2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET U TA' L-ISTIMA TA' L-IMPATT

F'Lulju 2003, il-Kummissjoni bdiet konsultazzjoni fuq l-Internet[3], bħala stedina lill-Istati Membri, u lil partijiet oħra interessati (Imsieħba Soċjali, NGOs, assoċjazzjonijiet tan-Nisa, kif ukoll individwi) sabiex jippreżentaw l-opinjonijiet tagħhom dwar l-inizjattiva tal-Kummissjoni. Il-konsultazzjoni kienet ibbażata fuq Karta ta' Għażliet li stabbilit it-tliet għażliet li setgħu jintgħażlu fil-proċess ta' semplifikazzjoni, modernizzazzjoni u titjib ta' leġiżlazzjoni fil-qasam tat-trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa. Waslu tletin risposta mingħand Stati Membri, imsieħba soċjali, istituzzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mat-trattament ugwali u NGOs. Il-kummenti kollha kienu kostruttivi. Il-parti l-kbira tar-risposti wrew il-fehma li semplifikazzjoni, modernizzazzjoni u titjib huma neċessarji. F'termini wesgħin, il-Gvernijiet li taw risposta, kif ukoll il-partijiet interessati mill-industrija, mill-kummerċ u mill-professjonijiet ħielsa, fittxew strateġija li timplika bidla inqas, filwaqt li bidliet b'impatt akbar fuq l-istruttura leġiżlattiva Komunitarja kienu ffavoriti minn rappreżentanti ta' ħaddiema u NGOs.

Fit-3 ta' Ottubru 2003 saret laqgħa informali ma' esperti minn Stati Membri, Pajjiżi Applikanti u Pajjiżi ta' l-EFTA. Din il-laqgħa ntużat sabiex ikomplu jiġu spjegati l-għażliet ta' politika u sabiex ikun hemm diskussjoni aktar profonda dwar dawn l-għażliet. L-inizjattiva tal-Kummissjoni sabiex tiċċara u tissemplifika l-leġiżlazzjoni Komunitarja filwaqt li żżomm l-acquis, kienet ġeneralment milqugħa bħala l-istrateġija t-tajba. Uħud mill-parteċipanti ppreferew kodifikazzjoni pura imma deher li oħrajn kienu aktar favur bidliet moderati permezz ta' bidla fil-leġiżlazzjoni eżistenti filwaqt li oħrajn, terġa', appoġġjaw strateġija b'effett akbar. Kienet enfasizzata l-importanza li l-acquis preżenti jinżamm b'mod sħiħ, filwaqt li jkunu integrati biss dawk is-sentenzi tal-Qorti li kienu ġurisprudenza stabbilita sew.

Sar ukoll skambju informali ta' opinjonijiet ma' l-imsieħba soċjali rappreżentati fuq il-livell ta' l-UE (UNICE, CEEP, UEAPME, ETUC).

Fid-19 ta' Ottubru 2003, il-Kumitat Konsultattiv tal-Kummissjoni dwar opportunitajiet ugwali adotta opinjoni fuq din il-kwistjoni, filwaqt li kkjarifika li minħabba n-natura tal-Kumitat u l-istat tal-membri tiegħu, l-opinjoni la tirrifletti u lanqas torbot lill-Gvernijiet ta' l-Istati Membri. L-opinjoni hija favur direttiva ġdida b'tibdiliet li tinkludi d-direttiva tal-maternità. Ir-rappreżentanti ta' l-UNICE, l-UEAPME u s-CEIP adottaw pożizzjoni separata, mehmuża ma' l-Opinjoni, favur semplifikazzjoni mingħajr kwalunkwe modifika lil-leġiżlazzjoni eżistenti.

Is-servizzi tal-Kummissjoni għamlu wkoll Stima Estiża ta' l-Impatt (mehmuża bħala anness).

Fid-dawl ta' l-analiżi komprensiva ta' l-għażliet possibbli għat-titjib ta' l-istruttura leġiżlattiva għal trattament ugwali tal-KE, jidher li direttiva ġdida b'tibdiliet, tkun l-aktar adattata għall-

[2] Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ta' l-24.1.2003 "L-aġġornament u s-semplifikazzjoni ta' l-acquis Komunitarju", COM(2003)71finali.

[3] http://europa.eu.int/comm/employment_social/news/2003/jul/consultation_en.html.

ħtiġijiet ta' aġġornament, semplifikazzjoni, modernizzar u titjib ta' l-acquis Komunitarju f'dan il-qasam. Huwa għalhekk propost li tkun ippreżentata direttiva li:

– tipprovdi test uniku koerenti fuq il-bażi ta' Direttivi konsolidati, strutturata b'mod ċar f'kapitoli differenti b'dispożizzjonijiet orizzontali u speċifiċi, u definizzjonijiet koerenti. It-test jirrifletti r-relazzjoni bejn aspetti differenti tat-trattament ugwali u juri kif dawn huma marbuta ma' xulxin, filwaqt li jsegwu prinċipji komuni.

– tirrifletti b'mod ċar ġurisprudenza stabbilita u b'hekk tikkontribwixxi għal ċertezza u ċarezza legali.

– tirrifletti b'mod ċar l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet orizzontali tad-Direttiva 2002/73/KE u d-Direttiva fuq ir-revoka tal-piż tal-prova f'każijiet ta' diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess għal paga ndaqs u skemi ta' sigurtà soċjali fuq il-post tax-xogħol.

– tipprovdi l-appoġġ neċessarju sabiex taċċelera l-implimentazzjoni effettiva ta' trattament ugwali sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika soċjo-ekonomika Komunitarja.

Din il-proposta tirrifletti l-għażla li tikkonsisti fl-amalgamazzjoni tad-Direttivi kollha li jimplimentaw il-prinċipju ta' paga ndaqs bejn l-irġiel u n-nisa (inkluż it-trattament ugwali fi skemi ta' sigurtà soċjali fuq il-post tax-xogħol), u wkoll id-Direttivi dwar it-trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa relatat ma' l-aċċess għall-impjiegi, taħriġ vokazzjonali u promozzjoni, u kundizzjonijiet ta' xogħol u d-Direttiva fuq il-piż tal-prova.

Din il-proposta sservi diversi għanijiet: l-ewwelnett tieħu l-forma ta' strument uniku sabiex jinqara' b'aktar faċilità u jkun hemm aktar ċarezza; tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa relatat ma' l-impjiegi u x-xogħol; fl-aħħarnett ittejjeb l-acquis f'dawn l-oqsma bl-integrazzjoni tal-ġurisprudenza tal-Qorti.

## 3. IL-MIŻURI INDIKATI FIL-PROPOSTA GĦAL DIRETTIVA

Minn perspettiva ġenerali, il-proposta korrenti għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għandha l-għan li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali fi kwistjonijiet koperti mid-Direttivi preċedenti miġbura mill-ġdid f'test wieħed. Għalhekk l-għan tal-proposta huwa:

- li jkunu żgurati l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali u tat-trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet li jirrigwardaw aċċess għal impjiegi, taħriġ vokazzjonali u promozzjoni, u kundizzjonijiet ta' xogħol, inkluż il-prinċipju ta' paga ndaqs għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali, u

- li jkun żgurat li l-miżuri li jittieħdu mill-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-prinċipji ta' paga ndaqs u trattament ugwali jsiru aktar effettivi, sabiex il-persuni kollha li jaħsbu li ġew ittrattati ħażin, għaliex dawn il-prinċipji ma ġewx applikati fil-każ tagħhom, jista' jkollhom id-drittijiet tagħhom stabbiliti/asseriti minn proċess ġudizzjali wara rikors possibbli lil korpi kompetenti oħra.

<u>**L-innovazzjonijiet prinċipali tal-proposta korrenti huma dawn li ġejjin:**</u>

- l-integrazzjoni tal-ġurisprudenza tal-ECJ b'mod partikolari fir-rigward ta':

- paga ndaqs li tista' tkun attribwita għal sors uniku – is-sentenzi[4] ta' Lawrence u wkoll ta' Allonby - (ara l-Artikolu 4 tal-proposta korrenti u l-premessa 9);

- trattament ugwali u skemi ta' pensjonijiet għal uffiċjali pubbliċi – il-ġurisprudenza tal-Qorti fis-sentenzi[5] ta' Beune, Evrenopoulos u Niemi – (ara l-Artikolu 6(2) tal-proposta korrenti u l-premessa 12);

- il-kjarifika ta' l-estensjoni tal-protezzjoni ta' ħaddiema tqal għall-kundizzjonijiet kollha tax-xogħol u mhux biss għad-dritt li jirritornaw għall-impjieg preċedenti tagħhom jew għal pożizzjoni ekwivalenti – modifiki introdotti mid-Direttiva 2002/73/KE bit-tieni punt, tal-paragrafu 7 ta' l-Artikolu 1, tagħha li jissostitwixxi l-Artikolu 2 tad-Direttiva 76/207/KEE skond il-ġurisprudenza ta' l-ECJ – (ara l-Artikolu 15(1) u (2) tal-proposta korrenti);

- l-applikazzjoni tad-definizzjonijiet li jinsabu fid-Direttiva 2002/73/KE għall-oqsma kollha koperti mill-proposta preżenti (ara l-Artikolu 2 tal-proposta korrenti u l-premessa 5);

- l-estensjoni tar-regoli dwar il-piż tal-prova għall-oqsma kollha li jaqgħu fl-ambitu materjali tal-proposta – li jiggarantixxu l-effikaċja tal-prinċipju ta' trattament ugwali (kif jidher b'analoġija fir-rigward tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni fid-Direttivi ta' l-Artikolu 13) – (ara l-Artikolu 20 tal-proposta korrenti);

- l-estensjoni tad-dispożizzjonijiet fuq id-difiża tad-drittijiet minn assoċjazzjonijiet li għandhom interess leġittimu, introdotti mid-Direttiva 2002/73/KE, għal oqsma oħra koperti mill-proposta preżenti – skond tibdiliet magħmula mid-Direttiva 2002/73/KE – (ara l-Artikolu 17 (2) tal-proposta korrenti);

- l-estensjoni tad-dispożizzjoni li tiċċara l-kwistjoni ta' regoli nazzjonali fuq il-limiti ta' żmien għas-sottomissjoni ta' talbiet, għall-oqsma l-oħra kollha koperti mill-proposta preżenti – skond l-Artikolu 6 tad-Direttiva 76/207/KEE kif emendat mid-Direttiva 2002/73/KE – (ara l-Artikolu 17 (3) tal-proposta korrenti);

- l-estensjoni tal-ġurisprudenza fuq sanzjonijiet/penali għall-oqsma kollha koperti mill-proposta preżenti – skond tibdiliet magħmula mid-Direttiva 2002/73/KE - (ara l-Artikoli 18 u 26 tal-proposta korrenti);

- l-estensjoni ta' regoli dwar korpi għall-promozzjoni ta' trattament ugwali u wkoll dispożizzjonijiet dwar djalogu soċjali għall-oqsma l-oħra kollha koperti mill-proposta preżenti - skond tibdiliet magħmula mid-Direttiva 2002/73/KE - (ara l-Artikoli 21 sa 23 tal-proposta korrenti);

- l-estensjoni ta' l-obbligazzjoni ta' l-integrazzjoni tas-sessi (*gender mainstreaming*) għall-oqsma l-oħra ta' trattament ugwali koperti mill-proposta preżenti – skond l-Artikolu 3 (2) KE u f'konformità ma' l-Artikolu 1 (1a) tad-Direttiva 76/207/KEE, kif imdaħħal mid-Direttiva 2002/73/KE mill-ewwel punt ta' l-Artikolu 1 tagħha - (ara l-Artikolu 29 tal-proposta korrenti);

---

4 Is-Sentenzi tal-Qorti tas-17 ta' Settembru 2002. A. G. Lawrence u Oħrajn v Regent Office Care Ltd, Commercial Catering Group u Mitie Secure Services Ltd. Każ C-320/00. Ir-rapporti tal-Qorti Ewropea 2002 Paġna I-07325 u Allonby, C-256/01

5 Is-Sentenzi tal-Qorti tat-28 ta' Settembru 1994 il-Każ C-7/93 Beuene ECR 1994 paġna I-4471; 17 ta' April 1997 il-Każ C-147/95 Evrenopoulos, ECR 1997 p I-2057; u 12 ta' Settembru 2002 il-Każ C-351/00 Neimi, ECR 2002 p. I-07007

- l-introduzzjoni ta' klawsola ta' eżami mill-ġdid – din hija klawsola standard - (ara l-Artikolu 32 tal-proposta korrenti).

Din il-proposta hija strutturata f'ħames titoli kif ġej.

## TITOLU I ID-DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

L-għan tal-proposta huwa speċifikat f'dan it-titolu, jiġifieri li tkun żgurata l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali u trattament ugwali ta' l-irġiel u tan-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol.

Dan it-titolu jipprovdi wkoll għall-applikazzjoni tad-definizzjonijiet (diskriminazzjoni u fastidju diretti u indiretti u fastidju sesswali) li jinstabu fid-Direttiva 2002/73/KE għall-kwisjonijiet koperti mid-Direttivi l-oħra miġbura mill-ġdid fil-proposta. Fih ukoll id-definizzjoni ta' paga li tinsab fl-Artikolu 141(2) KE u wkoll id-definizzjoni ta' skemi ta' sigurtà soċjali fuq il-post tax-xogħol li tinstab fid-Direttiva 86/378/KEE, kif modifikata mid-Direttiva 96/97/KE.

Din il-proposta għal Direttiva f'dak li għandu x'jaqsam l-ambitu personali tapplika għall-popolazzjoni li taħdem kollha kemm hi u għal persuni li qed iressqu talba taħt dawn.

## TITOLU II ID-DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI

Dan it-titolu jikkonsisti fi tliet kapitoli, wieħed fuq il-prinċipju ta' paga ndaqs għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali, it-tieni fuq il-prinċipju ta' trattament ugwali fi skemi ta' sigurtà soċjali fuq il-post tax-xogħol u t-tielet fuq il-prinċipju ta' trattament ugwali għal irġiel u nisa fejn għandhom x'jaqsmu aċċess għal impjiegi, taħriġ vokazzjonali u promozzjoni u kundizzjonijiet ta' xogħol.

### Kapitolu 1 Il-prinċipju ta' paga ndaqs

Dan il-kapitolu jikkorrispondi mad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-Direttiva 75/117/KEE. Huwa jinkorpora wkoll ġurisprudenza reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja.[6] Huwa importanti li wieħed jinnota li sa mit-8 ta' April 1976 (id-data tas-sentenza *Defrenne II*)[7] il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea ddikjarat li l-ex-Artikolu 119 tat-Trattat tal-KE (issa l-Artikolu 141 tal-KE) dwar paga ndaqs huwa dispożizzjoni b'effett dirett. Il-Qorti, sa mill-1970 (mis-sentenza tagħha f'*Defrenne I*)[8], żviluppat il-ġurisprudenza tagħha dwar paga ndaqs billi ċċarat l-ambitu ta' l-ex-Artikolu 119 tat-Trattat tal-KE kif ukoll tad-Direttiva 75/117/KEE.

F'dan il-kuntest jidher li, fil-preżent, il-leġiżlazzjoni sekondarja li tikkonċerna l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ndaqs, jiġifieri d-Direttiva 75/117/KEE dwar paga ndaqs, ma tirriflettix bis-sħiħ il-ġurisprudenza reċenti ta' l-ECJ. Ir-revoka tad-Direttiva 75/117/KEE u s-sostituzzjoni tagħha b'Direttiva ġdida unika b'tibdiliet fuq il-bażi tal-proposta preżenti, tista' tiċċara l-kontenut tal-prinċipju ta' paga ndaqs, minħabba li d-Direttiva l-ġdida tista' tirrifletti b'mod sħiħ l-interpretazzjoni ta' paga prevista mit-Trattat u l-interpretazzjoni ta' din mill-

---

6 Is-Sentenzi tal-Qorti tas-17 ta' Settembru 2002. A. G. Lawrence u Oħrajn v Regent Office Care Ltd, Commercial Catering Group u Mitie Secure Services Ltd. Il-Każ C-320/00. Ir-rapporti tal-Qorti Ewropea 2002 Paġna I-07325 u Allonby, C-256/01

7 Is-Sentenza tat-8 ta' April 1976. il-Każ C-43/75 , ECR. 1976 P.455

8 Is-Sentenza tal-25 ta' Mejju 1971, f'C-80/70 Defrenne v l-Istat Belġjan ECR 1971 P.445

ECJ. Dan jintlaħaq bl-integrazzjoni tas-sentenza Allonby[9] kif ukoll dik ta' Lawrence[10] fl-Artikolu 4 ta' din id-Direttiva. Barra minn dan, l-idea ta' paga relatata ma' skemi ta' pensjoni għal uffiċjali pubbliċi kif intwera fil-każijiet Niemi[11] u Beune[12] hija kodifikata fl-Artikolu 6 tad-Direttiva preżenti.

Huwa importanti li wieħed jinnota li l-punt 3, tal-paragrafu 1, tas-sottoparagrafu (c) ta' l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2002/73/KE diġà jipprevedi li l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali tfisser li m'huwa ser ikun hemm ebda diskriminazzjoni diretta jew indiretta fuq bażi ta' sess fis-setturi pubbliċi jew privati, inklużi korpi pubbliċi, b'relazzjoni għall-paga, fost ħwejjeġ oħra, kif previst mid-Direttiva 75/117/KEE.

Din il-ġurisprudenza, li diġà hija parti mill-acquis Komunitarju, tista' tinġabar fil-qosor kif ġej:

**<u>- Xogħol ta' valur ugwali</u>**

Il-Qorti speċifikat li l-Artikolu 141(1) jistabbilixxi l-prinċipju li xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali għandu jkun rimunerat bl-istess mod, kemm jekk ikun imwettaq minn raġel u kemm jekk minn mara. Sabiex ikun applikabbli, wieħed jassumi għalhekk li l-ħaddiema rġiel u l-ħaddiema nisa jinstabu f'sitwazzjonijiet komparabbli.

F'dan il-kuntest il-prinċipju ta' paga ndaqs stabbilit mill-ex-Artikolu 119 tat-Trattat tal-KE ma jwaqqafx milli jsir ħlas ta' pagament globali esklussivament lil ħaddiema nisa li jieħdu l-lîf tal-maternità, fejn tali ħlas huwa maħsub sabiex jibbilanċja l-iżvantaġġi li jinqalgħu fuq il-post tax-xogħol għal dawk il-ħaddiema għaliex ma kinux qed imorru x-xogħol[13] peress li s-sitwazzjoni partikolari tagħhom, minħabba l-maternità, ma tistax titqabbel ma' dik ta' ħaddiema rġiel.

Il-Qorti ddeċidiet f'diversi okkażjonijiet li d-determinazzjoni ta' valur ugwali tinvolvi paragun tax-xogħol ta'ħaddiema mara ma' dak ta' ħaddiem raġel li jagħmel xogħol komparabbli b'referenza għall-ħiliet mitluba mill-ħaddiema fit-twettiq tal-ħidmiet bħal kapaċità, sforz u responsabbiltà, jew ix-xogħol magħmul u n-natura tal-ħidmiet involuti fix-xogħol li jrid jitwettaq.

Il-Qorti żviluppat il-kriterji ta' komparabilità fir-rigward tal-prinċipju ta' paga ndaqs għall-irġiel u għan-nisa. Skond il-Qorti[14]

- L-Artikolu 141 tal-KE u d-Direttiva 75/117/KEE japplikaw għal skemi ta' ħlas għal xogħol imħallas bl-imqietgħa fejn il-ħlas jiddependi totalment jew fil-parti l-kbira tiegħu fuq il-produzzjoni individwali ta' kull ħaddiem.

---

[9] Is-Sentenza tat-13.01.2004
[10] (2002) ECR I-7325
[11] (2002) ECR I-7007
[12] (2002) ECR I-4471
[13] Is-Sentenza tal-Qorti tas-16 ta' Settembru 1999 fil-Każ C-218/98, Oumar Dabo Abdoulaye u Oħrajn v Régie nationale des usines Renault SA. , ECR 1999 I p. 5723
[14] Is-Sentenza tal-Qorti tal-31 ta' Mejju 1995, fil-Każ C-400/93 Specialarbejderforbundet i Danmark v Dansk Industri, qabel Industriens Arbejdsgivere, f'isem għal Royal Copenhagen A/S., ECR 1995 I p.1275

- Il-prinċipju ta' paga ndaqs għall-irġiel u għan-nisa iddikjarat fl-Artikolu 141 tal-KE u l-Artikolu 1 tad-Direttiva 75/117 ifisser li s-sempliċi sejba li fi skema ta' ħlas għal xogħol imħallas bl-imqietgħa l-ħlas medju ta' grupp ta' ħaddiema, li huwa magħmul fil-biċċa l-kbira minn nisa, li jkunu qed jwettqu xi tip ta' xogħol jidher sew li huwa inqas mill-ħlas medju ta' grupp ta' ħaddiema magħmul fil-biċċa l-kbira minn irġiel, li jkunu qed iwettqu xi tip ieħor ta' xogħol li huwa mogħti valur ugwali mhux biżżejjed biex ikun stabbilit li hemm diskriminazzjoni f'dik li hija l-paga. Madankollu fejn, fi skema ta' ħlas għal xogħol imħallas bl-imqietgħa l-paga individwali tikkonsisti minn element varjabbli li jiddependi fuq il-produzzjoni ta' kull ħaddiem u fuq element fiss li jkun differenti skond il-grupp ta' ħaddiema konċernati, m'huwiex possibbli li jiġu identifikati l-fatturi li ddeterminaw ir-rati jew l-unitajiet ta' qjies użati għall-kalkulazzjoni ta' l-element varjabbli fil-paga, dak li jħaddem jista' jkollu jerfa' l-piż li jipprova li d-differenzi misjuba m'humiex minħabba diskriminazzjoni sesswali.

- Għall-finijiet tal-paragun li jrid isir, fir-rigward tal-prinċipju ta' paga ndaqs għall-irġiel u għan-nisa, bejn il-paga medja ta' żewġ gruppi ta' ħaddiema mħallsa bil-biċċa xogħol, il-Qorti nazzjonali trid tiżgura ruħha li kull wieħed miż-żewġ gruppi jinkludi l-ħaddiema kollha li, filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni grupp ta' fatturi bħan-natura tax-xogħol, it-taħriġ meħtieġ u l-kundizzjonijiet ta' xogħol, jistgħu jitqiesu li qegħdin f'sitwazzjoni komparabbli u li jkopru numru relattivament kbir ta' ħaddiema sabiex ikun żgurat li d-differenzi m'humiex purament minħabba fatturi aċċidentali jew fatturi għal żmien qasir jew minħabba differenzi fil-produzzjoni individwali tal-ħaddiema konċernati.

Il-Qorti ddeċidiet ukoll li "f'każijiet ta' diskriminazzjoni reali li jaqgħu fl-ambitu ta' l-applikazzjoni diretta ta' l-Artikolu 119, il-paraguni huma ristretti għal xebh li jista' jsir fuq il-bażi ta' stimi konkreti tal-ħidma li tabilħaqq twettqet minn impjegati ta' sess differenti fl-istess stabbiliment jew servizz"[15].

Fi żmien aktar reċenti[16], madankollu, il-Qorti speċifikat li "f'din il-konnessjoni, m'hemm xejn fil-kliem ta' l-Artikolu 141(1) tal-KE li jissuġġerixxi li l-applikabilità ta' dik id-dispożizzjoni hija limitata għal sitwazzjonijiet fejn l-irġiel u n-nisa jaħdmu għall-istess persuna (li qed timpjegahom)". Il-Qorti ddeċidiet li l-prinċipju stabbilit minn dak l-Artikolu jista' jkun invokat quddiem Qrati nazzjonali, b'mod partikolari f'każijiet ta' diskriminazzjoni li ġejjin direttament minn dispożizzjonijiet leġiżlattivi jew ftehim ta' ħidma kollettivi, kif ukoll f'każijiet fejn il-ħidma titwettaq fl-istess stabbiliment jew servizz, kemm jekk privat u kemm jekk pubbliku (ara, fost l-oħrajn, il-paragrafu 40 f'Defrenne II; il-paragrafu 10 tal-Każ 129/79 Macarthys [1980] ECR 1275; u l-paragrafu 17 tal-Każ 96/80 Jenkins [1981] ECR 911). Madankollu, fejn, id-differenzi identifikati fil-kundizzjonijiet ta' paga ta' ħaddiema li qed iwettqu xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali ma jistgħux ikunu attribwiti għal sors uniku, m'hemmx korp li huwa responsabbli għall-inugwaljanza u li jista' jerġa' jġib lura trattament ugwali. Sitwazzjoni bħal din ma taqax fl-ambitu ta' l-Artikolu 141(1) tal-KE. Ix-xogħol u l-paga ta' dawk il-ħaddiema għalhekk ma jistgħux jitqabblu fuq il-bażi ta' dik id-dispożizzjoni.

---

15 Is-Sentenza f'C-129/79, McCarthy Ltd v. Wendy Smith, ECR 1980 P.1275, is-Sentenza tal-Qorti tat-30 ta' Marzu 2000 .Jämställdhetsombudsmannen v Örebro läns landsting. Paragun ta' paga ta' qabla ma' dik ta' tekniku kliniku – b'konsiderazzjoni għas-suppliment u għat-tnaqqis fis-sigħat ta' xogħol minħabba ħinijiet mhux konvenjenti ta' xogħol. Każ C-236/98. ECR 2000 I p. 2189

16 Is-Sentenza tal-Qorti tas-17 ta' Settembru 2002. A.G. Lawrence u Oħrajn v Regent Office Care Ltd, Commercial Catering Group u Mitie Secure Services Ltd. Il-Każ C-320/00. ECR. 2002 I p.7325

Għaldaqstant, il-Qorti bil-ġurisprudenza msemmija hawn fuq introduċiet element ġdid li huwa aktar ġenerali mill-istess stabbiliment jew l-istess servizz biex jitqabbel xogħol ta' valur ugwali, dak ta' sors wieħed. Meta d-differenzi identifikati fil-kundizzjonijiet tal-paga ta' ħaddiema ta' sess differenti li qed iwettqu xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali ma jistax ikun attribwit għal sors uniku, ma jaqgħux taħt l-ambitu ta' l-Artikolu 141(1) tal-KE[17]. Il-proposta korrenti tikkodifika din il-ġurisprudenza.

**- L-evalwazzjoni u l-klassifikazzjoni ta' l-impjiegi**

Id-Direttiva 75/117/KEE fl-Artikolu 1 tagħha tipprevedi li "B'mod partikolari, fejn tintuża sistema ta' klassifikazzjoni ta' impjiegi biex tkun iddeterminata l-paga, din għandha tkun ibbażata fuq l-istess kriterji kemm għall-irġiel u kemm għan-nisa u għalhekk għandha tinkiteb b'mod li teskludi kwalunkwe diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess".

Il-Qorti permezz tal-ġurisprudenza tagħha, speċjalment fis-sentenza tagħha fil-Każ C-237/85, Gisela Rumler v. Dato Druck GmbH, ippreskriviet tliet prinċipji ta' gwida li jsegwu mill-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 1 tad-Direttiva 75/117/KEE fuq il-kwistjoni tal-klassifikazzjoni ta' impjiegi, kif ġej;

a) "Il-kriterji li jirregolaw il-klassifikazzjoni tar-rata tal-pagi jridu jiżguraw li x-xogħol li oġġettivament huwa l-istess jattira l-istess rata ta' paga kemm jekk imwettaq minn raġel u kemm jekk minn mara.

b) L-użu ta' valuri li jirriflettu r-rendiment medju ta' ħaddiema ta' wieħed mis-sessi bħala bażi biex jiġi ddeterminat il-limitu li għalih ix-xogħol jitlob jew jeħtieġ sforz jew jekk hux diffiċli jikkostitwixxi forma ta' diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess li tmur kontra d-Direttiva.

c) Sabiex sistema ta' klassifikazzjoni ta' l-impjiegi ma tkunx kollha diskriminatorja, għandha, sakemm tippermetti n-natura tax-xogħlijiet imwettqa, tikkunsidra kriterji li għalihom ħaddiema ta' kull sess jistgħu juru dispożizzjoni partikolari.

Dawn il-prinċipji ta' gwida jistabbilixxu li fil-kuntest ta' argument sistema ta' klassifikazzjoni ta' impjiegi taħt il-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 1 tad-Direttiva 75/117/KEE għandha, skond il-ġurisprudenza tal-Qorti, tkun formali, analitika, ibbażata fuq fatturi u mhux diskriminatorja.

Fi żmien aktar reċenti l-Qorti fis-sentenza tagħha[18] dwar *Brunnhofer* tas-26 ta' Ġunju 2001, iċċarat il-ġurisprudenza tagħha fuq il-klassifikazzjoni ta' l-impjiegi u fuq xogħol ta' valur ugwali:

- il-fatt li impjegata li tiddikjara li hija vittma ta' diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess u l-ħaddiem raġel li jagħmel xogħol komparabbli huma klassifikati fl-istess kategorija ta' impjieg skond il-ftehim kollettiv li jirregola l-impjieg tagħhom mhux biżżejjed fih innifsu biex wieħed jikkonkludi li ż-żewġ impjegati konċernati qed iwettqu l-istess xogħol jew xogħol li huwa attribwit bl-istess valur fis-sens ta' l-Artikolu 141 tat-Trattat tal-KE u l-Artikolu 1 tad-Direttiva 75/117/KEE, minħabba li din hija biss indikazzjoni waħda fost oħrajn li dan il-kriterju ntlaħaq;
- differenza fil-paga tista' tkun iġġustifikata minn ċirkustanzi mhux ikkunsidrati taħt il-ftehim kollettiv applikabbli għall-impjegati konċernati, sakemm dawn jikkostitwixxu raġunijiet

17 Ikkonfermat dan l-aħħar f'Allonby, C-256/01

18 Is-Sentenza tas-26 ta' Ġunju 2001, fil-Każ C-381/99, Brunnhofer, ECR I 2001 p. 4961.

oġġettivi li mhux relatati ma' kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq sess u huma konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità;
- fil-każ ta' xogħol imħallas skond rati ta' ħinijiet, differenza fil-paga mogħtija meta dawn jibdew l-impjieg tagħhom, lil żewġ impjegati ta' sess differenti għall-istess impjieg jew għal xogħol ta' valur ugwali ma tistax tkun iġġustifikata minn fatturi li jsiru magħrufa biss wara li l-impjegati konċernati jibdew xogħlhom u li jistgħu jiġu vvalutati biss ladarba jkun beda l-kuntratt ta' l-impjieg, bħal differenza fil-kapaċità ta' ħidma individwali tal-persuni konċernati jew fl-effikaċja tax-xogħol ta' impjegat speċifiku meta mqabbel ma' dak ta' kollega tiegħu.

**<u>Id-definizzjoni ta' Paga għall-finijiet ta' l-Artikolu 141(2)</u>**

Il-Qorti ddeċidiet għal aktar minn darba li l-kunċett ta' paga fis-sens tat-tieni paragrafu ta' l-ex-Artikolu 119 tat-Trattat tal-KE jinkludi l-benefiċċji kollha fi flus kontanti jew f'oġġetti, preżenti jew futuri, ladarba dawn jitħallsu, għalkemm indirettament minn dak li jħaddem lill-ħaddiem f'dak li għandu x'jaqsam l-impjieg tiegħu.[19]

Supplimenti individwali ta' ħlas mal-paga bażika (Handels v Danfoss)[20] u inkrimenti bbażati fuq anzjanità (Nimz)[21] flimkien mal-paga bażika u minima jaqgħu fl-ambitu ta' l-ex-Artikolu 119 tat-Trattat tal-KE. Fis-sentenza ta' l-4 ta' Ġunju 1992 (Bötel[22]), kien deċiż li l-ħin meta wieħed ma jkunx qed jaħdem (*time off*) bi ħlas għal impjegat li jaħdem biss parti mill-ġurnata jew mill-ġimgħa *(part-time)* li kien qed jieħu t-taħriġ tal-Kunsill tax-Xogħlijiet, kien jikkostitwixxi paga. Supplimenti lil "kapijiet ta' djar" huma inklużi fil-kunċett ta' paga (il-Kummissjoni Ewropea v. il-Lussemburgu).[23] Il-benefiċċji kkalkulati f'termini monetarji, bħas-sussidji tal-paga għall-mard jikkostitwixxu paga (Rinner-Kuhn).[24] Barra minn dan il-kalkulazzjoni monetarja għal ħin li wieħedma jkunx qed jaħdem fih (*time off*) sabiex isegwi taħriġ tal-kunsill tax-xogħlijiet instab li jikkostitwixxi paga (Bötel). Pensjonijiet, faċilitajiet għall-ivvjaġġar li jinkisbu ma' l-irtirar u skemi għal meta jagħlaq il-kuntratt ilkoll instabu li jikkostitwixxu paga (Garland, Barber[25]). Jidher għalhekk li kwalunkwe pagament dirett li jiżdied mal-paga bażika huwa kopert. Dan jidher ukoll li jinkludi l-bonus għal xift, is-sahra u l-forom kollha ta' paga skond mertu u rendiment.

L-applikazzjoni ta' l-ex-Artikolu 119 għal skemi ta' sigurtà soċjali kienet il-qalba tar-referenza għal deċiżjoni preliminari fil-Każ 80/70 Defrenne v l-Istat Belġjan[26]. Fis-sentenza tagħha f'dak il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat il-pożizzjoni tagħha bl-esklużjoni ta' l-iskemi tas-sigurtà soċjali statutarji mill-kunċett ta' "kwalunkwe konsiderazzjoni oħra" ta' l-ex-Artikolu 119 (issa l-Artikolu 141(2)). Il-Qorti, wara l-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali, ddeċidiet li l-kunċett ta' konsiderazzjoni mħallsa direttament jew indirettament, fi flus jew f'oġġetti, ma setax jinkludi l-benefiċċji ta' l-iskemi tas-sigurtà soċjali statutarji mingħajr kwalunkwe element ta' ftehim fl-intrapriża jew fil-fergħa tax-xogħol konċernata, u jkun applikabbli b'mod obbligatorju għall-kategoriji ġenerali tal-ħaddiema. Il-Qorti nnutat li, għall-iffininzjar ta' dawn l-iskemi, il-ħaddiema, dawk li jħaddmu u l-awtoritajiet pubbliċi jikkontribwixxu safejn ikun iddeterminat inqas mir-relazzjoni f'termini ta' l-impjieg bejn il-

---

19 Is-Sentenza tas-17 ta' Mejju 1990, C-262/88, Barber, ECR. 1990 P.1889
20 Is-Sentenza tas-17 ta' Ottubru 1989, C-109/88, Danfoss. ECR. 1989 P.3199
21 C-184/89, Nimz v.Freie und Hansestadt Hamburg, ECR 1991, p.322
22 C-360/90, Arbeiterwohlfahrt der Stadt Berlin v Bötel
23 C-58/81 ECR p.2175
24 C-171/88, Rinner-Kuhn v Spezial-Gebäudreinigung ECR.1989 p.2743
25 C-262/88 Barber, ECR 1990, p.I 1889
26 C-80/70, Defrenne I ECR 1971 p. 455.

ħaddiema u dawk li jħaddmu, milli minn konsiderazzjonijiet ta' politika soċjali. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti konkludiet li "kwalunkwe konsiderazzjoni oħra" ma setgħetx tkun ikkunsidrata bħala li tinkludi benefiċċji ta' skemi ta' sigurtà soċjali statutarji. Min-naħa l-oħra, madankollu, din il-linja tar-raġunament tfisser li skemi speċifiċi bħal skemi tax-xogħol ta' kumpaniji huma inklużi, għaliex huma tabilħaqq dawn li m'humiex direttament regolati mil-liġi. Dawn jinvolvu element ta' ftehim fl-intrapriża jew fil-fergħa, m'humiex obbligatorji għall-kategoriji ġenerali ta' ħaddiema imma biss għal dawk il-kategoriji koperti mill-intrapriża jew mill-fergħa, u huma ffinanzjati minn dawk li jħaddmu jew mill-ħaddiema li jikkontribwixxu direttament, skond il-ħtiġijiet tal-fondi ta' l-iskemi u mhux skond konsiderazzjonijiet ta' politika soċjali.

Fl-1986 fil-Każ 170/84 Bilka-Kaufhaus v Weber[27], il-Qorti kkonfermat id-deċiżjoni impliċita mogħtija fis-sentenza[28] Defrenne I hawn fuq imsemmija, jiġifieri li l-benefiċċji li ġejjin minn skema ta' sigurtà soċjali statutarja biss kienu barra mill-ambitu ta' l-ex-Artikolu 119 tat-Trattat tal-KE. Il-Qorti għalhekk iddeċidiet li skema ta' pensjoni tax-xogħol imħallsa minn min iħaddem tikkostitwixxi paga għall-finijiet ta' l-ex-Artikolu 119 tat-Trattat tal-KE.

Fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Mejju 1990 (il-Każ 262/88 Barber) u s-sentenzi sussegwenti tagħha (ara aktar 'l isfel) il-Qorti tikkonferma l-ġurisprudenza preċedenti tagħha f'170/84 Bilka, jiġifieri li benefiċċji taħt skemi tax-xogħol għal ħaddiema mħallsa jaqgħu fil-kunċett ta' paga fis-sens ta' l-ex-Artikolu 119 tat-Trattat tal-KE.

Il-fatt li pagamenti lill-impjegati m'humiex regolati mill-kuntratt ta' l-impjieg ma jneħħihomx mill-ambitu ta' paga fl-ex-Artikolu 119 tat-Trattat tal-KE. Huma inklużi l-flus mogħtija meta wieħed ikun ser jirtira u mħallsa skond id-diskrezzjoni ta' min iħaddem (Garland)[29]. Għalhekk il-paga hija koperta, kemm jekk skond kuntratt, skond dispożizzjonijiet statutarji jew kollettivi jew fuq bażi volontarji.

**Kapitolu 2 Il-prinċipju ta' trattament ugwali fl-iskemi okkupazzjonali tas-sigurtà soċjali**

Dan il-kapitolu jinkorpora d-dispożizzjonijiet prinċipali tad-Direttiva 86/378/KEE kif emendati mid-Direttiva 96/97/KE u barra dan jiċċara l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali fi skemi okkupazzjonali ta' sigurtà soċjali mingħajr ma jbiddel il-pożizzjoni legali korrenti. Dan jintegra wkoll ġurisprudenza aktar reċenti.[30]

**Paga ndaqs u l-iskemi okkupazzjonali tas-sigurtà soċjali**

Kif diġa indikat, l-ambitu ta' "paga" ġie ċċarat b'diversi deċiżjonijiet ta' l-ECJ, b'mod partikolari fir-rigward ta' skemi okkupazzjonali ta' sigurtà soċjali.

Fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Mejju 1990 (il-Każ 262/88 Barber)[31] il-Qorti kkonfermat is-sentenzi preċedenti tagħha (il-Każ 170/84 Bilka), fejn ma ħalliet l-ebda spazju għal dubju: benefiċċji u kontribuzzjonijiet ta' impjegati taħt it-termini ta' skema ta' pensjoni tax-xogħol

---

27 C-170/84, ECR 1986, p. 1607
28 ECR 1971, p. 445, il-Każ 80/70 Defrenne v l-Istat Belġjan ("Defrenne I").
29 C-12/81, Eileen Garland v British Rail Engineering Ltd, ECR 1982, p.359
30 Is-Sentenzi tal-Qorti tat-28 ta' Settembru 1994, il-Każ C-7/93 Beune, ECR 1994 paġna I-4471 tas-17 ta' April 1997 fil-każ 147/95 Evrenopoulos ECR p. I-02057, tad-29 ta' Novembru 2001, il-każ C-366/99 Griesmar ECR p. I-09383, tat-13 ta' Diċembru 2001 il-każ C-206/00. ECR 2001 I-0201 Henri Mouflin u aktar reċenti fis-sentenza tat-12 ta' Settembru 2002 f'C-351/00 Niemi ECR 2002 p. I-07007
31 ECR 1990, p.I 1889

jaqgħu fil-kunċett ta' paga fis-sens ta' l-ex-Artikolu 119 (l-Artikolu 141 tal-KE korrenti b'xi modifiki) tat-Trattat tal-KE li jikkonċerna paga ndaqs. Il-Qorti kkonfermat li dak li qalet b'mod impliċitu fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Mejju 1971 fil-Każ C-80/70 Defrenne I[32] jiġifieri li benefiċċji mogħtija taħt skema ta' pensjoni, li essenzjalment tirrelata ma' l-impjieg tal-persuna konċernata, jiffurmaw parti mill-paga li dik il-persuna rċeviet u jaqgħu fl-ambitu ta' l-ex-Artikolu 119 tat-Trattat tal-KE.[33]

Id-diskriminazzjoni bejn l-irġiel u n-nisa fi skemi tas-sigurtà soċjali tax-xogħol għalhekk hija pprojbita, mhux biss meta tkun stabbilita l-età ta' eliġibilità għall-pensjoni, imma wkoll meta pensjoni tax-xogħol hija offruta bħala kumpens għal tkeċċija minħabba raġunijiet ekonomiċi (il-fatti tal-Każ 262/88, Barber). Madankollu l-Qorti, meta tat is-sentenza Barber, ħalliet xi dubju dwar l-effetti (retroattivi) fiż-żmien ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 119 tat-Trattat dwar skemi okkupazzjonali tas-sigurtà soċjali.

Il-ġurisprudenza tal-Qorti fil-qasam ta' applikazzjoni ta' l-ex-Artikolu 119 fi skemi okkupazzjonali tas-sigurtà soċjali tista' tinġabar fil-qosor kif ġej:

Il-Qorti, fis-sentenzi tagħha tas-6 ta' Ottubru 1993 (Ten Oever), ta' l-14 ta' Diċembru 1993 (Moroni), tat-22 ta' Diċembru 1993 (Neath) u s-sitt sentenzi tat-28 ta' Settembru 1994 ikkonfermat l-interpretazzjoni ta' l-effett retroattiv ta' l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fi skemi tax-xogħol għal ħaddiema mħallsa[34] f'konformità mal-Protokoll addizzjonali għall-ex-Artikolu 119.

Fil-Każ C-109/91 "Ten Oever" (sentenza tas-6 ta' Ottubru 1993), il-Qorti kkonfermat li l-ex-Artikolu 119 japplika għall-benefiċċji għal min jibqa' ħaj *(survivors' benefits)* ipprovduti minn skema okkupazzjonali ta' sigurtà soċjali b'effett mis-17 ta' Mejju 1990 u m'hijiex aktar permessa d-diskriminazzjoni bejn l-irġiel u n-nisa minn dik id-data fl-għoti ta' tali benefiċċji.

Fil-Każ C-110/91 "Moroni" (sentenza ta' l-14 ta' Diċembru 1993), il-Qorti kkonfermat li l-ex-Artikolu 119 tat-Trattat tal-KE japplika għat-tipi kollha ta' l-iskemi tax-xogħol u, konsegwentement, l-età ta' eliġibilità għall-pensjoni tax-xjuħija jew ta' l-irtirar skond dawn l-iskemi trid tkun l-istess għaż-żewġ sessi b'effett mis-17 ta' Mejju 1990.

Fil-Każ C-152/91 "Neath" (sentenza tat-22 ta' Diċembru 1993) u l-Każ C-200/91 "Coloroll" (sentenza tat-28 ta' Settembru 1994), il-Qorti speċifikat li l-kontribuzzjonijiet ta' l-impjegati għal skema okkupazzjonali tas-sigurtà soċjali jridu jkunu l-istess għaż-żewġ sessi minħabba li dawn jikkostitwixxu element ta' paga fis-sens ta' l-ex-Artikolu 119 tat-Trattat tal-KE. Minn-naħa l-oħra, il-kontribuzzjonijiet ta' dawk li jħaddmu għal skemi bħal dawn jistgħu jvarjaw skond is-sess ladarba dawn huma bbażati fuq kalkoli attwarjali oġġettivi, li jikkunsidraw il-prospetti ta' ħajja itwal għan-nisa.

---

[32] ECR 1971 P.445

[33] Ara, b'mod partikolari, dwar dan, il-paragrafu 22 tal-Każ 170/84 Bilka v Weber von Hartz [1986] ECR 1607; il-paragrafu 28 ta' Barber; il-paragrafu 46 ta' Beune; u aktar reċenti l-paragrafu 32 fil-Każi Komuni C-234/96 u C-235/96 Deutsche Telekom v Vick u Conze [2000] ECR I-799.

[34] Is-Sentenzi tal-Qorti tas-6 ta' Ottubru 1993, C-109/91 Ten Oever, ECR 1993 p.I-4879, ta' l-14 ta' Diċembru 1993, C-110/91 Moroni, ECR I-6591, tat-22 ta' Diċembru 1993, C-152/91 Neath, ECR I-6953, tat-28 ta' Settembru 1994, C-200/91 Coloroll, ECR 1994 p. I-4389. Sentenzi tat-28 ta' Settembru 1994, C-57/93 Vroege ECR 1994 p.I-4541 u C-128-93 Fisscher ECR 1994, P.I-4583 u aktar reċentement, sentenzi tal-11 ta' Diċembru 1997, C-246/96 Magorrian ECR 1997 p. I-07153 u tas-16 ta' Mejju 2000 fil-każ C-78/98 Preston ECR 2000 p. I-03201.

Permezz tas-sentenzi tagħha f'dawn il-każi, il-Qorti ċċarat l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ndaqs fil-qasam ta' l-iskemi tax-xogħol, b'mod partikolari liema skemi jaqgħu taħt il-kunċett ta' paga ta' l-Artikolu rilevanti fit-Trattat[35].

Qabel is-sentenzi tal-Qorti, il-Kapijiet ta' l-Istat u tal-Gvern li ltaqgħu f'Maastricht iffirmaw protokoll supplementari għall-ex-Artikolu 119 tat-Trattat tal-KE li għandu l-intenzjoni li jillimita l-effetti fiż-żmien ta' l-ex-Artikolu 119 tat-Trattat tal-KE b'rabta ma' l-iskemi tax-xogħol. Dan il-Protokoll għadu anness ma' l-Artikolu 141 wara l-modifiki suċċessivi tat-Trattat (permezz tat-Trattati ta' Amsterdam u ta' Nizza).

Skond dan il-Protokoll:

"Għall-finijiet ta' l-ex-Artikolu 119, il-benefiċċji taħt l-iskemi okkupazzjonali tas-sigurtà soċjali m'humiex ser jitqiesu bħala rimunerazzjoni jekk u ladarba dawn huma attribwiti għal perjodi ta' impjieg qabel is-17 ta' Mejju 1990 (data tas-sentenza Barber), ħlief fil-każ ta' ħaddiema jew dawk li għamlu talba taħthom li qabel dik id-data bdew proċeduri legali jew għamlu talba ekwivalenti taħt il-liġi nazzjonali applikabbli".

Id-Direttiva 96/97/KE li temenda d-Direttiva 86/378/KE, adottata mill-Kunsill fuq il-bażi ta' proposta tal-Kummissjoni tirrifletti l-ġurisprudenza tal-Qorti u l-protokoll addizzjonali għall-ex-Artikolu 119 u kienet maħsuba biex, għal raġunijiet ta' ċertezza u ċarezza legali, tagħmel lil-leġiżlazzjoni sekondarja, jiġifieri d-Direttiva 86/378/KEE, konformi ma' l-ex-Artikolu 119 tat-Trattat tal-KE, kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja.

B'mod partikolari, fir-rigward tal-problema li jridu jitqiesu l-fatturi attwarjali li jvarjaw skond is-sess għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet u tal-benefiċċji taħt skemi tax-xogħol, wieħed għandu jżomm f'moħħu li l-Kummissjoni, fil-proposta tagħha tat-23 ta' April 1983 (COM (83) 217 finali), li kienet il-prekursur tad-Direttiva 86/378/KEE, tat lista mhux eżawrjenti, fl-Artikolu 6, ta' ċerti dispożizzjonijiet kuntrarji għall-prinċipju ta' trattament ugwali. Il-problema prinċipali b'din id-Direttiva ħarġet minn dan l-Artikolu, u b'mod partikolari mill-paragrafi (h) u (i).

Id-Direttiva 86/378/KEE pprovdiet li skemi jistgħu jikkunsidraw fatturi ta' kalkoli attwarjali, li jvarjaw skond is-sess fejn għandhom x'jaqsmu l-kontribuzzjonijiet u l-benefiċċji ta' min iħaddem ikkunsidrati bħala definiti mill-kontribuzzjoni. Ma' l-ewwel daqqa t'għajn, l-eċċezzjonijiet jirrelataw ma' skemi li jinvolvu kontribuzzjonijiet definiti, imma wieħed għandu jgħid li t-test adottat ma kienx ċar ħafna u, matul il-konsultazzjonijiet, li involvew esperti tal-gvern, fondi tal-pensjonijiet u l-imsieħba soċjali, bil-għan li jemendaw id-Direttiva 86/378, il-partijiet kollha qablu li t-test kellu jkun iċċarat.

Is-sitwazzjoni dwar id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6(h) u (i) tad-Direttiva 86/378/KEE ġiet iċċarata mill-ġurisprudenza tal-Qorti, u l-aktar permezz tas-sentenzi imsemmija aktar 'il fuq

[35] Is-Sentenzi tal-Qorti tas-6 ta' Ottubru 1993, C-109/91 Ten Oever, ECR 1993 p. I-4879, ta' l-14 ta' Diċembru 1993, C-110/91 Moroni, ECR I-6591, tat-22 ta' Diċembru 1993, C-152/91 Neath, ECR I-6953, tat-28 ta' Settembru 1994, C-200/91 Coloroll, ECR 1994 p.I-4389. Is-Sentenzi tat-28 ta' Settembru 1994, C-57/93 Vroege ECR 1994 p.I-4541 u C-128-93 Fisscher ECR 1994, P.I-4583, Sentenza tal-Qorti tat-28 ta' Settembru 1994. Il-Każ C-7/93. Beune, ECR 1994 paġna I-4471 u aktar reċentement sentenzi tal-11 ta' Diċembru 1997, C-246/96 Magorrian ECR 1997 p. I-07153 u tas-16 ta' Mejju 2000 fil-każ C-78/98 Preston ECR 2000 p. I-03201, is-sentenza tal-25 ta' Mejju 2000 fil-Każ C-50/99. Jean-Marie Podesta v Caisse de retraite par répartition des ingénieurs cadres & assimilés (CRICA) u Oħrajn. ECR 2000 Paġna I-04039

tat-22 ta' Diċembru 1993 (il-Każ C-152/91 Neath) u tat-28 ta' Settembru 1994 (il-Każ C-200/91 Coloroll). Skond il-Qorti, l-użu ta' fatturi attwarjali li jvarjaw skond is-sess fi skemi ta' pensjoni tax-xogħol iffinanzjati b'benefiċċju definit ma jaqax fl-iskop ta' l-ex-Artikolu 119 tat-Trattat tal-KE safejn jikkonċerna l-kontribuzzjonijiet ta' min iħaddem.

Il-Qorti wriet li din il-konklużjoni neċessarjament testendi għal aspetti speċifiċi tal-kwistjonijiet li kienu mgħoddija għandha għal deċiżjoni preliminari fil-każijiet ta' Neath u ta' Coloroll, b'mod partikolari il-kapitalizzazzjoni ta' parti mill-pensjoni perjodika u t-trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni, li l-valur tagħhom jista' jkun biss iddeterminat f'termini ta' l-arranġamenti tal-fondi.

Il-Qorti kompliet turi li kontribuzzjonijiet ta' impjegati, fi skema tax-xogħol kontributorja, iridu jkunu l-istess għaż-żewg sessi. Il-konklużjoni tagħha hija bbażata fuq l-idea li, fil-kuntest tal-pensjonijiet tax-xogħol, l-ex-Artikolu 119 ikopri biss dak li huwa mwiegħed minn min iħaddem, jiġifieri l-benefiċċji perjodiċi li jakkumulaw mill-pensjoni li wieħed ser jirċievi ladarba jilħaq l-età li fiha jkollu jirtira. Il-kontribuzzjonijiet ta' min iħaddem għalhekk ma jaqgħux fl-ambitu ta' l-ex-Artikolu 119, u lanqas ma jaqgħu s-somom trasferiti minn fond ta' pensjoni għal ieħor meta jkun hemm bidla fl-impjieg.

Dawn il-fatturi huma relatati b'mod ċar mal-"proviżjoni ta' fondi" għal skema ta' pensjoni u m'humiex, skond il-linja tar-raġunament tal-Qorti, koperti mill-ex-Artikolu 119. Dak li huwa inqas ċar huwa jekk din il-linja tar-raġunament teskludix ukoll mill-ambitu ta' l-ex-Artikolu 119 is-somma kapitali, li ċerti skemi jipprovdu bħala tpattija għar-rinunzja ta' parti mill-pensjoni normali. Il-Qorti tikkunsidra b'mod ċar li l-formazzjoni ta' kapital ta' dan it-tip hija eskluża mill-iskop ta' l-ex-Artikolu 119 (il-punt 33 fir-raġunijiet għas-sentenza Neath). Madanakollu, wieħed irid jinnota li s-somma kapitalizzata tirrappreżenta biss sostitutuzzjoni għal parti mill-pensjoni normali u li l-linja tar-raġunament tal-Qorti tapplika biss għal skemi b'benefiċċju definit.

Għalhekk, skond ma ntqal aktar 'il fuq, id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6(h) u (i) tad-Direttiva 86/378, kif adottati mill-Kunsill tal-Ministri fl-1986, jibqgħu konsistenti ma' l-ex-Artikolu 119 tat-Trattat tal-KE. Kien hemm, madankollu, bżonn ta' ċerti aġġustamenti li jgħinu sabiex jiċċaraw l-affarijiet, per eżempju billi ssir distinzjoni bejn skemi b'kontribuzzjoni definita (fejn min iħaddem iwiegħed kontribuzzjoni) u skemi b'benefiċċju definit (fejn il-wegħda ta' min iħaddem hija l-benefiċċju finali).[36] F'dak li jikkonċerna l-kontribuzzjonijiet ta' min iħaddem, il-Qorti ddeċidiet b'mod ċar fuq l-ammont li jrid jitħallas fil-kuntest ta' skemi b'benefiċċju definit fejn, skond il-Qorti, dan l-ammont jista' jvarja skond is-sess sabiex jitqiesu fatturi li jvarjaw ta' kalkolu attwarjali.

Minn-naħa l-oħra, il-Qorti ma ddeċidietx fuq l-ammont ta' kontribuzzjonijiet bħal dawn fi skemi b'kontribuzzjoni definita.

Fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Novembru 1993, fil-Każ C-132/92 Birds Eye Walls,[37] il-Qorti ddeċidiet li differenzi fil-kontribuzzjonijiet ta' min iħaddem taħt skemi bħal dawn (skemi ta' kontribuzzjoni definita) jistgħu jkunu permessi sakemm l-għan ikun li jinkisbu pensjonijiet ugwali għaż-żewġ sessi.

---

36 Il-punt 3 ta' l-Artikolu 1 tad-Direttiva 96/97/KE li jissostitwixxi l-Artikolu 6 tad-Direttiva 86/378/KEE, ara b'mod partikolari h) u i)

37 Birds Eye Walls Ltd. v Friedel M. Roberts. ECR 1993 I p. 5579

Fit-28 ta' Settembru 1994, minbarra s-sentenza fil-Każ C-200/91 Coloroll, il-Qorti kompliet tiċċara, f'ħames sentenzi oħra, l-ambitu ta' l-ex-Artikolu 119 tat-Trattat tal-KE u l-applikazzjoni tiegħu f'dak li għandhom x'jaqsmu l-iskemi okkupazzjonali tas-sigurtà soċjali .

Is-sentenza fil-Każ 200/91 Coloroll, minbarra l-kwistjoni ta' fatturi attwarjali, tikkonferma l-prinċipji ewlenin stabbiliti f'sentenzi preċedenti tal-Qorti (Ten Oever, Moroni, Neath), u b'hekk tipprovdi aktar ċarezza f'ċerti oqsma, bħall-fatt li l-ex-Artikolu 119 tat-Trattat tal-KE jistgħu jiddependu fuqu kemm l-impjegati u d-dipendenti tagħhom, kontra d-depożitarji (amministraturi ta' skemi tax-xogħol) li huma marbuta li josservaw il-prinċipju ta' trattament ugwali (obbligi rispettivi ta' min iħaddem u depożitarji).

Fis-sentenzi tagħha fil-Każijiet 408/92 Smith u 28/93 Van den Akker, il-Qorti tikkunsidra li l-ex-Artikolu 119 tat-Trattat tal-KE irid ikun interpretat bħala li jipprekludi lil dak li jħaddem milli jagħmel l-età li fiha wieħed ikollu jirtira l-istess billi jgħolli l-età għan-nisa bħal dik ta' l-irġiel fejn għandhom x'jaqsmu perjodi ta' servizz kompluti bejn is-17 ta' Mejju 1990 (id-data tas-sentenza Barber) u d-data li fiha l-miżuri l-ġodda jiġu fis-seħħ, sabiex ikun hemm konformità mas-sentenza Barber,.

Għalhekk, f'dak li għandhom x'jaqsmu l-perjodi ta' servizz kompletati bejn is-17 ta' Mejju 1990 u d-data tad-dħul fis-seħħ tar-regola li permezz tagħha l-iskema timponi età uniformi ta' rtirar, l-ex-Artikolu 119 ma jippermettix li tintlaħaq sitwazzjoni ta' ugwaljanza b'xi mod ieħor, ħlief li jiġu applikati l-istess arranġamenti li jgawdu l-impjegati nisa għall-impjegati rġiel.

Minn-naħa l-oħra, fir-rigward ta' perjodi ta' servizz kompletati wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-miżuri li tabilħaqq jistabbilixxu trattament ugwali, l-ex-Artikolu 119 ma jwaqqafx milli tittella' l-età li fiha n-nisa jkollhom jirtiraw għal dik ta' l-irġiel. Fir-rigward ta' perjodi ta' servizz qabel is-17 ta' Mejju 1990, il-liġi Komunitarja ma imponiet l-ebda obbligazzjoni li tista' tiġġustifika riduzzjoni retroattiva tal-vantaġġi li kienu jgawdu n-nisa.[38]

Is-sentenzi fil-Każ C-57/93 Vroege u l-Każ C-128/93 Fisscher jikkonċernaw id-dritt ta' ħaddiema li jaħdmu biss għal parti mill-ġurnata jew mill-ġimgħa *(part-time)* li jingħaqdu fi skema ta' pensjoni tax-xogħol. Il-Qorti, b'konferma tal-ġurisprudenza preċedenti tagħha (il-Każ C-170/84 Bilka), ikkunsidrat li l-esklużjoni ta' ħaddiema li jaħdmu biss għal parti mill-ġurnata *(part-time)* minn sħubija fi skema tax-xogħol tista' tikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta kontra n-nisa li hija pprojbita mill-ex-Artikolu 119 tat-Trattat tal-KE, jekk ma teżisti l-ebda ġustifikazzjoni oġġettiva għal esklużjoni bħal dik. Il-limitazzjoni ta' l-effetti fiż-żmien tas-sentenza Barber tas-17 ta' Mejju 1990, kif ukoll il-Protokoll Nru 2 li jikkonċerna l-ex-Artikolu 119 tat-Trattat tal-KE ma japplikawx għad-dritt li wieħed jidħol fi skema ta' pensjoni tax-xogħol, li għadha rregolata mis-sentenza Bilka tat-13 ta' Mejju 1985. Minħabba li din is-sentenza ta' l-aħħar ma nkludiet l-ebda limitazzjoni fiż-żmien, wieħed jista' joqgħod fuq l-effett dirett ta' l-ex-Artikolu 119 sabiex issir talba b'mod retroattiv għal trattament ugwali fil-każ tad-dritt li wieħed jidħol fi skema ta' pensjoni tax-xogħol u dan jista' jsir sa mit-8 ta' April 1976, id-data tas-sentenza Defrenne II li fiha l-Qorti ddeċidiet għall-ewwel darba li l-ex-Artikolu 119 għandu effett dirett. Fi żmien aktar reċenti, fis-sentenzi tal-11 ta' Diċembru 1997 fil-Każ C-246/96 Magorrian, u tas-16 ta' Mejju 2000 fil-Każ C-78/98

[38] Is-Sentenza tal-25 ta' Mejju 2000 fil-Każ C-50/99. Jean-Marie Podesta v Caisse de retraite par répartition des ingénieurs cadres & assimilés (CRICA) u Oħrajn. ECR 2000 Paġna I-04039

Preston, il-Qorti ċċarat il-ġurisprudenza tagħha f'dak li jikkonċerna s-sitwazzjoni ta' ħaddiema li jaħdmu biss għal parti mill-ġurnata jew mill-ġimgħa *(part-time)*.

Il-fatt li ħaddiem jista' jitlob, b'mod retroattiv, li jidħol fi skema ta' pensjoni tax-xogħol ma jippermettix lill-ħaddiem li jevita li jħallas il-kontribuzzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-perjodu tas-sħubija konċernat.

Wieħed jista' joqgħod fuq ir-regoli nazzjonali li għandhom x'jaqsmu mal-limiti ta' żmien sabiex jinbdew azzjonijiet taħt il-liġi nazzjonali kontra ħaddiema li jasserixxu d-dritt tagħhom li jidħlu fi skema ta' pensjoni tax-xogħol, sakemm huma m'humiex inqas favorevoli għal azzjonijiet bħal dawn milli għal azzjonijiet simili ta' natura domestika u li fil-prattika ma jagħmlux impossibbli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mill-liġi Komunitarja.

Fis-sentenza tagħha fil-Każ C-7/93 Beune, il-Qorti tiddikjara l-kriterji li skond huma l-ex-Artikolu 119 tat-Tratta tal-KE japplika fil-każ ta' ċerti skemi għall-impjegati maċ-Ċivil. F'sentenzi sussegwenti (sentenzi fil-każijiet Evrenopoulos, Griesmar, Mouflin u Niemi[39]) il-Qorti kompliet tiċċara s-sentenza tagħha tat-28 ta' Settembru 1994 fil-każ Beune, li skemi ta' rtirar fis-servizz ċivili (skemi tas-settur pubbliku) huma wkoll koperti mill-kunċett ta' paga fis-sens ta' l-Artikolu 119 preċedenti tat-Trattat tal-KE meta jiġu mir-relazzjoni ta' l-impjieg.

Il-Qorti ddeċidiet[40] li sabiex ikun stabbilit li skema ta' rtirar fis-servizz ċivili taqa' fl-ambitu ta' l-Artikolu 141 tal-KE (l-ex-Artikolu 119 tat-Trattat tal-KE) il-fatt li l-benefiċċju ta' pensjoni huwa marbut mar-relazzjoni ta' l-impjieg u, b'riżultat ta' dan, huwa mħallas mill-Istat fil-kapaċità tiegħu bħala dak li jħaddem, dak il-kriterju ma jistax jitqies bħala esklussiv, safejn pensjonijiet imħallsa taħt skemi ta' sigurtà soċjali statutarji jistgħu jirreflettu, fit-total jew f'parti minnhom, paga għal xogħol (il-paragrafu 44 f'Beune u l-paragrafu 29 fi Griesmar).

Madankollu, konsiderazzjonijiet ta' politika soċjali, ta' organizzazzjoni ta' l-Istat, ta' etika, jew anke ta' tħassib dwar baġit li influwenzaw jew li setgħu influwenzaw it-twaqqif ta' skema, permezz ta' leġislatura nazzjonali, ma jistgħux ikunu aċċettati jekk il-pensjoni tikkonċerna biss kategorija partikolari ta' ħaddiema, jekk hija direttament relatata mal-perjodu ta' servizz kompletat u jekk l-ammont tagħha huwa kkalkulat b'referenza għall-aħħar salarju ta' l-uffiċjal pubbliku. Il-pensjoni mħallsa minn min iħaddem fis-settur pubbliku hija, f'dak il-każ, definittivament komparabbli ma' dik imħallsa minn min iħaddem fis-settur privat lill-impjegati preċedenti tiegħu (il-paragrafu 45 f'Beune, il-paragrafu 30 fi Griesmar u l-paragrafu 47 fi Niemi).

Dawn is-sentenzi huma b'mod partikolari rilevanti għall-età li fiha wieħed jirtira, għall-benefiċċji għal min jibqa' ħaj *(survivor's benefits)* u għall-vantaġġi speċifiċi tax-xjuħija mogħtija lil persuni li qed jieħdu ħsieb lit-tfal tagħhom.

Din il-ġurisprudenza aħħarija issa hija wkoll riflessa b'mod ċar fit-test tad-Direttiva b'tibdiliet l-ġdida proposta.

---

39 Is-Sentenzi tal-Qorti tat-28 ta' Settembru 1994. Każ C-7/93 Beune, ECR 1994 paġna I-4471, tas-17 ta' April 1997 fil-każ 147/95 Evrenopoulos ECR p. I-02057, tad-29 ta' Novembru 2001, il-każ C-366/99 Griesmar ECR p.I-09383, tat-13 ta' Diċembru 2001 il-każ C-206/00. ECR 2001 I-0201 Henri Mouflin u aktar reċenti fis-sentenza tat-12 ta' Settembru 2002 f'C-351/00 Niemi ECR 2002 p. I-07007.

40 *Idem* bħal 42

Il-Qorti ċċarat ukoll fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Mejju 2000 fil-Każ C-50/99, Jean-Marie Podesta v Caisse de retraite par répartition des ingénieurs cadres & assimilés, li l-ex-Artikolu 119 tat-Trattat tal-KE japplika għal skemi privati supplementari ta' pensjoni ta' l-irtirar bejn ix-xogħlijiet ibbażati fuq kontribuzzjonijiet definiti mmexxija fuq bażi ta' ħlas mill-ewwel *(pay-as-you-go)* tant li l-għan ta' dawk l-iskemi huwa li jżidu jew jissostitwixxu l-benefiċċji provduti minn skemi ta' sigurtà soċjali statutarji u fejn il-pensjoni hija mħallsa lill-ħaddiem minħabba r-relazzjoni ta' l-impjieg bejnu u min kien iħaddmu qabel, kemm jekk sħubija f'tali skemi hija obbligatorja u kemm jekk m'hix.[41] Għaldaqstant, l-ex-Artikolu 119 tat-Trattat tal-KE, li jistabbilixxi l-prinċipju ta' paga ndaqs għall-irġiel u għan-nisa, huwa applikabbli għall-iskemi supplementari ta' pensjoni ta' rtirar ta' l-AGIRC u ta' l-ARRCO (l-Association Générale des Institutions de Retraite des Cadres (AGIRC) u l-Association des Régimes de Retraite Complémentaire (ARRCO)) fi Franza u jipprojbixxi li dawn jiddiskriminaw bejn l-irġiel u n-nisa fejn tidħol l-età li fiha huma intitolati għall-pensjoni ta' min jibqa' ħaj *(survivor's pension)* wara l-mewt tal-konjuġi tagħhom.

Il-Qorti kkonfermat ukoll fl-istess sentenza li skond ġurisprudenza stabbilita tagħha, wieħed jista' joqgħod fuq it-trattament ugwali fil-kwistjoni ta' pensjonijiet tax-xogħol mitlub mill-ex-Artikolu 119 tat-Trattat tal-KE f'dak li għandhom x'jaqsmu l-benefiċċji li jitħallsu għall-perjodi ta' servizz wara s-17 ta' Mejju 1990, id-data tas-sentenza Barber (ara, dwar dan, il-paragrafu 12 tal-Każ C-28/93 Van Den Akker u Oħrajn[42]). Minħabba dan skemi ta' pensjoni tax-xogħol kienu mitluba sabiex jinkiseb trattament ugwali sa mis-17 ta' Mejju 1990 (il-paragrafu 14 f'Van Den Akker u Oħrajn). L-Artikolu 141 tal-KE (l-ex-Artikolu 119 tat-Trattat tal-KE) japplika għal skemi supplementari ta' pensjoni ta' l-irtirar, bħall-AGIRC u l-ARRCO u jipprekludi dawk l-iskemi milli jiddiskriminaw, sa mis-17 ta' Mejju 1990, bejn l-irġiel u n-nisa minħabba l-età li fiha l-konjuġi tagħhom ikun intitolat għal pensjoni ta' min jibqa' ħaj *(survivor's pension)* wara l-mewt ta' dawk l-impjegati.

**-L-iskemi okkupazzjonali għall-ħaddiema li jaħdmu għal rashom**

Huwa importanti li wieħed jinnota li l-ġurisprudenza f'Barber u fis-sentenzi sussegwenti ma taffetwax is-sitwazzjoni ta' ħaddiema li jaħdmu għal rashom, li huma inklużi fl-ambitu personali tad-Direttiva 86/378/KE. Għalhekk, id-Direttiva preżenti, kif kienet ukoll id-Direttiva preċedenti 96/97/KE , ma tintroduċi l-ebda bidliet għas-sitwazzjoni tal-ħaddiema li jaħdmu għal rashom.

Dawn il-ħaddiema huma koperti mid-Direttiva 86/378/KEE imma b'mod tassew limitat u safejn huma organizzati skemi okkupazzjonali tas-sigurtà soċjali fuq bażi kollettiva (eż, skemi tas-settur fi Franza). L-iskemi individwali għal nies li jaħdmu għal rashom huma esklużi b'mod espliċitu mill-ambitu tad-Direttiva 86/378/KEE kif emendata mid-Drettiva 96/97/KE (l-Artikolu 2(2) a) u b) tad-Direttiva 86/378/KEE, kif sostitwit mill-punt 1, il-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 1 tad-Direttiva 96/97/KE). Skond dawn id-dispożizzjonijiet, il-kuntratti individwali ta' ħaddiema li jaħdmu għal rashom u l-iskemi għal ħaddiema li jaħdmu għal rashom li għandhom biss membru wieħed huma esklużi. Barra minn dan, skond l-Artikolu 4 tad-Direttiva 86/378/KEE, is-sussidji għall-familja huma konċernati sakemm huma attribwiti lil persuni impjegati, filwaqt li skond l-Artikolu 9 a) u b) tad-Direttiva, kif emendata mill-punt 5 ta' l-Artikolu 1 tad-Direttiva 96/97/KE, l-Istati Membri jistgħu jiddiferixxu l-applikazzjoni

41 Is-Sentenza tal-25 ta' Mejju 2000 fil-Każ C-50/99. Jean-Marie Podesta v Caisse de retraite par répartition des ingénieurs cadres & assimilés (CRICA) u Oħrajn. ECR 2000 Paġna I-04039

42 ECR 1994-I p.4527

obbligatorja tal-prinċipju ta' trattament ugwali fejn għandha x'taqsam id-determinazzjoni ta' l-età tal-pensjoni u l-benefiċċji għal min jibqa' ħaj *(survivor's benefits)* għal ħaddiema li jaħdmu għal rashom. L-unika dispożizzjoni li hija ta' importanza rilevanti għall-ħaddiema li jaħdmu għal rashom hija l-Artikolu 9 c), kif emendat mill-punt 5, ta' l-Artikolu 1 tad-Direttiva 96/97/KE, li tipprovdi għal kontribuzzjonijiet indaqs għall-irġiel u għan-nisa għal skema tax-xogħol għal ħaddiema li jaħdmu għal rashom (skema kollettiva) mill-31 ta' Lulju 1999 (tlettax-il sena wara n-notifikazzjoni tad-Direttiva 86/378/KEE). Għaldaqstant mill-1 ta' Awwissu 1999, l-iskemi tas-sigurtà soċjali fuq il-post tax-xogħol iridu japplikaw kalkoli attwarjali adattati għaż-żewġ sessi għall-kontribuzzjonijiet ta' persuni li jaħdmu għal rashom f'dawn l-iskemi.

**Kapitolu 3 Il-prinċipju ta' trattament ugwali għall-irġiel u għan-nisa fejn għandu x'jaqsam l-aċċess għall-impjiegi, it-taħriġ vokazzjonali, il-promozzjoni u l-kundizzjonijiet tax-xogħol**

Id-Direttiva 2002/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 76/207/KEE tiżgura ċarezza u ċertezza legali billi tikkodifika diversi deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fuq id-Direttiva oriġinali.

Dan il-kapitolu jikkorrispondi mad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-Direttiva 76/207/KEE, kif emendata mid-Direttiva 2002/73/KE, b'relazzjoni mat-tneħħija tad-diskriminazzjoni (diretta jew indiretta) fuq bażi ta' sess. Dan il-kapitolu jinkludi d-dispożizzjonijiet safejn huma permessi derogi mill-prinċipju ta' trattament ugwali fil-każ ta' impjieg li bl-istess natura tiegħu jeħtieġ persuna ta' sess speċifiku.

Barra minn dan, l-istess bħad-Direttiva 2002/73/KE, din il-proposta ttenni l-prinċipju li jinsab fl-Artikolu 141(4) KE li jiddikjara li "bl-intenzjoni li tkun żgurata ugwaljanza totali fil-prattika bejn l-irġiel u n-nisa fil-ħajja tax-xogħol, il-prinċipju ta' trattament ugwali m'hux ser ifixkel lil kwalunkwe Stat Membru milli jżomm jew jadotta miżuri li jipprovdu vantaġġi speċifiċi sabiex ikun aktar faċli għas-sess li huwa inqas rappreżentat milli jsegwi attività vokazzjonali jew milli ma jħallix jew ipatti għal żvantaġġi f'karrieri professjonali ".

Barra minn dan, dan il-kapitolu fih id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/73/KE dwar ir-rinforz tal-protezzjoni ta' ommijiet fuq lîf ta' maternità u jiċċara l-konnessjonijiet mad-Direttiva 92/85/KE.[43] Jinkludi wkoll id-dispożizzjonijiet mid-Direttiva 2002/73/KE li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni ta' missirijiet u ommijiet fuq lîf ta' paternità u jew lîf ta' adozzjoni fil-każ ta' Stati Membri li jagħrfu tali drittijiet.

## TITOLU III ID-DISPOŻIZZJONIJIET ORIZZONTALI

### Kapitolu 1 Id-difiża tad-drittijiet

#### Taqsima 1: Ir-rimedji

[43] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u fis-saħħa fuq il-post tax-xogħol għal ħaddiema tqal u ħaddiema li welldu reċenti jew qed ireddgħu (l-għaxar Direttiva individwali fit-tifsira ta' l-Artikolu 16 (1) tad-Direttiva 89/391/KEE) Ġurnal Uffiċjali L 348 28.11.92 p.1

Dan il-kapitolu fih id-dispożizzjonijiet il-ġodda dwar rimedji u infurzar, introdotti mid-Direttiva 2002/73/KE. Dawn id-dispożizzjonijiet jirriflettu l-ġurisprudenza tal-Qorti. Jikkonċerna:

- ir-rinforz tal-protezzjoni (a) ta' vittmi ta' diskriminazzjoni anke wara t-tmiem tar-relazzjoni ta' impjieg[44] u (b) kontra kwalunkwe trattament li jagħmel ħsara;

- l-integrazzjoni tal-ġurisprudenza tal-Qorti fuq il-kwistjoni ta' l-ogħla limit[45] (li huma permessi biss f'ċerti każijiet eċċezzjonali) f'każijiet ta' kumpens jew riparazzjoni.

Dawn id-dispożizzjonijiet ser ikollhom, fil-kuntest tal-proposta preżenti, applikazzjoni orizzontali u ser ikopru mhux biss kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' aċċess għal impjiegi, taħriġ vokazzjonali u promozzjoni u kundizzjonijiet tax-xogħol, imma wkoll kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' paga, inklużi skemi okkupazzjonali tas-sigurtà soċjali li wkoll jikkostitwixxu aspetti importanti mill-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol.

**Taqsima 2: Il-piż tal-prova**

Dan il-kapitolu fih mhux biss id-dispożizzjonijiet prinċipali tad-Direttiva 97/80/KE fuq il-piż tal-prova, imma wkoll iqabbel it-test tagħha mad-Direttiva 2002/73/KE adottata dan l-aħħar. L-impatt ewlieni ta' din il-proposta ser ikun sabiex tkun żgurata l-effikaċja tal-prinċipju ta' trattament ugwali billi jkunu estiżi r-regoli fuq il-piż tal-prova għall-qasam ta' l-iskemi okkupazzjonali tas-sigurtà soċjali.

Huwa importanti li wieħed jinnota li wħud mill-aspetti ta' l-iskemi okkupazzjonali tas-sigurtà soċjali (benefiċċji u kontribuzzjonijiet ta' impjegati) jitqiesu bħala paga fit-tifsira ta' l-ex-Artikolu 119 tat-Trattat tal-KE, id-Direttiva 97/80/KE fuq il-piż tal-prova kienet diġà tkopri b'mod impliċitu dawn l-aspetti minħabba li taħt l-Artikolu 3(1)(a) ta' din id-Direttiva, din tapplika għas-"sitwazzjonijiet koperti mill-Artikolu 119 tat-Trattat, u permezz tad-Direttivi 75/117/KEE, 76/207/KEE u safejn hija kkonċernata diskriminazzjoni bbażata fuq sess, 92/85/KEE u 96/34/KE". Id-Direttiva 97/80/KE, minkejja l-proposta inizjali tal-Kummissjoni[46] u l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[47], fl-aħħar ma inkludietx fl-ambitu tagħha id-Direttivi 86/378/KEE u 96/97/KE dwar trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fi skemi okkupazzjonali tas-sigurtà soċjali. Ir-raġunijiet imressqa qabel għal din l-esklużjoni jidhru li m'għadhomx rilevanti minħabba li d-Direttivi bbażati fuq l-Artikolu 13 tal-KE kellhom dispożizzjonijiet simili dwar il-piż tal-prova. Madankollu, matul in-negozjati għall-adozzjoni tad-Direttiva 97/80 kien hemm dikjarazzjoni Komuni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-Artikolu 3(1)(a), kif ġej:[48]

*"Il-Kunsill jitlob li l-Kummissjoni fir-rapport tagħha li ser jitressaq skond l-Artikolu 7, teżamina wkoll il-kwistjoni ta' l-ambitu tad-Direttiva.*

---

44 Il-Każ C-185/97, Goote, ECR.1998 I p.5199

45 Il-Każijiet C-180/95 Draehmpaehl, ECR 1997 I p.2195 u C-271/31 Marshal ECR 1993 I P.4367

46 ĠU C 332, 7.11.1996. p.11 u ĠU C 185 18.6.1997 p.21

47 L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta' April 1997 (ĠU C 132, 28. 4. 1997, p.215), Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill ta' l-24 ta' Lulju 1997 (ĠU C 307, 8. 10. 1997, p. 6) u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Novembru 1997 (ĠU C 358, 24. 11. 1997).

48 SN 157/2/97(SOC) REV 2 tas-27 ta' Ġunju 1997

*F'dan ir-rapport, se tingħata l-importanza xierqa lid-deċiżjonijiet tal-Qorti fl-oqsma kollha tal-politika soċjali eżaminati li huma relatati mal-prinċipju ġenerali tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni. "*

Il-proposta preżenti, minħabba li tgħaqqad f'test uniku dispożizzjonijiet dwar skemi okkupazzjonali tas-sigurtà soċjali u dawk dwar il-piż tal-prova, ser tagħmel effettiv ukoll l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali f'dan il-qasam u ser tirreaġixxi għal din id-dikjarazzjoni u għat-talba preċedenti tal-Parlament Ewropew.

Impatt prattiku importanti ieħor tal-proposta korrenti f'dan il-kuntest ser tkun ir-revoka tad-definizzjoni ta' diskriminazzjoni indiretta fil-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 2 tad-Direttiva 97/80/KE sabiex din tiġbed l-istess linja bħad-definizzjoni li tinsab fid-Direttiva 2002/73/KE. Wieħed għandu jiftakar, f'dan il-każ, li l-adozzjoni tad-Direttiva 2002/73/KE li temenda d-Direttiva 76/207/KEE introduċiet definizzjoni ġdida ta' diskriminazzjoni indiretta mingħajr l-element ta' statistika fit-test skond id-definizzjoni fid-Direttivi adottati fuq il-bażi ta' l-Artikolu 13 tal-KE. F'dan ir-rigward wieħed għandu jinnota li matul in-negozjati għall-adozzjoni tad-Direttiva 2002/73/KE li temenda d-Direttiva 76/207/KEE kien hemm dikjarazzjonijiet kemm tal-Kummissjoni u kemm tal-Kunsill f'Ġunju 2001[49], meta l-pożizzjoni Komuni kienet adottata, fuq il-bżonn li tinġibed l-istess linja fil-każ tad-definizzjoni ta' diskriminazzjoni indiretta misjuba fid-Direttiva 97/80/KE kif emendata minn 98/52/KE, u d-definizzjoni adottata fil-pożizzjoni Komuni u wara fid-Direttiva 2002/73/KE.[50] Il-proposta preżenti għalhekk għandha x'taqsam ma' dawn id-dikjarazzjonijiet. Din issegwi t-talba speċifika li saret mill-Istati Membri lill-Kummissjoni sabiex tipproponi proposta modifikata tad-Direttiva 97/80/KE ħalli tadatta d-definizzjoni tagħha fuq diskriminazzjoni indiretta. Id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni fuq dan is-suġġett kienet inkluża fil-minuti tal-Kunsill għall-Affarijiet Soċjali ta' Ġunju 2001. Għalhekk, dan l-eżerċizzju li jerġa' jgħaqqad id-Direttivi 2002/73/KE mad-Direttiva 97/80/KE, jirrelata wkoll mad-dikjarazzjonijiet ta' hawn fuq u jipprova jtejjeb l-effikaċja tal-prinċipju ta' trattament ugwali kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja.[51]

## <u>Kapitolu 2 Il-korpi li jinkoraġġixxu trattament ugwali – id-djalogu soċjali</u>

Kif intqal fil-kapitolu preċedenti, dan il-kapitolu jinkludi d-dispożizzjonijiet il-ġodda introdotti mid-Direttiva 2002/73/KE, li huma simili għad-dispożizzjonijiet eżistenti fid-Direttivi bbażati fuq l-Artikolu 13, jiġifieri d-Direttivi 2000/43/KE u 2000/78/KE. Dan għandu x'jaqsam ma':

**-**Il-ħatra mill-Istati Membri ta' korpi u r-rwol ta' dawn il-korpi, jiġifieri li jinkoraġġixxu trattament ugwali, l-istħarriġ tal-leġiżlazzjoni Komunitarja u li jkun provdut appoġġ lill-vittmi tad-diskriminazzjoni.

---

49 9588/01, SOC 233, CODEC 519 tas-6 ta' Ġunju 2001

50 Id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni għall-minuti (rigward l-emenda għad-Direttiva 97/80/KE) "Fid-dawl ta' l-emenda tad-definizzjoni ta' diskriminazzjoni indiretta, il-Kummissjoni ser tipproponi emenda xierqa għad-Direttiva 97/80/KE kif emendata mid-Direttiva 98/52/KE, malajr kemm jista' jkun." Id-dikjarazzjoni tal-Kunsill għall-minuti (rigward id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni fuq l-emenda tad-Direttiva 97/80KE) "Il-Kunsill jagħraf l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tagħmel proposta sabiex temenda d-Direttiva 97/80/KE fid-dawl ta' l-emenda għad-definizzjoni ta' diskriminazzjoni indiretta"

51 Is-Sentenza tas-26 ta' Ġunju 2001, fil-Każ C-381/99, Brunnhofer, ECR I 2001 p.4961, is-Sentenza tas-27 ta' Ottubru 1993 f'C-127/92 Enderby, ECR 1993 p. I-5535, ara wkoll is-sentenza tas-17 ta' Ottubru 1989 f'C-109/88 Danfoss, ECR 1989 p.3199

-Ir-rinforz tar-rwol ta' l-imsieħba soċjali u ta' l-NGOs sabiex jagħtu spinta lill-prinċipju ta' trattament ugwali.

Bħal fil-kapitolu preċedenti, dawn id-dispożizzjonijiet, fil-kuntest tal-proposta preżenti, issa ser ikollhom applikazzjoni orizzontali u ser ikopru mhux biss kwistjonijiet li jirrelataw ma' aċċess għal impjiegi, taħriġ vokazzjonali u promozzjoni u kundizzjonijiet ta' xogħol, imma wkoll kwistjonijiet li jirrelataw ma' paga, inklużi skemi okkupazzjonali tas-sigurtà soċjali

Huwa raġonevoli li jkun mistenni li korpi stabbiliti għal trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa b'relazzjoni għal aċċess għal impjiegi, taħriġ vokazzjonali u promozzjoni u kundizzjonijiet ta' xogħol għandhom ikopru wkoll aspetti oħra ta' kundizzjonijiet ta' xogħol bħal paga u skemi okkupazzjonali tas-sigurtà soċjali. L-estensjoni ta' l-ambitu ta' korpi bħal dawn, skond il-proposta korrenti, mhix ser timponi piż sinifikanti fuq l-Istati Membri.

**TITOLU IV L-IMPLIMENTAZZJONI**

Din il-parti fiha d-dispożizzjonijiet orizzontali li għandhom x'jaqsmu ma' l-implimentazzjoni tad-Direttiva. Titlob mingħand l-Istati Membri li jiżguraw li kwalunlwe dispożizzjonijiet kuntrarji għall-prinċipju ta' paga ndaqs jew trattament ugwali (per eżempju liġijiet, ftehim kollettiv, kuntratti individwali, eċċ.) ikunu aboliti jew iddikjarati mingħajr effett legali jew emendati fl-iqsar żmien possibbli. Tipprovdi wkoll għall-protezzjoni ta' l-impjegati, inklużi l-impjegati li huma rappreżentanti ta' l-impjegati, minn vittimizzazzjoni.

Titlob li l-Istati Membri jipprovdu sistema ta' sanzjonijiet effettivi, proporzjonali u dissważivi li jistgħu jkunu applikati f'każ ta' ksur tad-drittijiet mogħtija taħt din id-Direttiva sabiex tiggarantixxi l-effett prattiku totali (*effet utile*) ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri huma meħtieġa li jgħarrfu lill-Kummissjoni bid-dispożizzjonijiet adottati f'dan il-qasam.

Titlob li l-Istati Membri jinkoraġġixxu lil min iħaddem u lil dawk responsabbli għat-taħriġ vokazzjonali sabiex jiżviluppaw b'mod proattiv miżuri adegwati għall-prevenzjoni ta' diskriminazzjoni sesswali u b'mod partikolari ta' fastidju u ta' fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol.

Din tinkludi klawsola standard ta' non-regressjoni.

Il-proposta għal Direttiva tinkludi dispożizzjoni simili għal dik fid-Direttiva 2002/73/KE fuq l-obbligazzjoni ta' l-Istati Membri li jikkunsidraw attivament l-għan ta' l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fil-formulazzjoni u l-implimentazzjoni ta' liġijiet, regolamenti, dispożizzjonijiet amministrattivi u attivitajiet fl-oqsma li hemm referenza għalihom fl-ambitu tad-Direttiva.

Barra dan, il-proposta tobbliga l-Istati Membri li jiżgurawli d-Direttiva flimkien mat-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali jinġiebu għall-attenzjoni tal-persuni kollha konċernati.

**TITOLU V ID-DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

Din il-parti tinkludi d-dispożizzjonijiet standard adattati għall-proposta preżenti għal Direttiva.

Klawsola standard fuq it-traspożizzjoni tad-Direttiva teħtieġ li l-Istati Membri jwettqu xi kondizzjonijiet meħtieġa ta' informazzjoni, bħall-komunikazzjoni regolari ta' liġijiet

nazzjonali ta' traspożizzjoni u ftehim kollettivi u wkoll tabelli ta' korrelazzjoni xierqa lill-Kummissjoni. Klawsola standard oħra meħuda mill-Artikolu 2 tad-Direttiva 2002/73/KE teħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu referenza għal din id-Direttiva fil-liġijiet ta' traspożizzjoni.

Tinkludi wkoll Artikolu fuq id-Direttivi miġbura mill-ġdid fil-proposta preżenti, li għandhom ikunu rrevokati ladarba d-Direttiva l-ġdida ssir applikabbli fl-Istati Membri.

Hemm ukoll il-"klawsola standard ta' reviżjoni" (l-Artikolu 32) li tgħid li l-Kummissjoni, mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2008, għandha tirrivedi t-tħaddim ta' din id-Direttiva bil-ħsieb li tippreżenta, jekk ikun hemm bżonn, il-modifiki neċessarji.

Tintegra wkoll id-dispożizzjoni speċifika inkluża fid-Direttiva 2002/73/KE fuq rapporti regolari kull erba' snin lill-Kummissjoni li permezz tagħhom l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni fuq il-miżuri ta' azzjoni pożittiva meħuda taħt l-Artikolu 141(4) tat-Trattat tal-KE u skond id-Dikjarazzjoni 28 (prijorità mogħtija lill-miżuri ta' azzjoni pożittiva għan-nisa).

## 4. IL-BAŻI LEGALI

Il-proposta għal Direttiva hija bbażata fuq l-Artikolu 141(3) tal-KE li jawtorizza lill-Komunità li tadotta miżuri sabiex tiżgura l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali għall-irġiel u għan-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol. Minħabba li l-oqsma kollha koperti mid-Direttivi oriġinali 75/117/KEE, 86/378/KEE, kif emendati mid-Direttiva 96/97/KEE, 76/207/KEE kif emendata mid-Direttiva 2002/73/KE u 97/80/KE, kif emendata minn 98/52/KE jaqgħu fil-kategorija legali ta' "kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol", id-Direttiva b'tibdiliet, li tgħaqqad id-Direttivi msemmija, tista' titqiegħed fuq l-istess bażi legali.

Il-leġiżlazzjoni li tiżgura trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fil-qasam ta' l-impjiegi u tax-xogħol adottata taħt u/jew koperta mill-Artikolu 141 tal-KE għandha, għall-oqsma kollha koperti, tuża l-istess kunċetti bħal dawk użati fil-leġiżlazzjoni adottata dan l-aħħar bħad-Direttiva 2002/73/KE li temenda d-Direttiva 76/207/KEE, kif ukoll f'leġiżlazzjoni simili adottata taħt l-Artikolu 13 tal-KE, sabiex tiġġieled id-diskriminazzjoni għal raġunijiet oħra minbarra s-sess, safejn dan ta' l-aħħar jikkonċerna wkoll il-qasam ta' l-impjiegi, sabiex tkun żgurata koerenza legali u politika bejn partijiet tal-leġiżlazzjoni, li għandhom għanijiet simili. Huwa għalhekk neċessarju li tkun żgurata koerenza bejn leġiżlazzjoni sekondarja fuq kwistjonijkiet identiċi, bħalma huma l-kunċett ta' diskriminazzjoni indiretta jew il-bżonn ta' l-Istati Membri li jkollhom korpi li jinkoraġġixxu trattament ugwali, f'oqsma aktar wesgħin ta' impjiegi u xogħol u mhux biss għall-kwistjonijiet koperti mid-Direttiva 2002/73/KE, li temenda d-Direttiva 76/207/KEE.

## 5. IL-ĠUSTIFIKAZZJONI GĦAS-SUSSIDJARJETÀ U GĦALL-PROPORZJONALITÀ.

L-użu ta' dokument leġiżlattiv Komunitarju huwa skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà. Il-bidliet f'direttivi eżistenti fil-qasam ta' opportunitajiet ugwali u trattament ugwali għall-irġiel u għan-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol ser jgħinu sabiex ikun żgurat li dawn il-prinċipji jkunu applikati b'mod uniformi u effettiv fuq livell nazzjonali. Barra minn dan, hemm obbligu li tkun żgurata koerenza fuq livell Komunitarju tal-leġiżlazzjoni li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali. L-aħjar mod biex dan jintlaħaq, fil-każ tad-diskriminazzjoni sesswali, huwa permezz ta' bidla fil-leġiżlazzjoni eżistenti.

Il-kontenut tad-dokument propost huwa konformi wkoll mal-prinċipju ta' proporzjonalità, minħabba li dan jagħti lill-Istati Membri l-akbar wisa' possibli sabiex jiddeterminaw kif l-applikazzjoni effettiva tal-prinċipju ta' trattament ugwali għandu jkun applikat f'dan il-każ.

Il-leġiżlazzjoni Komunitarja m'hi ser ikollha l-ebda impatt dirett fuq it-tħaddim ta' intrapriżi u m'hi ser timponi l-ebda limitazzjoni amministrattiva jew legali li tista' ttellef il-ħolqien u l-iżvilupp ta' l-SMEs (intrapriżi żgħar u ta' daqs medju).

## 6. KUMMENTARJU FUQ L-ARTIKOLI

Kien hemm bżonn li jsiru ċerti korrezzjonijiet lingwistiċi fil-verżjonijiet bil-Finlandiż, bit-Taljan, bil-Portugiż u bl-Isvediż tat-testi tad-Direttivi b'tibdiliet sabiex ikun hemm konsistenza ma' verżjonijiet lingwistiċi oħra.

***TITOLU I***

**Id-dispożizzjonijiet ġenerali**

*Artikolu 1*

Dan l-Artikolu jiddefinixxi l-finijiet tad-Direttiva.

Id-Direttiva tkopri l-kwistjonijiet indirizzati fid-Direttivi 76/207/KEE kif emendati mid-Direttiva 2002/73/KE, (dwar aċċess għal impjiegi, taħriġ vokazzjonali u promozzjoni, u kundizzjonijiet ta' xogħol), u wkoll mid-Direttivi 75/117/KEE (paga ndaqs) u 86/378/KEE kif emendati mid-Direttiva 96/97/KE (skemi okkupazzjonali ta' sigurtà soċjali).

Barra dan, l-għan tad-Direttiva huwa li jikkjarifika r-rabtiet eżistenti bejn id-Direttivi 76/207/KEE kif emendati u 92/85/KEE fuq kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-maternità u mat-tqala koperti minn dawn id-Direttivi. Tipprovdi definizzjonijiet ċari u konsistenti, taġġorna t-test permezz ta' l-integrazzjoni tal-ġurisprudenza stabbilita u tipprovdi test legali strutturat b'mod ċar.

Din id-Direttiva hija maħsuba wkoll sabiex tiżgura l-applikazzjoni effettiva tal-prinċipju ta' trattament ugwali, inkluża, b'mod speċjali, l-estensjoni tar-regoli fuq ir-revoka tal-piż tal-prova għall-oqsma kollha li jaqgħu taħt l-ambitu materjali tagħha.

*Artikolu 2*

Dan l-Artikolu jiddefinixxi l-kunċetti tad-diskriminazzjoni diretta u indiretta, tal-fastidju bbażat fuq sess u tal-fastidju sesswali. Id-definizzjonijiet huma identiċi għal dawk li jinsabu fid-Direttiva 2002/73/KE li diġà ġiet adottata.

Jirriproduċi wkoll id-definizzjoni ta' "*paga*" kif qiegħda fl-Artikolu 141 tal-KE, kif ukoll id-definizzjoni ta' "*skemi okkupazzjonali ta' sigurtà soċjalil*" li qiegħda fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 86/378/KEE kif emendata mill-punt 1 tal-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 1 tad-Direttiva 96/97/KE.

*Artikolu 3*

Dan l-Artikolu jiddefinixxi l-ambitu personali tad-Direttiva f'termini identiċi għal dawk użati fid-Direttiva 96/97/KE.

Il-paragrafu 2 jinkludi formulazzjoni standard li teżisti fid-Direttivi kollha dwar trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa. Dan jirrifletti l-prinċipju stabbilit sew li miżuri għall-protezzjoni tan-nisa matul it-tqala u l-maternità huma eċċezzjoni permessa għall-prinċipju ta' trattament ugwali. Dan jinkorpora test li jidher fil-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2002/73/KE li għandu effett orizzontali għad-Direttivi (ara wkoll l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 86/378/KEE).

Il-paragrafu 3 jinkludi l-ewwel sentenza adattata tar-raba' sottoparagrafu ta' l-Artikolu 2(7) tad-Direttiva 76/207/KEE kif emendata mill-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2002/73/KE[52].

## ***TITOLU II***

## **Id-dispożizzjonijiet speċifiċi**

### Kapitolu 1

### Il-prinċipju ta' paga ndaqs

*Artikolu 4*

Dan l-Artikolu jikkorrispondi ma' l-Artikolu prinċipali tad-Direttiva 75/117/KEE fuq paga ndaqs, xi ftit adattat sabiex jikkunsidra l-ġurisprudenza reċenti tal-Qorti, b'mod partikolari fis-Sentenza tagħha tas-17 ta' Settembru 2002 fil-Każ C-320/00 A. G. Lawrence u Oħrajn v Regent Office Care Ltd, Commercial Catering Group u Mitie Secure Services Ltd.[53], kif ukoll is-Sentenza tat-13 ta' Jannar 2004 fil-Każ Debra Allonby v. Accrington / Rossdendale College, C-256/01[54]. Skond din il-ġurisprudenza l-Qorti introduċiet element ġdid aktar wiesgħa mill-istess stabbiliment jew mill-istess servizz biex ikun imqabbel xogħol ta' valur ugwali, dak ta' sors uniku. Il-Qorti speċifikat li "m'hemm xejn, f'dan il-kuntest fil-kliem ta' l-Artikolu 141(1) tal-KE li jissuġġerixxi li l-applikabilità ta' dik id-dispożizzjoni hija limitata għal sitwazzjonijiet li fihom l-irġiel u n-nisa jaħdmu għall-istess persuna".

Għalhekk, il-prinċipju ta' paga ndaqs għall-irġiel u għan-nisa, jimplika li rimunerazzjoni għall-istess xogħol jew xogħol ta' valur ugwali mhux bilfors trid tkun imħallsa mill-istess persuna li tħaddem, imma trid toriġina minn sors uniku li għalih jistgħu jiġu attribwiti kwalunkwe differenza identifikata fil-kundizzjonijiet tal-paga. Fin-nuqqas ta' sors uniku ma jkun hemm l-ebda korp responsabbli għal kwalunkwe inugwaljanza li jista' jrodd lura trattament ugwali.

Sa fejn hija konċernata l-kwistjoni tal-klassifikazzjoni ta' l-impjiegi, it-test tal-proposta preżenti jibqa' mhux mibdul meta mqabbel mat-test ta' l-Artikolu 1 tad-Direttiva 75/117/KEE.

### Kapitolu 2

### Il-prinċipju ta' trattament ugwali fi skemi okkupazzjonali tas-sigurtà soċjali

*Artikolu 5*

---

52 ĠU L 348, 28.11.1992, p.1

53 ECR. 2002 I p.7325

54 Għadu mhux pubblikat.

Dan l-Artikolu jikkorrispondi ma' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 5 tad-Direttiva 86/378/KE, li ma kienx modifikat mid-Direttiva 96/97/KE. Dan jaħseb għall-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali fi skemi okkupazzjonali tas-sigurtà soċjali fil-limiti kif inhuma stabbiliti fl-Artikolu 6.

*Artikolu 6*

L-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu jinkorpora l-Artikolu 4 mhux mibdul tad-Direttiva 86/378/KEE dwar l-ambitu materjali ta' dan il-kapitolu f'relazzjoni ma' l-iskemi tax-xogħol u r-riskji koperti.

It-tieni paragrafu huwa dispożizzjoni ġdida li tirrifletti l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 141(1) u (2) tal-KE preżenti għal skemi speċifiċi għal uffiċjali pubbliċi.[55] Bil-kodifikazzjoni ta' din il-ġurisprudenza, id-Direttiva tikkjarifika li din tapplika wkoll għal skemi tas-sigurtà soċjali li jikkonċernaw kategorija partikolari ta' uffiċjali pubbliċi, jekk il-benefiċċji konċernati huma mħallsa minħabba r-relazzjoni ta' l-impjieg, huma direttament relatati mal-perjodu ta' servizz komplut u l-ammont huwa kkalkulat b'referenza għall-aħħar salarju. Il-fatt li skema partikolari għal kategorija partikolari ta' uffiċjali pubbliċi u impjegati oħra reklutati mill-Istat hija parti minn struttura ġenerali u armonizzata ta' skema statutarja huwa mingħajr preġudizzju f'dan il-każ (ara b'mod partikolari s-sentenzi f'*Beune* u *Niemi).*

*Artikolu 7*

Din id-dispożizzjoni tinkorpora, mingħajr tibdil, il-paragrafi 2 u 3 ta' l-Artikolu 2, tad-Direttiva 86/378/KEE kif emendata mill- paragrafu 1 ta' l-Artikolu 1, tad-Direttiva 96/97/KE.

L-istess bħad-direttivi preċedenti:
(a) kuntratti individwali għal ħaddiema li jaħdmu għal rashom *(minħabba li dawn il-kuntratti huma privati fil-prinċipju);*
(b) skemi għal ħaddiema li jaħdmu għal rashom li għandhom biss membru wieħed *(bħal fil-punt preċedenti dawn il-kuntratti huma privati fil-prinċipju*);
(c) kuntratti ta' assigurazzjoni li min iħaddem m'għandux sehem fihom, fil-każ ta' ħaddiema b'salarju, m'humiex koperti bil-proposta korrenti.

Il-punti (d) u (e) jikkonċernaw arranġamenti privati, bejn il-persuna assigurata u l-iskema, li ma jaqgħux fis-tifsira ta' skema okkupazzjonali ta' sigurtà soċjali kif definita mill-Artikolu 2 tal-proposta preżenti.

It-tieni paragrafu jirrifletti l-ġurisprudenza tal-Qorti fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Novembru 1993 fil-Każ C-132/92 *Birds Eye Walls*,[56] dwar "*bridging pensions* jiġifieri pensjonijiet minn min iħaddem għal dawk il-ħaddiema li jirtiraw qabel l-età ta' l-irtirar" u huwa meħud bla tibdil mill-Artikolu 2(3) tad-Direttiva 86/378/KEE kif imdaħħal bil-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 1, tad-Direttiva 96/97/KE.

---

55 Is-Sentenzi tal-Qorti tat-28 ta' Settembru 1994. Il-Każ C-7/93 Beune, ECR 1994 paġna I-4471 jew is-17 ta' April 1997 fil-każ 147/95 Evrenopoulos ECR p.I-02057 tad-29 ta' Novembru 2001, il-każ C-366/99 Griesmar ECR p I-09383, tat-13 ta' Diċembru 2001 il-każ C-206/00. ECR 2001 I-0201 Henri Mouflin u aktar reċentement fis-sentenza tat-12 ta' Settembru 2002 f'C-351/00 Niemi ECR 2002 p. I-07007.

56 Birds Eye Walls Ltd. v Friedel M. Roberts. ECR 1993 I p. 5579

*Artikolu 8*

Dan l-Artikolu jikkorrispondi ma' l-Artikolu 6 tad-Direttiva 86/378/KEE kif emendat mill-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 96/97/KE sabiex tkun ikkunsidrata l-ġurisprudenza tal-Qorti f'*Neath* u *Coloroll* u tinkludi lista mhux eżawrjenti ta' dispożizzjonijiet li jmorru kontra l-prinċipju ta' trattament ugwali.

L-Artikolu oriġinali huwa xi ftit modifikat minħabba li punt h tal-paragrafu 1 ma jagħmilx referenza għall-anness li qiegħed fid-Direttiva 96/97/KE li temenda d-Direttiva 86/378/KEE. Dan l-anness jagħti eżempji ta' ċerti elementi fil-każ ta' skemi ta' investiment b'benefiċċju definit, li jistgħu ma jkunux ugwali fejn l-inugwaljanza ta' l-ammonti tirriżulta mill-effetti ta' l-użu ta' fatturi attwarjali li jvarjaw skond is-sess fiż-żmien meta jkun implimentat l-investiment ta' l-iskema.

Dawn l-eżempji huma kif ġej:

- il-konverżjoni f'somma kapitali ta' parti mill-pensjoni perjodika,
- it-trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni,
- il-pensjoni b'riverżjoni li għandha titħallas lil dipendent talli ċeda parti mill-pensjoni,
- il-pensjoni mnaqqsa fejn il-ħaddiem jagħżel li jirtira qabel.

*Artikolu 9*

Dan l-Artikolu jikkorrispondi ma' l-Artikolu 8 tad-Direttiva 86/378/KEE, kif emendat mill-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 96/97/KE, fejn għandha x'taqsam l-applikazzjoni tad-Direttiva għal skemi ta' xogħol għal ħaddiema li jaħdmu għal rashom. Dawn id-dispożizzjonijiet ma kinux affetwati mill-ġurisprudenza tal-Qorti f'Barber u fis-sentenzi sussegwenti.

Id-dispożizzjonijiet kuntrarji għall-prinċipju ta' trattament ugwali fi skemi tax-xogħol għal dawk li jaħdmu għal rashom iridu jkunu riveduti mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 1993 jew għall-Istati Membri li l-adeżjoni tagħhom seħħet wara dik id-data, fid-data li d-Direttiva 86/378/KE, kif emendata mid-Direttiva 96/97/KE, daħlet fis-seħħ fit-territorju tagħhom.

Id-Direttiva ma tipprekludix drittijiet u obbligi li għandhom x'jaqsmu ma' perjodu ta' sħubija fi skema tax-xogħol għal ħaddiema li jaħdmu għal rashom, qabel ir-reviżjoni ta' dik l-iskema, milli jibqgħu soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' l-iskema li qed tintuża waqt dak il-perjodu.

*Artikolu 10*

Dan l-Artikolu jikkorrispondi ma' l-Artikolu 9 tad-Direttiva 86/378/KEE kif emendat mill-Artikolu 1(5) tad-Direttiva 96/97/KE. Dan jikkonċerna d-derogi li għandhom x'jaqsmu ma' l-applikazzjoni tad-Direttiva għal skemi tax-xogħol għal ħaddiema li jaħdmu għal rashom li, bħal fl-Artikolu preċedenti, ma kienux affetwati mill-ġurisprudenza tal-Qorti f'Barber u s-sentenzi sussegwenti. Dawn id-derogi jikkonċernaw id-determinazzjoni ta' l-età li fiha wieħed ikollu jirtira, id-dritt ta' benefiċċji għal min jibqa' ħaj *(survivor's benefits)* u l-ugwaljanza tal-kontribuzzjonijiet għal skema okkupazzjonali tas-sigurtà soċjali għal ħaddiema li jaħdmu għal rashom. Il-punt (c) ta' dak li qabel kien l-Artikolu 9 tad-Direttiva 86/378/KEE, kif emendata mid-Direttiva 96/97/KE (il-paragrafu 5 ta' l-Artikolu 1), jinkludi perjodu ta' tansizzjoni sabiex il-kontribuzzjonijiet ta' persuni li jaħdmu għal rashom jinġiebu l-istess.

*Artikolu 11*

Dan l-Artikolu jikkorrispondi ma' l-Artikolu 2 tad-Direttiva 96/97/KE.

Il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu jirriflettu l-ġurisprudenza tal-Qorti fuq l-applikazzjoni retroattiva ta' l-Artikolu 141(1) u (2) korrenti (l-ex-Artikolu 119), għal skemi okkupazzjonali tas-sigurtà soċjali, li hija integrata fid-Direttiva 96/97/KE. Il-paragrafu 3 jirrifletti l-applikazzjoni tad-Direttiva fl-Istati Membri, li qabel kienu partijiet kontraenti fil-ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea.

Hemm madankollu l-paragrafu 4 il-ġdid, li jispeċifika li għall-Istati Membri l-oħra li ngħaqdu wara d-data tas-17 ta' Mejju 1990, id-Data tas-17 ta' Mejju 1990 fil-paragrafi 1 u 2 imsemmija hawn fuq ser tkun sostitwita bid-data li fiha l-Artikolu 141(1) u (2) (l-ex-Artikolu 119) daħal fis-seħħ fit-territorju tagħhom (sabiex ikopri s-sitwazzjoni ta' pajjiżi li għad iridu jsiru membri).

*Artikolu 12*

Dan l-Artikolu jikkorrispondi ma' l-Artikolu 9a tad-Direttiva 86/378/KEE (li ddaħħal mill-Artikolu 1 tad-Direttiva 96/97/KE) dwar irtirar flessibbli. Għalhekk, l-età flessibbli li fiha wieħed jista' jirtira, taħt l-istess kundizzjonijiet għall-irġiel u għan-nisa, m'hix ser titqies inkompatibbli ma' din id-Direttiva.

## Kapitolu 3

## Il-prinċipju ta' trattament ugwali għall-irġiel u għan-nisa fejn għandhom x'jaqsmu l-aċċess għall-impjiegi, it-taħriġ vokazzjonali u l-promozzjoni u l-kundizzjonijiet tax-xogħol

*Artikolu 13*

L-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu jikkorrispondi mal-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 3 tad-Direttiva 76/207/KEE kif emendat mill-paragrafu 3 ta' l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2002/73/KE. Dan l-Artikolu l-ġdid jikkorrispondi mal-formulazzjonijiet simili li jinsabu f'Direttivi bbażati fuq l-Artikolu 13 tal-KE, jiġifieri 2000/43/KE[57] u 2000/78/KE[58].

It-tieni paragrafu ta' dan l-Artikolu jikkorrispondi mal-paragrafu 6 ta' l-Artikolu 2 tad-Direttiva 76/207/KEE kif emendat mill-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2002/73/KE. Dan jikkonċerna safejn huma permess derogi mill-prinċipju ta' trattament ugwali fil-każ ta' impjieg li minħabba l-istess natura tiegħu jeħtieġ persuna ta' sess speċifiku, u huwa f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti fuq dan is-suġġett[59].

It-tielet paragrafu jikkorrispondi ma' l-Artikolu 9 (2) tad-Direttiva 76/207/KEE li jirreferi għall-klawsola ta' esklużjoni fl-Artikolu 2 (6) tad-Direttiva 76/207/KEE kif emendat mill-paragrafu 2, 6 ta' l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2002/73/KE.

*Artikolu 14*

---

[57] ĠU L 18019 Lulju 2000 p.22

[58] ĠU L 303 2 Diċembru 2000 p.16

[59] Is-Sentenza tal-15 ta' Mejju 1986 fil-Każ C-222/84 Johnston; sentenza tas-26 ta' Ottubru 1999, Sirdar, [1999] ECR I-0000 u sentenza tal-11 ta' Jannar 2000 fil-Każ C-285/98 Kreil [2000] ECR I-0000.

Dan l-Artikolu jikkorrispondi mal-paragrafu 8 ta' l-Artikolu 2 tad-Direttiva 76/207/KEE kif emendat mill-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2002/73/KE u għandu x'jaqsam mal-possibbiltà taħt l-Artikolu 141 (4) tal-KE li l-Istati Membri jżommu jew jadottaw miżuri bil-ħsieb li jiżguraw ugwaljanza sħiħa fil-prattika bejn l-irġiel u n-nisa fil-ħajja tax-xogħol.

*Artikolu 15*

Dan l-Artikolu jirrifletti l-ġurisprudenza tal-Qorti dwar il-maternità u t-tqala (ara b'mod partikolari, il-paragrafu 25 tal-Każ 184/83 Hofmann v. Barmer Ersatzkasse [1984] ECR 3047, il-paragrafu 21 tal-Każ C-421/92 Habermann-Beltermann [1994] ECR I-1657 u l-paragrafu 20 tal-Każ C-32/93 Webb v EMO Air Cargo [1994] ECR I-3567,). Dan jiċċara r-rabtiet bejn id-Direttiva 92/85/KEE u l-proposta preżenti għal Direttiva b'relazzjoni għal kwistjonijiet trattati f'dan il-kapitolu u koperti mit-tieni u t-tielet inċiż tal-paragrafu 7 ta' l-Artikolu 2tad-Direttiva 76/207/KEE kif emendat mill-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2002/73/KE, kif stabbilit mill-ġurisprudenza.

Il-proposta fl-ewwel paragrafu, li tispeċifika li "Trattament inqas favorevoli ta' mara relatat ma' lîf ta' tqala jew ta' maternità ser jikkostitwixxi diskriminazzjoni fis-sens ta' din id-Direttiva", tirrifletti t-tielet inċiż ta' l-Artikolu 2 (7) tad-Direttiva 76/207/KEE, kif imdaħħal mill-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2002/73/KE.

It-tieni paragrafu jikkorrispondi mat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 2(7) tad-Direttiva 76/207/KEE, kif imdaħħal mill-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2002/73/KE, u jintegra t-test mhux mibdul ta' dik id-dispożizzjoni li tirrifletti l-ġurisprudenza tal-Qorti dwar id-dritt ta' mara fuq lîf ta' maternità, wara t-tmiem tal-perjodu tagħha ta' lîf ta' maternità, li tirritorna lura għall-impjieg tagħha jew għal pożizzjoni ekwivalenti b'termini u kundizzjonijiet li m'humiex inqas favorevoli għaliha u li tibbenefika minn kwalunkwe titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol li għalihom hija kienet intitolata matul l-assenza tagħha.

*Artikolu 16*

Dan l-Artikolu jintegra mingħajr tibdil it-tieni parti tar-raba' inċiż ta' l-Artikolu 2 (7) tad-Direttiva 76/207/KEE kif imdaħħal mill-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2002/73/KE, li tispeċifika li din id-Direttiva hija wkoll mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' l-Istati Membri li jagħrfu drittijiet distinti **għal-lîf ta' paternità** u/**jew ta' adozzjoni**. Dawk l-Istati Membri li jagħrfu tali drittijiet huma obbligati li jieħdu l-miżuri neċessarji biex jipproteġu rġiel u nisa li jaħdmu minn tkeċċija minħabba li jkunu eżerċitaw dawk id-drittijiet u li jiżguraw li, fit-tmiem ta' tali lîf, huma intitolati li jirritornaw għall-impjieg tagħhom jew għal pożizzjonijiet ekwivalenti b'termini u kundizzjonijiet li m'humiex inqas favorevoli għalihom, u li jibbenefikaw minn kwalunkwe titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol li huma kienu intitolati għalihom matul l-assenza tagħhom.

Dan il-paragrafu dwar lîf ta' paternità u ta' adozzjoni kien introdott kemm mill-Parlament Ewropew u kemm mill-Kunsill matul in-negozjati għall-adozzjoni tad-Direttiva 2002/73/KE.

# *TITOLU III*

## Id-Dispożizzjonijiet Orizzontali

### Kapitolu 1

### Id-Difiża tad-Drittijiet

### *Taqsima1*

### *Ir-rimedji*

Artikolu 17

Dan l-Artikolu jikkorrispondi ma' l-Artikolu 6 (1), (3) u (4) tad-Direttiva 76/207/KEE, kif emendat mill-paragrafu 5 ta' l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2002/73/EC, adattat sabiex ikopri wkoll paga ndaqs.

F'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti [60], il-paragrafu 3 jispeċifika li l-paragrafi preċedenti huma mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali dwar limiti ta' żmien sabiex jinġiebu azzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-prinċipju ta' trattament ugwali. Dan jikkorrispondi mal-paragrafu 4 ta' l-Artikolu 6 tad-Direttiva 76/207/KEE, introdott bil-paragrafu 5 ta' l-Artikolu 1, tad-Direttiva 2002/73/KE.

Artikolu 18

Dan l-Artikolu jikkorrispondi ma' l-Artikolu 6 (2) tad-Direttiva 76/207/KEE kif emendat mill-paragrafu 5 ta' l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2002/73/KE, u għandu x'jaqsam mal-kumpens fil-każ ta' ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali skond il-ġurisprudenza tal-Qorti.

### *Taqsima 2*

### *Il-piż tal-prova*

Artikolu 19

Dan l-Artikolu jikkorrispondi ma' l-Artikolu prinċipali tad-Direttiva 97/80/KE fuq il-piż tal-prova, jiġifieri l-Artikolu 4.

Artikolu 20

Dan l-Artikolu jikkorrispondi ma' l-Artikolu 3 tad-Direttiva 97/80/KE li għandu x'jaqsam ma' l-ambitu ta' dik id-Direttiva. Dan l-Artikolu huwa wkoll xi ftit adattat sabiex ikopri s-sitwazzjonijiet kollha koperti mill-proposta preżenti għal Direttiva (ara aktar 'il fuq).

L-eċċezzjoni li titratta proċeduri kriminali (l-Artikolu 3 (2) tad-Direttiva 97/80) hija riflessa fil-paragrafu 2.

## Kapitolu 2

## Il-korpi li jinkoraġġixxu trattament ugwali – id-djalogu soċjali

Artikolu 21

Dan l-Artikolu jikkonċerna t-twaqqif, ir-rwol u l-kompetenzi ta' korpi ta' ugwaljanza diġà msemmija taħt l-Artikolu 8a tad-Direttiva 76/207/KEE (introdott mill-paragrafu 7 ta' l-Artikolu 1tad-Direttiva 2002/73/KE). Din id-dispożizzjoni ser tapplika taħt il-proposta preżenti għall-kwistjonijiet kollha koperti mid-Direttivi li jiffurmaw parti mill-bidla preżenti.

---

[60] Is-Sentenza tas-16 ta' Mejju 2000 fil-każ C-78/98 Preston ECR 2000 p. I-03201.

*Artikolu 22*

Dan l-Artikolu jikkonċerna l-obbligazzjoni fuq l-Istati Membri, skond tradizzjonijiet u prattika nazzjonali, li jagħtu spinta lid-djalogu soċjali u li jinkoraġġixxu pjanijiet ta' ugwaljanza fil-postijiet tax-xogħol.

Dan l-Artikolu jikkorrispondi ma' l-Artikolu 8b tad-Direttiva 76/207/KEE (introdott mill-paragrafu 7 ta' l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2002/73/KE) u ser japplika għall-oqsma kollha koperti mill-proposta preżenti għal Direttiva.

*Artikolu 23*

Dan l-Artikolu jikkonċerna l-obbligazzjoni fuq l-Istati Membri li jinkoraġġixxu djalogu ma' organizzazzjonijiet mhux tal-gvern xierqa li għandhom, skond il-liġi u l-prattika nazzjonali tagħhom, interess leġittimu li jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni minħabba s-sess bil-ħsieb li jinkoraġġixxu l-prinċipju ta' trattament ugwali. Din id-dispożizzjoni li diġà teżisti fid-Direttiva 76/207/KEE (l-Artikolu 8c, introdott mill-paragrafu 7 ta' l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2002/73/KE), b'mod leġittimu, għandha jkollha effett orizzontali u tapplika għall-kwistjonijiet kollha koperti mill-proposta preżenti. Artikolu simili jeżisti wkoll fid-Direttivi adottati dan l-aħħar ibbażati fuq l-Artikolu 13 tal-KE (Direttiva 2000/43/KEC u 2000/78/KE).

## TITOLU IV

## L-Implimentazzjoni

*Artikolu 24*

Dan l-Artikolu huwa dispożizzjoni klassika, li tinsab fl-Artikolu 3 (2) tad-Direttiva 76/207/KEE kif emendat mill-paragrafu 3 ta' l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2002/73/KE, dwar il-konformità ta' l-Istati Membri mad-Direttiva. It-trattament ugwali jinvolvi t-tneħħija ta' diskriminazzjoni li toriġina minn kwalunkwe liġi, regolament jew dispożizzjoni amministrattiva u d-Direttiva għalhekk titlob li l-Istati Membri jabolixxu kwalunkwe dispożizzjonijiet simili. Bħal-leġiżlazzjoni preċedenti, id-Direttiva teħtieġ ukoll li kwalunkwe dispożizzjoni li tmur kontra l-prinċipju ta' trattament ugwali għandha titqies mingħajr effetti legali jew tiġi emendata, jew iridu jkunu jistgħu jinġiebu hekk jekk ikunu sfidati.

*Artikolu 25*

Din id-dispożizzjoni tiġi mid-Direttiva 2002/73/KE u tapplika b'mod orizzontali għas-sitwazzjonijiet kollha fl-ambitu materjali tad-Direttiva (il-paragrafu 6 ta' l-Artikolu 1 li jieħu post l-Artikolu 7 tad-Direttiva 76/207/KEE). Din tikkonċerna l-obbligazzjoni ta' l-Istati Membri li jintroduċu fis-sistemi legali nazzjonali tagħhom tali miżuri li huma neċessarji għall-protezzjoni ta' l-impjegati, inklużi dawk li huma rappreżentanti ta' l-impjegati kif previst mill-liġijiet u/jew prattiċi nazzjonali, kontra t-tkeċċija jew trattament li jagħmel ħsara ieħor minn min iħaddem bħala reazzjoni għal ilment fl-intrapriża jew għal kwalunkwe proċedura legali bl-għan li tiġi infurzata l-osservanza tal-prinċipji ta' trattament ugwali.

*Artikolu 26*

Dan l-Artikolu huwa dispożizzjoni standard li għandu x'jaqsam ma' sanzjonijiet għall-ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali. Dispożizzjonijiet ekwivalenti jinstabu fl-Artikolu 8d tad-

Direttiva 76/207/KEE, introdott mill-paragrafu 7 ta' l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2002/73/KE. L-Artikolu 26 jerġa' jiġbor id-dispożizzjonijiet kollha dwar sanzjonijiet u jagħmilhom applikabbli għall-kwistjonijiet koperti minn din id-Direttiva.

*Artikolu 27*

Dan l-Artikolu jiġi mill-Artikolu 2 (5) tad-Direttiva 76/207/KEE, kif imdaħħal mill-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2002/73/KE, li jirrikkmanda li l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu sabiex jittieħdu miżuri preventivi kontra d-diskriminazzjoni sesswali, il-fastidju u l-fastidju sesswali.

*Artikolu 28*

Din hija wkoll dispożizzjoni standard li tipprovdi li m'għandux jitbaxxa l-livell ta' protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni minħabba s-sess tal-persuna li diġà tingħata mill-Istati Membri meta jimplimentaw din id-Direttiva.

*Artikolu 29*

Dan l-Artikolu li jikkonċerna l-integrazzjoni tas-sess (*gender mainstreaming)* jirrifletti l-ispirtu ta' l-Artikolu 3(2) tal-KE u huwa identiku għall-Artikolu 1(1a) tad-Direttiva 76/207/KEE kif imdaħħal mill-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2002/73/KE. Din id-dispożizzjoni għandha effett orizzontali u ser tapplika għall-kwistjonijiet koperti mid-Direttivi kollha li jiffurmaw parti mill-bidla preżenti.

*Artikolu 30*

Din id-dispożizzjoni tiġi mid-Direttiva 97/80/KE (l-Artikolu 5) u wkoll mid-Direttiva 75/117/KEE (l-Artikolu 7) u tikkonċerna l-obbligazzjoni ta' l-Istati Membri li jieħdu ħsieb li d-dispożizzjonijiet adottati skond din id-Direttiva, flimkien mad-dispożizzjonijiet rilevanti diġà fis-seħħ, jinġiebu għall-attenzjoni ta' persuni konċernati bil-mezzi kollha xierqa, per eżempju fuq il-post tax-xogħol. Din id-dispożizzjoni importanti għandha effett orizzontali u ser tapplika għall-oqsma kollha koperti mill-proposta preżenti għal Direttiva.

## TITOLU V

## Id-dispożizzjonijiet finali

*Artikolu 31*

Il-paragrafu 1 jeħtieġ li l-Istati Membri jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva sa mhux aktar tard mill- ……, sabiex ikun possibbli għall-Kummissjoni li tikkompila rapport għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill.

Il-paragrafu 2 jikkorrispondi, mad-dispożizzjoni li tinsab fil-paragrafu 3 ta' l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2002/73/KE dwar kif kull erba' snin għandu jsir rapport fuq il-miżuri meħuda mill-Istati Membri skond l-Artikolu 141(4) tal-KE.

*Artikolu 32*

L-Artikolu jsemmi reviżjoni possibbli tad-Direttiva u jeżisti f'Direttivi oħra f'termini simili. L-impatt tad-Direttiva ser ikun assessjat b'attenzjoni mill-Kummissjoni u kwalunkwe aġġustament li jitqies neċessarju jista' mbagħad ikun propost kif jixraq.

*Artikolu 33*

Il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jispeċifika d-data għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva mill-Istati Membri. Skond il-prattika miftiehma dan l-aħħar, huwa mitlub ukoll li l-Istati Membri jinnotifikaw it-test tad-dispożizzjonijiet adottati fit-traspożizzjoni tad-Direttiva.

Il-paragrafu 2 huwa dispożizzjoni standard li jeħtieġ li d-dispożizzjonijiet adottati għall-implimentazzjoni tad-Direttiva jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew li tali referenza tkun mehmuża magħhom. Dan il-paragrafu jinkludi wkoll dispożizzjoni oħra li teħtieġ li tali referenza tinkludi dikjarazzjoni li referenzi f'liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti għal Direttivi revokati b'din id-Direttiva ser ikunu interpretati bħala referenzi għal din id-Direttiva.

*Artikolu 34*

Dan l-Artikolu jikkonċerna r-revoka tad-Direttivi li jiffurmaw parti mill-bidla preżenti ladarba din id-Direttiva tkun ġiet adottata mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew. Din id-dispożizzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-obbligazzjonijiet fuq l-Istati Membri b'relazzjoni għal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u għad-dati ta' l-applikazzjoni tad-Direttivi eżistenti.

*Artikolu 35*

Dan huwa Artikolu standard li jispeċifika li d-Direttiva ser tidħol fis-seħħ fl-[għoxrin] ġurnata wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 36*

Dan huwa Artikolu standard li jispeċifika li d-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

2004/0084 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali u ta' trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 141(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni[61],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[62],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[63],

Filwaqt li aġixxew skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat,

Billi:

---

⇩ ġdid

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 76/207/KEE tad-9 ta' Frar 1976 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fir-rigward ta' aċċess għall-impjiegi, taħriġ vokazzjonali u promozzjoni, u kundizzjonijiet tax-xogħol[64], u d-Direttiva tal-Kunsill 86/378/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1986 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi skemi ta' sigurtà soċjali fuq il-post tax-xogħol[65] ġew emendati b'mod sostanzjali. Id-Direttiva tal-Kunsill 75/117/KEE ta' l-10 ta' Frar 1975 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrelataw ma' l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ndaqs għall-irġiel u għan-nisa[66] u d-Direttiva tal-Kunsill 97/80/KE tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar il-piż tal-prova f'każijiet ta' diskriminazzjoni bbażati fuq is-sess[67] ukoll fihom dispożizzjonijiet li għandhom bħala l-għan tagħhom l-implimentazzjoni tal-prinċipju tat-trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa. Minħabba li jridu jsiru emendi oħra għal dawn id-Direttivi, dawn għandhom

---

61 ĠU C , , p.
62 ĠU C , , p. .
63 ĠU C , , p. .
64 ĠU L 39, 14.2.1976, p. 40, Id-Direttiva kif emendata mid-Direttiva 2002/73/KE (ĠU L 269, 5.10.2002, p.15).
65 ĠU L 225, 12.8.1986, p. 40, Id-Direttiva kif emendata mid-Direttiva 96/97/KE (ĠU L 46, 17.2.1997, p. 20).
66 ĠU L 45, 19.2.1975, p. 19.
67 ĠU L 14, 20.1.1998, p. 6, Id-Direttiva kif emendata mid-Direttiva 98/52/KE (ĠU L 205, 22.7.1998, p. 66).

jinbidlu fl-interessi taċ-ċarezza u sabiex jgħaqqdu flimkien f'test wieħed id-dispożizzjonijiet prinċipali li jeżistu f'dan il-qasam kif ukoll ċerti żviluppi li oriġinaw mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej.

---

↓ 2002/73/KE, il-Premessa 4 (adattata) (adattata)

(2) It-trattament ⌦ ugwali ~~Ugwaljanza~~ ⌫ bejn ~~nisa~~ ⌦ l-irġiel ⌫ u ~~irġiel~~ ⌦ n-nisa ⌫ huwa prinċipju fundamentali~~,~~ ⌦ tal-liġi tal-Komunità li skond ⌫ ~~taħt~~ ⌦ l-Artikoli ⌫ 2 u ~~l-Artikolu~~ 3(2) tat-Trattat ~~KE~~ il-Komunità trid ~~u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Dawn id-dispożizzjonijiet tat-Trattat jipproklamaw l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel bħala 'kompitu' u 'għan' tal-Komunità u jimponu obbligu pożittiv biex '~~tippromwovi~~h'~~ fl-attivitajiet kollha tagħha.

---

↓ 2002/73/KE, il-Premessa 5 (adattata)

(3) L-Artikolu 141 ⌦ (3) ⌫ tat-Trattat~~, u b'mod partikolari l-paragrafu 3, jindirizza~~ ⌦ issa jipprovdi bażi legali ⌫ speċifika~~ment~~ ⌦ għall-adozzjoni ta' miżuri tal-Komunità biex tiġi żgurata l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' ⌫ opportunitajiet ugwali u trattament ugwali ~~ta' l-irġiel u n-nisa~~ fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol ⌦ , inkluż il-prinċipju ta' paga ndaqs għal xogħol ugwali u xogħol ta' l-istess valur ⌫ .

---

↓ 2002/73/KE, il-Premessa 3 (adattata)

(4) ⌦ L-Artikoli 21 u 23 ta' ⌫ ~~Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-~~ l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea ⌦ wkoll jipprojbixxu kwalunkwe diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' sess u jinkludu d-dritt għal trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-oqsma kollha, inklużi l-impjieg, ix-xogħol u l-paga ⌫.

---

⇩ ġdid

(5) Għal raġunijiet ta' koerenza, huwa neċessarju li tingħata definizzjoni unika ta' diskriminazzjoni diretta u indiretta.

---

↓ 97/80/KE, il-Premessa 19 (adattata)

~~Billi huwa dejjem aktar diffiċli li tiġi ppruvata d-diskriminazzjoni meta din tkun indiretta; huwa għalhekk importanti li tiġi ddefinita d-diskriminazzjoni indiretta.~~

↓ 2002/73/KE, il-Premessa 8 (adattata)

(6) Fastidju relatat mas-sess ta' persuna u fastidju sesswali huma kuntrarji għall-prinċipju ta' trattament ugwali bejn ~~in-nisa~~ ⌦ l-irġiel ⌫ u ⌦ n-nisa ⌫ ~~l-irġiel; huwa~~ ⌦ u ⌫ għalhekk ~~xieraq li kunċetti bħal dawn jiġu definiti u li jiġu pprojbiti forom ta' din ix-xorta ta'~~ ⌦ għandhom jitqiesu bħala li jikkostitwixxu ⌫ diskriminazzjoni ⌦ minħabba s-sess għall-finijiet ta' din id-Direttiva ⌫ . ~~Għal din ir-raġuni għandu jkun enfasizzat li dawn~~ ⌦ Dawn ⌫ il-forom ta' diskriminazzjoni jseħħu mhux biss fuq il-post tax-xogħol, imma wkoll fil-kuntest ta' l-aċċess għall-impjiegi u t-taħriġ vokazzjonali~~, matul l-impjieg u x-xogħol~~.

↓ 2002/73/KE, il-Premessa 9 (adattata)

(7) F'dan il-kuntest, min iħaddem u dawk li huma responsabbli għat-taħriġ vokazzjonali għandhom jiġu mħeġġa biex jieħdu miżuri ħalli jikkumbattu l-forom kollha ta' diskriminazzjoni ~~sesswali~~ ⌦ minħabba s-sess ⌫ u, b'mod partikolari, biex jieħdu miżuri preventivi kontra l-fastidju u l-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol, skond il-leġiżlazzjoni u l-prattika nazzjonali.

⇩ ġodda

(8) Il-prinċipju ta' paga ndaqs għal xogħol ugwali jew għal xogħol ta' valur ugwali kif stabbilit mill-Artikolu 141 tat-Trattat jikkostitwixxi aspett importanti tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa. Għalhekk huwa xieraq li ssir aktar preparazzjoni għall-implimentazzjoni tiegħu.

(9) Huwa stabbilit sew li l-prinċipju ta' paga ndaqs m'huwiex limitat għal sitwazzjonijiet li fihom l-irġiel u n-nisa jaħdmu għall-istess persuna. Skond is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Każ C-320/00: *A.G.* Lawrence *and Others v Regent Office Care Ltd, Commercial Catering Group u Mitie Secure Services Ltd*[68] u l-Każ C-256/01: *Debra Allonby v Accrington & Rossendale College, Education Lecturing Services u The Secretary of State for Education and Employment*[69], xorta waħda jrid ikun hemm sors uniku li li tista' tiġi attribwita lilu kwalunkwe differenza identifikata fil-kundizzjonijiet tal-paga, għax inkella m'hemm l-ebda korp responsabbli għal kwalunkwe nuqqas ta' ugwaljanza u li jkun jista' jtrodd trattament ugwali.

[68] [2002] ECR I-7325.
[69] Is-Sentenza tat-13.1.2004.

---

↓ 86/378/KEE, il-Premessa 1 (adattata)

Billi t-Trattat jipprovdi li kull Stat Membru għandu jiżgura l-applikazzjoni tal-prinċipju li l-irġiel u n-nisa għandhom jirċievu paga ndaqs għal xogħol ugwali; billi «paga» għandha titqies li tfisser il-paga jew is-salarju ordinarju bażiku jew minimu u kwalunkwe rimunerazzjoni oħra, kemm jekk fi flus kontanti jew b'mezzi simili, li jirċievi l-impjegat, direttament jew indirettament, minn min iħaddmu fejn għandu x'jaqsam l-impjieg tiegħu;

---

↓ 86/378/KEE, il-Premessa 2 (adattata)

Billi, għalkemm il-prinċipju ta' paga ndaqs tabilħaqq japplika direttament f'każijiet fejn id-diskriminazzjoni tista' tiġi ddeterminata biss fuq il-bażi tal-kriterji ta' trattament ugwali u paga ndaqs, hemm ukoll sitwazzjonijiet fejn l-implimentazzjoni ta' dan il-prinċipju timplika l-adozzjoni ta' miżuri addizzjonali li jiddefinixxu l-ambitu tiegħu b'mod aktar ċar.

---

↓ 75/117/KEE, il-Premessa 1 (adattata)

Billi l-implimentazzjoni tal-prinċipju li l-irġiel u n-nisa għandhom jirċievu paga ndaqs li jinsab fl-Artikolu 119 tat-Trattat hija parti integrali tat-twaqqif u tal-funzjonament tas-suq komuni;

---

↓ 75/117/KEE, il-Premessa 2 (adattata)

Billi hija primarjament ir-responsabbilità ta' l-Istati Membri li jiżguraw l-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju permezz ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi xierqa;

---

↓ 75/117/KEE, il-Premessa 3 (adattata)

Billi r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 1974[70] li tikkonċerna programm ta' azzjoni soċjali, immirat biex jagħmel possibbli l-armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' l-għajxien u x-xogħol filwaqt li jinżamm it-titjib u li jintlaħaq żvilupp soċjali u ekonomiku bbilanċjat tal-Komunità, irrikonoxxiet li għandha tingħata prijorità lill-

---

70 ĠU Nru C 13, 12.2.1974, p. 1.

~~azzjoni li tittieħed f'isem in-nisa fir-rigward ta' l-aċċess għall-impjieg u t-taħriġ vokazzjonali u l-avvanz, u fir-rigward ta' kundizzjonijiet tax-xogħol, inkluża l-paga;~~

---

🡻 75/117/KEE, il-Premessa 4 (adattata)

~~Billi huwa mixtieq li jiġu rinforzati l-liġijiet bażiċi permezz ta' standards immirati biex tkun iffaċilitata l-applikazzjoni prattika tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza b'tali mod li l-impjegati kollha fil-Komunità jistgħu jiġu mħarsa f'dawn il-kwistjonijiet;~~

---

🡻 75/117/KEE, il-Premessa 5 (adattata)

~~Billi jibqgħu jeżistu differenzi fid-diversi Stati Membri minkejja l-isforzi li saru biex tiġi applikata r-riżoluzzjoni tal-konferenza ta' l-Istati Membri tat-30 ta' Diċembru 1961 dwar paga ndaqs għall-irġiel u n-nisa u billi, għalhekk, id-dispożizzjonijiet nazzjonali għandhom jitqarrbu fir-rigward ta' l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ndaqs;~~

---

⇩ ġdid

(10) Għandhom jiġu adottati miżuri speċifiċi biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali fi skemi okkupazzjonali ta' sigurtà soċjali u biex jiġi definit l-ambitu tiegħu b'mod aktar ċar.

---

🡻 86/378/KEE, il-Premessa 3 (adattata)

~~Billi, l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 76/207/KEE tad-9 ta' Frar 1976 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa fir-rigward ta' l-aċċess għall-impjieg, tat-taħriġ vokazzjonali u tal-promozzjoni, u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol71 jipprovdi li, sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju ta' trattament ugwali fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali, il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, ser jadotta dispożizzjonijiet li jiddefinixxu s-sustanza tiegħu, l-ambitu tiegħu u l-arranġamenti għall-applikazzjoni tiegħu; billi l-Kunsill adotta għal dan il-għan id-Direttiva 79/7/KEE tad-19 ta' Diċembru 1978 dwar l-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju tat-trattament ugwali għall-irġiel u għan-nisa fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali72.~~

---

71 ~~ĠU Nru L 39, 14. 2. 1976, p. 40.~~
72 ~~ĠU Nru L 6, 10. 1. 1979, p. 24.~~

🡻 86/378/KEE, il-Premessa 4 (adattata)

~~Billi l-Artikolu 3 (3) tad-Direttiva 79/7/KEE jipprovdi li, sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali fi skemi tax-xogħol, il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, ser jadotta dispożizzjonijiet li jiddefinixxu s-sustanza tiegħu, l-ambitu tiegħu u l-arranġamenti għall-applikazzjoni tiegħu;~~

---

🡻 86/378/KEE, il-Premessa 5 (adattata)

~~Billi l-prinċipju ta' trattament ugwali għandu jkun implimentat fi skemi ta' sigurtà soċjali fuq il-post tax-xogħol li jipprovdu ħarsien kontra r-riskji speċifikati fl-Artikolu 3 (1) tad-Direttiva 79/7/KEE kif ukoll dawk li jipprovdu lill-impjegati bi kwalunkwe rimunerazzjoni oħra fi flus kontanti jew b'mezzi simili fi ħdan it-tifsira tat-Trattat;~~

---

🡻 86/378/KEE, il-Premessa 6 (adattata)

~~Billi l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali ma jippreġudikax id-dispożizzjonijiet li jirrelataw mal-ħarsien tan-nisa minħabba l-maternità,~~

---

🡻 96/97/KE, il-Premessa 2 (adattata)

(11) Fis-sentenza tagħha ~~tas-17 ta' Mejju 1990,~~ fil-Każ C-262/88: *Barber v. Guardian Royal Exchange Assurance Group*[73]~~,~~ il-Qorti tal-Ġustizzja ~~tal-Komunitajiet Ewropej tagħraf~~ ⌦ ddeterminat ⌫ li l-forom kollha ta' pensjoni tax-xogħol jikkostitwixxu element ta' paga fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu ⌦ 141 ⌫ ~~119~~ tat-Trattat.

---

⇩ ġdid

(12) Għalkemm il-kunċett ta' paga fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 141 tat-Trattat ma jinkludix il-benefiċċji tas-sigurtà soċjali, issa huwa stabbilit b'mod ċar li skema ta' pensjoni għal uffiċjali pubbliċi taqa' fl-ambitu tal-prinċipju ta' paga ndaqs jekk il-benefiċċji li jitħallsu skond l-iskema jingħataw lill-impjegat minħabba r-relazzjoni ta' l-impjieg tiegħu ma' min iħaddmu fis-settur pubbliku, minkejja l-fatt li skema bħal din tifforma parti minn skema ġenerali statutorja. Skond is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja

[73] 1990 ECR I-1889

fil-Każ C-7/93: *Bestuur van het Algemeen Burgerlijk Pensioenfonds v G. A. Beune*[74] u l-Każ C-351/00: *Pirkko Niemi*[75], din il-kundizzjoni ser tiġi sodisfatta jekk l-iskema tal-pensjoni tikkonċerna kategorija partikolari ta' impjegati u l-benefiċċji tagħha huma relatati direttament mal-perjodu tas-servizz u huma kkalkulati permezz ta' referenza għas-salarju finali ta' l-uffiċjal pubbliku. Għal raġunijiet ta' ċarezza, għalhekk huwa xieraq li ssir preparazzjoni speċifika għal dan il-għan.

---

↓ 96/97/KE, il-Premessa 10 (adattata)

(13) ~~Barra dan, fis-sentenzi tagħha fil-Każ C-152/91 u l-Każ C-200/91), il-~~ ⌦ Il- ⌫ Qorti ⌦ tal-Ġustizzja kkonfermat ⌫ ~~tispeċifika~~ li ⌦ filwaqt ⌫ li l-kontribuzzjonijiet ta' ħaddiema rġiel u nisa fi skema ta' pensjoni b'benefiċċju definit ~~iridu jkunu l-istess, minħabba li dawn~~ huma koperti mill-Artikolu ⌦ 141 ⌫ ~~119~~ tat-Trattat, ~~filwaqt li~~ ⌦ kwalunkwe ⌫ nuqqas ta' ugwaljanza ⌦ fil- ⌫ ~~ta'~~ kontribuzzjonijiet ta' min iħaddem imħallsa skond skemi b'benefiċċju definit iffinanzjati~~,~~ minħabba l-użu ta' fatturi attwarjali li jvarjaw skond is-sess~~,~~ m'għandhiex titqies fid-dawl ta' dik l-istess dispożizzjoni.

---

↓ 96/97/KE, il-Premessa 4 (adattata)

(14) ~~Billi skond il-Protokoll 2 li jikkonċerna l-Artikolu 119 tat-Trattat anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,~~ ⌦ Huwa stabbilit sew li ⌫ l-benefiċċji ⌦ li jistgħu jitħallsu ⌫ taħt skemi ta' sigurtà soċjali fuq il-post tax-xogħol ~~għandhom~~ ⌦ m' ⌫ għandhomx ⌦ jitqiesu ⌫ bħala rimunerazzjoni ~~jekk u sakemm~~ ⌦ sakemm ⌫ dawn jistgħu jiġu attribwiti għall-perjodi ta' impjieg qabel is-17 ta' Mejju 1990, ħlief fil-każ ta' ħaddiema jew ta' dawk li jagħmlu talba taħthom li~~, qabel dik id-data kienu,~~ bdew proċeduri legali jew ~~qajmu~~ ⌦ ressqu ⌫ talba ekwivalenti skond il-liġi nazzjonali applikabbli~~;~~ ⌦ qabel dik id-data. Għalhekk huwa neċessarju li tiġi llimitata l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali skond dan ⌫ .

---

↓ 2002/73/KE, il-Premessa 11 (adattata)

(15) ⌦ Li jkun żgurat aċċess ugwali għall-impjiegi u għat-taħriġ vokazzjonali li jwassal għalhekk huwa fundamentali għall-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjieg u xogħol. Kwalunkwe eċċezzjoni għal dan il-prinċipju għandha għalhekk tiġi llimitata għal dawk ⌫ ~~L-~~ l-attivitajiet ta' xogħol ~~li l-Istati Membri jistgħu jeskludu mill-ambitu tad-Direttiva 76/207/KEE għandhom jiġu ristretti għal dawk~~ li jeħtieġu l-impjieg ta' persuna ta' ~~wieħed~~ sess ⌦ partikolari ⌫ minħabba ~~il-~~ n-natura ⌦ tagħhom ⌫ ~~ta' l-attivitajiet partikolari tax-xogħol~~

---

[74] [1994] ECR I-4471.
[75] [2002] ECR I-7007.

~~ikkonċernati~~ ⌦ jew il-kuntest li fih jitwettqu ⌫ , sakemm l-għan li jrid jintlaħaq huwa leġittimu~~, u suġġett għal~~ ⌦ u jikkonforma ⌫ mal-prinċipju tal-proporzjonalità ~~kif stabbilit mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja~~[76].

---

| 🡻 76/207/KEE, il-Premessa 1 (adattata) |
|---|

~~Billi l-Kunsill, fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 1974 fejn għandu x'jaqsam programm ta' azzjoni soċjali77, li kien inkluż fost l-azzjonijiet ta' prijorità sabiex tinkiseb l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fir-rigward ta' l-aċċess għall-impjiegi u għat-taħriġ vokazzjonali u għall-promozzjoni u fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, inkluża l-paga;~~

---

| 🡻 76/207/KEE, il-Premessa 2 (adattata) |
|---|

~~Billi, fir-rigward tal-paga, il-Kunsill adotta fl-10 ta' Frar 1975 id-Direttiva 75/117/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrelataw ma' l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ndaqs għall-irġiel u għan-nisa78;~~

---

| 🡻 76/207/KEE, il-Premessa 3 (adattata) |
|---|

~~Billi azzjoni tal-Komunità biex jinkiseb il-prinċipju ta' trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa fejn għandu x'jaqsam l-aċċess għall-impjiegi u għat-taħriġ vokazzjonali u għall-promozzjoni u fejn għandhom x'jaqsmu kundizzjonijiet oħra ta' xogħol tidher ukoll li hija neċessarja; billi, trattament ugwali għall-ħaddiema ġiel u nisa jikkostitwixxi wieħed mill-għanijiet tal-Komunità, safejn għandha x'taqsam l-armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' l-għajxien u tax-xogħol filwaqt li jinżamm it-titjib tagħhom għandu, fost l-oħrajn, jitkompla; billi t-Trattat ma jagħtix il-poteri speċifiċi neċessarji għal dan il-għan;~~

---

| 🡻 76/207/KEE, il-Premessa 4 (adattata) |
|---|

~~Billi d-definizzjoni u l-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju ta' trattament ugwali fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali għandhom jiġu żgurati permezz ta' strumenti sussegwenti,~~

---

[76] ~~Il-Każ C-222/84 Johnston, [1986] ECR 1651, il-Każ C-273/97 Sirdar [1999] ECR I-7403 u l-Każ C-285/98 Kreil [2000] ECR I-69~~

[77] ~~ĠU Nru C 13, 12. 2. 1974, p. 1.~~

~~78 ĠU Nru L 45, 19. 2. 1975, p. 19.~~

▼ 2002/73/KE, il-Premessa 14 (adattata)

(16) ~~L-Istati Membri jistgħu, skond~~ ⌦ Skond ⌫ l-Artikolu 141(4) tat-Trattat, ⌦ il-prinċipju ta' trattament ugwali ma jwaqqafx lill-Istati Membri milli jżommu ⌫ ~~iżommu~~ jew ⌦ jadottaw ⌫ ~~jadottaw~~ miżuri li jipprovdu għal vantaġġi speċifiċi~~,~~ biex jagħmluha aktar faċli għas-sess li huwa rrapreżentat l-inqas milli jsegwi attività vokazzjonali jew jipprevjenu jew jikkumpensaw għal żvantaġġi fil-karrieri professjonali. ~~Minħabba s-sitwazzjoni korrenti, u filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu d-Dikjarazzjoni Nru 28 għat-Trattat ta' Amsterdam, l-Istati Membri għandhom, l-ewwelnett, jisħqu biex itejbu s-sitwazzjoni tan-nisa fil-ħajja tax-xogħol.~~

▼ 2002/73/KE, il-Premessa 12 (adattata)

(17) ⌦ Huwa ċar mill-ġurisprudenza tal- ⌫ ~~Il-~~ Qorti tal-Ġustizzja ~~b'mod konsistenti rrikonoxxiet il-leġittimità, fit-termini tal-prinċipju ta' trattament ugwali, tal-ħarsien tal-kundizzjoni bijoloġika tal-mara matul u wara t-tqala. Barra minn dan, b'mod konsistenti ddeċidiet~~ li ~~kwalunkwe~~ trattament mhux favorevoli ta' ~~nisa~~ ⌦ mara ⌫ relatat mat-tqala jew mal-maternità jikkostitwixxi diskriminazzjoni diretta ~~minħabba s-sess~~ ⌦ minħabba s-sess. Trattament bħal dan għalhekk għandu jiġi inkluż b'mod espliċitu f'din id-Direttiva ⌫.

(18) ⌦ Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet b'mod konsistenti il-leġittimità, fir-rigward tal-prinċipju ta' trattament ugwali, li titħares il-kundizzjoni bijoloġika ta' mara matul it-tqala u l-maternità. ⌫ Din id-Direttiva hija għalhekk mingħajr preġudizzju għad-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jiġi mħeġġeġ titjib fis-sigurtà u fis-saħħa fuq ix-xogħol ta' impjegati tqal u ta' ħaddiema li welldu reċentement jew li qed ireddgħu[79].~~(l-għaxar Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE), li għandha l-għan li tiżgura l-ħarsien ta' l-istat fiżiku u mentali tan-nisa tqal, tan-nisa li welldu reċentement jew tan-nisa li qed ireddgħu. Il-preambolu għad-Direttiva 92/85/KEE jipprovdi li l-ħarsien tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiema tqal, tal-ħaddiema li welldu reċentement jew tal-ħaddiema li qed ireddgħu m'għandux jinvolvi trattament tan-nisa li huma fis-suq tax-xogħol b'mod li mhux favorevoli u lanqas m'għandu jaħdem għad-detriment tad-direttivi li jikkonċernaw it-trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa.~~

(19) ⌦ Għal raġunijiet ta' ċarezza, huwa wkoll xieraq li ssir preparazzjoni apposta għall- ⌫ ~~Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet~~ ħarsien ⌦ tad- ⌫ drittijiet ta' l-impjieg tan-nisa~~,~~ ⌦ dwar il-lîf tal-maternità u ⌫ b'mod partikolari d-dritt tagħhom li jmorru lura fil-~~xogħol,~~ ⌦ kariga li kellhom jew f'waħda ekwivalenti u li ma jbatu l-ebda detriment fit-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom minħabba li jieħdu lîf bħal dan. ⌫~~mingħajr l-ebda kundizzjoni tax-xogħol li tkun inqas favorevoli, kif ukoll li jibbenefikaw minn kwalunkwe titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol li għalihom kienu jkunu intitolati matul l-assenza tagħhom.~~

---

79 ĠU L 348, 28.11.1992, p. 1.

⇩ ġodda

(20) L-implimentazzjoni effettiva tal-prinċipju ta' trattament ugwali jirrikjedi li l-Istati Membri jkollhom il-proċeduri xierqa.

(21) Li jkunu provduti proċeduri ġudizzjarji u amministrattivi adegwati għall-infurzar ta' l-obbligi imposti minn din id-Direttiva huwa essenzjali għall-implimentazzjoni effettiva tal-prinċipju ta' trattament ugwali.

---

🡻 97/80/KE, il-Premessi 13, 14 16 u 18 (adattati)

(22) ⌦ L-adozzjoni ta' regoli dwar il-piż tal-prova għandha rwol importanti biex ikun żgurat li l-prinċipju ta' trattament ugwali jista' jiġi infurzat b'mod effettiv. Kif ⌫ ~~Billi~~ il-Qorti tal-Ġustizzja ~~tal-Komunitajiet Ewropej~~ ddeċidiet ~~għalhekk~~⌦ , ⌫ ~~li r-regoli dwar il-piż tal-prova iridu jiġu adattati meta jkun hemm każ *prima facie* ta' diskriminazzjoni u li, biex il-prinċipju ta' trattament ugwali jiġi applikat b'mod effettiv,~~ ⌦ għalhekk għandha ssir preparazzjoni biex jiġi żgurat li l-piż tal-prova ~~irid imur~~ ⌦ jmur ⌫ lura għand il-konvenut meta ~~tinġieb~~ ⌦ hemm każ *prima facie* ⌫ ~~evidenza~~ ta' diskriminazzjoni ⌦ , ⌫ ~~għal din. Billi l-Istati Membri m'għandhomx għalfejn japplikaw ir-regoli fuq il-piż tal-prova għal~~ ⌦ ħlief b'relazzjoni għal ⌫ proċeduri li matulhom hija l-qorti jew korp ieħor kompetenti li għandha tinvestiga l-fatti. ~~tal-każ.; billi l-proċeduri li jissemmew huma dawk fejn il-kwerelant m'huwiex meħtieġ li jipprova l-fatti, li jridu jiġu investigati mill-qorti jew minn korp kompetenti.~~ ⌦ Madankollu huwa neċessarju li wieħed jikkjarifika li ⌫ ~~Billi~~ l-apprezzament tal-fatti li minnhom wieħed jista' jippreżumi li kien hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta ⌦ tibqa' ⌫ ~~huwa~~ kwistjoni ⌦ għall-korp ⌫ rilevanti ~~ġudizzjarji jew korpi kompetenti oħra,~~ ⌦ nazzjonali ⌫ skond il-liġi jew il-prattika nazzjonali. ~~Billi~~ ⌦ Barra minn hekk, ⌫ għandhom ikunu l-Istati Membri li jintroduċu, fi kwalunkwe stadju xieraq tal-proċeduri, regoli ta' evidenza li huma aktar favorevoli għall-kwerelanti.

---

🡻 97/80/KE, il-Premessa 1 (adattata)

~~Billi, fuq il-bażi tal-Protokoll dwar il-politika soċjali anness mat-Trattat, l-Istati Membri, ħlief għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (minn issa 'l quddiem imsejħin «l-Istati Membri»), li jixtiequ jimplimentaw il-Karta Soċjali ta' l-1989, ikkonkludew Ftehim dwar il-politika soċjali;~~

---

🡻 97/80/KE, il-Premessa 2 (adattata)

~~Billi l-Karta tal-Komunità tad-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema tirrikonoxxi l-importanza li tiġi miġġielda kull forma ta' diskriminazzjoni, inkluża d-diskriminazzjoni minħabba sess, kulur, razza, opinjonijiet u twemmin;~~

---

🡻 97/80/KE, il-Premessa 3 (adattata)

~~Billi l-paragrafu 16 tal-Karta tal-Komunità tad-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema dwar trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa, jipprovdi, fost l-oħrajn, li «l-azzjoni għandha tiġi intensifikata biex tkun żgurata l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza għall-irġiel u n-nisa fir-rigward, b'mod partikolari, ta' l-aċċess għall-impjiegi, tar-rimunerazzjoni, tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, tal-ħarsien soċjali, ta' l-edukazzjoni, tat-taħriġ vokazzjonali u ta' l-iżvilupp tal-karriera »;~~

---

🡻 97/80/KE, il-Premessa 4 (adattata)

~~Billi, skond l-Artikolu 3(2) tal-Ftehim dwar il-politika soċjali, il-Kummissjoni kkonsultat ma' l-amministrazzjoni u mal-ħaddiema fuq il-livell tal-Komunità dwar id-direzzjoni possibbli ta' azzjoni Komunitarja dwar il-piż tal-prova f'każijiet ta' diskriminazzjoni bbażati fuq is-sess;~~

---

🡻 97/80/KE, il-Premessa 5 (adattata)

~~Billi l-Kummissjoni, filwaqt li qieset li l-azzjoni Komunitarja hija ta' min jirrikmandaha wara konsultazzjoni bħal din, għal darb'oħra kkonsultat ma' l-amministrazzjoni u mal-ħaddiema dwar il-kontenut tal-proposta maħsuba skond l-Artikolu 3(3) ta' l-istess Ftehim; billi dawn ta' l-aħħar bagħtu l-opinjonijiet tagħhom lill-Kummissjoni;~~

---

🡻 97/80/KE, il-Premessa 6 (adattata)

~~Billi, wara t-tieni serje ta' konsultazzjonijiet, la l-amministrazzjoni u lanqas il-ħaddiema ma informaw lill-Kummissjoni bix-xewqa tagħhom li jibdew il-proċess — li possibilment iwassal għal ftehim — ipprovdut fl-Artikolu 4 ta' l-istess Ftehim;~~

↓ 97/80/KE, il-Premessa 7 (adattata)

~~Billi, skond l-Artikolu 1 tal-Ftehim, il-Komunità u l-Istati Membri stabbilew għalihom infushom l-għan, fost l-oħrajn, li jtejbu l-kundizzjonijiet ta' l-għajxien u tax-xogħol; billi l-implimentazzjoni effettiva tal-prinċipju ta' trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa għandha tikkontribwixxi biex jintlaħaq dan l-għan;~~

↓ 97/80/KE, il-Premessa 8 (adattata)

~~Billi l-prinċipju ta' trattament ugwali kien iddikjarat fl-Artikolu 119 tat-Trattat, fid-Direttiva tal-Kunsill 75/117/KEE ta' l-10 ta' Frar 1975 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrelataw ma' l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ndaqs għall-irġiel u għan-nisa80 u fid-Direttiva tal-Kunsill 76/207/KEE tad-9 ta' Frar 1976 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fir-rigward ta' l-aċċess għall-impjiegi, għat-taħriġ vokazzjonali u għall-promozzjoni u għall-kundizzjonijiet tax-xogħol81;~~

↓ 97/80/KE, il-Premessa 9 (adattata)

~~Id-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u fis-saħħa fuq ix-xogħol ta' impjegati tqal u ta' impjegati li welldu reċentement jew li qed ireddgħu tikkontribwixxi wkoll s għall-implimentazzjoni effettiva tal-prinċipju ta' trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa; billi dik id-Direttiva m'għandhiex taħdem għad-detriment tad-Direttivi dwar it-trattament ugwali msemmija aktar 'il fuq; billi, għalhekk, il-ħaddiema nisa li huma koperti minn dik id-Direttiva bl-istess mod għandhom jibbenefikaw mill-adattament tar-regoli dwar il-piż tal-prova.~~

↓ 97/80/KE, il-Premessa 10 (adattata)

~~Billi d-Direttiva tal-Kunsill 96/34/KE tat-3 ta' Ġunju 1996 dwar il-ftehim qafas dwar il-lîf tal-ġenituri konkluż mill-UNICE, mill-CEEP u mill-ETUC82, hija wkoll ibbażata fuq il-prinċipju ta' trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa.~~

80 ~~ĠU L 45, 19. 2. 1975, p. 19.~~
81 ~~ĠU L 39, 14. 2. 1976, p. 40.~~
82 ~~ĠU L 145, 19.6.1996, p.4~~

🡻 97/80/KE, il-Premessa 11 (adattata)

Billi r-referenzi għal 'proċess ġudizzjarju` u għal 'qorti` jkopru mekkaniżmi li permezz tagħhom jistgħu jitressqu kwistjonijiet biex ikunu eżaminati u tintlaħaq deċiżjoni dwarhom quddiem il-korpi indipendenti li jistgħu jagħtu deċiżjonijiet li jorbtu lill-partijiet għal dawk il-kwistjonijiet.

---

🡻 97/80/KE, il-Premessa 12 (adattata)

Billi l-espressjoni 'proċeduri extra-ġudizzjarji` tfisser b'mod partikolari l-proċeduri bħal konċiljazzjoni u medjazzjoni.

---

🡻 97/80/KE, il-Premessa 15 (adattata)

Billi huwa neċessarju li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tas-sistemi legali ta' ċerti Stati Membri, fost l-oħrajn fejn issir inferenza ta' diskriminazzjoni jekk il-konvenut ma jirnexxilux jipproduċi evidenza li tissodisfa l-qorti jew korp kompetenti ieħor li ma kien hemm l-ebda ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali.

---

🡻 97/80/KE, il-Premessa 17 (adattata)

Billi, il-kwerelanti jistgħu jiġu mċaħħda minn kwalunkwe mezz effettiv biex bih jinfurzaw il-prinċipju ta' trattament ugwali quddiem il-qrati nazzjonali jekk l-effett ta' l-introduzzjoni ta' l-evidenza ta' diskriminazzjoni apparenti ma kienx biex jimponi fuq il-konvenut il-piż li jipprova li l-prattika tiegħu fil-fatt mhix diskriminatorja.

---

🡻 2002/73/KE, il-Premessa 20 (adattata)

(23) Persuni li ġew suġġetti għal diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess għandu jkollhom mezzi adegwati ta' ħarsien legali. Biex jiġi pprovdut ⌦ Bil-ħsieb li jittejjeb aktar ⌫ il-livell tal-ħarsien aktar effettiv ⌦ offrut minn din id-Direttiva ⌫, assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet u korpi legali oħra għandhom ukoll jingħataw il-poter li jinvolvu rwieħhom fi proċeduri, kif jiddeterminaw l-Istati Membri, jew f'isem jew b'appoġġ ta' ⌦ min qed jagħmel l-ilment ⌫ kwalunkwe vittma, mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali ta' proċedura li jikkonċernaw ir-rappreżentazzjoni u d-difiża quddiem il-qrati .

| ⬇ 2002/73/KE, il-Premessa 17 (adattata) |
|---|

(24) Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, filwaqt ⌦ Fir-rigward ⌫ tan-natura fundamentali tad-dritt għal ħarsien ġudizzjarju ⌦ legali ⌫ effettiv, li jgawdu l-impjegati ⌦ huwa xieraq li jiġi żgurat li l-ħaddiema jkomplu jgawdu ⌫ minn ħarsien ta' din ix-xorta anki wara li r-relazzjoni ta' l-impjieg ⌦ li tkun wasslet għall-allegat ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali ⌫ tkun intemmet[83]. Impjegat li jkun qed jiddefendi jew jagħti xhieda f'isem persuna mħarsa skond din id-Direttiva għandu jkollu d-dritt għall-istess ħarsien.

| ⬇ 2002/73/KE, il-Premessa 18 (adattata) |
|---|

(25) ⌦ Kien stabbilit b'mod ċar ⌫ Il- mill-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sabiex ikun effettiv, il-prinċipju ta' trattament ugwali jimplika li, kull meta jinkiser, il-kumpens li jingħata ⌦ għal kwalunkwe ksur ⌫ lill-impjegat li tkun saret diskriminazzjoni kontrih irid ikun adegwat meta titqies il-ħsara mġarrba. Huwa ⌦għalhekk xieraq li jiġi eskluż ⌫ barra minn dan speċifika ukoll li mhux permess l-iffissar ⌦ ta' kwalunkwe ⌫ xi limitu fuqani minn qabel ⌦ għal ⌫ għax jista' jipprekludi kumpens bħal dan effettiv. ,ħlief għal għotja ta' imgħax bħala kumpens għat-telfa mġarrba[84].

| ⬇ 2002/73/KE, il-Premessa 21 (adattata) |
|---|

(26) ⌦ Biex tittejjeb l-implimentazzjoni effettiva tal-prinċipju ta' trattament ugwali, ⌫ l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu d-djalogu bejn is-sħab soċjali u, fi ħdan l-istruttura ta' prattika nazzjonali, ma' organizzazzjonijiet mhux governamentali. biex jindirizzaw forom differenti ta' diskriminazzjoni bbażati fuq is-sess fuq il-post tax-xogħol u biex jikkumbattuhom.

| ⬇ 2002/73/KE, il-Premessa 22 (adattata) |
|---|

(27) L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi fil-każ ta' ksur ta' l-obbligi skond ⌦ din ⌫ id-Direttiva 76/207/KEE.

83 Il-Każ C-185/97 Coote [1998] ECR 1-5199
84 Il-Każ C-180/95, Draehmpaehl, [1997] ECR I-2195, il-Każ C-271/91, Marshall [1993] ECR I-4367

🡻 2002/73/KE, il-Premessa 23 (adattata)

(28) ~~Skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat,~~ ⌦ Minħabba li ⌫ l-għanijiet ta' l-azzjoni proposta ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk jintlaħqu aħjar ~~permezz tal-~~ ⌦ fuq livell ⌫ Komunitarju~~.~~ ⌦, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat ⌫. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju ⌦ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet ⌫. ~~għal dak il-għan.~~

🡻 97/80/KE, il-Premessa 20 (adattata)

~~Billi fl-Istati Membri kollha għadu ma ntlaħaqx b'mod sodisfaċenti l-għan li jiġu adattati b'mod adegwat ir-regoli dwar il-piż tal-prova u, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà ddikjarat fl-Artikolu 3b tat-Trattat flimkien ma' dak tal-proporzjonalità, li jrid jintlaħaq l-għan fuq livell Komunitarju; billi din id-Direttiva tillimita ruħha għall-inqas azzjoni meħtieġa u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju għal dak il-għan,~~

⇩ ġodda

(29) L-obbligu li din id-Direttiva tiġi trasposta fil-liġi nazzjonali għandu jkun limitat għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw bidla sostantiva meta jiġu mqabbla mad-Direttivi preċedenti. L-obbligu li d-dispożizzjonijiet li sostanzjalment ma nbidlux jiġu trasposti titqajjem skond id-Direttivi preċedenti.

(30) Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' l-Istati Membri li jirrelataw mal-limiti taż-żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u għall-applikazzjoni tad-Direttivi stabbiliti fil-Parti B ta' l-Anness 1,

⇩ ġodda

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

# TITOLU I

## ID-DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

L-għan ta' din id-Direttiva huwa li jiġi żgurat li jkun applikat il-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali u trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u x-xogħol.

Għal dan il-għan, tinkludi dispożizzjonijiet biex jiġi implimentat il-prinċipju ta' trattament ugwali b'relazzjoni għal:

(a) l-aċċess għall-impjieg, inkluża l-promozzjoni, u għat-taħriġ vokazzjonali;

(b) il-kundizzjonijiet tax-xogħol, inkluża l-paga;

(c) l-iskemi okkupazzjonali ta' sigurtà soċjali.

Tinkludi wkoll dispożizzjonijiet biex ikun żgurat li implimentazzjoni bħal din tkun aktar effettiva permezz tat-twaqqif ta' proċeduri xierqa.

---

🡻 76/207/KEE (adattata)

~~*Artikolu 1*~~

~~1. L-għan ta' din id-Direttiva huwa li, fl-Istati Membri, jidħol fis-seħħ il-prinċipju ta' trattament ugwali għall-irġiel u għan-nisa fir-rigward ta' l-aċċess għall-impjiegi, inkluża l-promozzjoni, u għat-taħriġ vokazzjonali u fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u dwar il-kundizzjonijiet li jissemmew fil-paragrafu 2, tas-sigurtà soċjali. Dan il-prinċipju minn issa 'l quddiem jissejjaħ bħala l-'prinċipju ta' trattament ugwali'.~~

~~2. Bil-ħsieb li tiġi żgurata l-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju ta' trattament ugwali fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali, il-Kunsill, filwaqt li aġixxa fuq proposta tal-Kummissjoni, ser jadotta dispożizzjonijiet li jiddefinixxu s-sustanza tiegħu, l-ambitu tiegħu u l-arranġamenti għall-applikazjzoni tiegħu.~~

| ↓ 86/378/KEE (adattata) |
|---|

*~~Artikolu 1~~*

~~L-għan ta' din id-Direttiva huwa li jiġi implimentat, fi skemi ta' sigurtà soċjali fuq il-post tax-xogħol, il-prinċipju ta' trattament ugwali għall-irġiel u għan-nisa, li minn issa 'l quddiem se jissejjaħ bħala «il-prinċipju ta' trattament ugwali».~~

---

| ↓ 97/80/KE (adattata) |
|---|

*~~Artikolu 1~~*

**~~L-Għan~~**

~~L-għan ta' din id-Direttiva għandu jkun li jiżgura li miżuri li jittieħdu mill-Istati Membri biex jiġi implimentat il-prinċipju ta' trattament ugwali jsiru aktar effettivi, sabiex l-persuni kollha li jaħsbu li ġew ittrattati ħażin minħabba li l-prinċipju ta' trattament ugwali ma ġiex applikat għalihom jingħataw l-opportunità li d-drittijiet tagħhom jiġu difiżi permezz ta' proċess ġudizzjarju wara rikors possibbli lil korpi kompetenti oħra.~~

---

| ↓ 2002/73/KE, il-pt. 2 ta' l-Artikolu 1 (adattat) |
|---|

*Artikolu 2*

~~2.~~ ⌦ 1. ⌫ Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

---

| ↓ 2002/73/KE, il-pt. 2 ta' l-Artikolu 1 (adattat) |
|---|

⌦ (a) ⌫ ~~-~~ diskriminazzjoni diretta: fejn persuna waħda tiġi ttratata b'mod inqas favorevoli minn kif ġiet trattata jew tista' tiġi trattata persuna oħra minħabba s-sess f'sitwazzjoni komparabbli~~,~~ ⌦ ; ⌫

⌦ (b) ⌫ ~~-~~ diskriminazzjoni indiretta: fejn dispożizzjoni, kriterju jew prattika mid-dehra newtrali tista' tpoġġu lil persuni ta' sess wieħed fi żvantaġġ partikolari meta mqabbla ma' persuni tas-sess l-ieħor, sakemm dik id-dispożizzjoni, kriterju jew prattika mhix iġġustifikata objettivament minn għan leġittimu, u l-mezzi biex jintlaħaq dak l-għan huma xierqa u neċessarji~~,~~ ⌦ ; ⌫

↓ 97/80/KE, l-Artikolu 2(2) (adattat)

– Għall-finijiet tal-prinċipju tat-trattament ugwali li jissemma fil-paragrafu 1, id-diskriminazzjoni indiretta għandha teżisti fejn dispożizzjoni, kriterju jew prattika mid-dehra newtrali tpoġġi fi żvantaġġ lil parti sostanzjalment ogħla tal-membri ta' sess wieħed sakemm dik id-dispożizzjoni, kriterju jew prattika mhix xierqa u neċessarja u tista' tiġi ġġustifikata minn fatturi objettivi li mhumiex relatati mas-sess,

↓ 2002/73/KE, il-pt. 2 ta' l-Artikolu 1 (adattat)

⌦ (c) ⌫ - fastidju: fejn isseħħ imġiba li mhix mixtieqa li għandha x'taqsam mas-sess ta' persuna bl-għan jew bl-effett ta' vjolazzjoni tad-dinjità ta' persuna, u li jinħoloq ambjent li jintimida, li huwa ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv, ⌦ ; ⌫

⌦ (d) ⌫ - fastidju sesswali: fejn isseħħ kwalunkwe forma ta' mġiba mhux mixtieqa li hija verbali, mhux verbali jew fiżika ta' natura sesswali, bl-għan jew bl-effett ta' vjolazzjoni tad-dinjità ta' persuna, b'mod partikolari meta jinħoloq ambjent li jintimida, li huwa ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv. ⌦ ; ⌫

⇩ ġdid

(e) paga: il-paga jew is-salarju ordinarja li hija bażika jew minima u kwalunkwe rimunerazzjoni oħra, kemm jekk fi flus kontanti jew b'mezzi simili, li l-ħaddiem jirċievi direttament jew indirettament, minħabba l-impjieg tiegħu minn min iħaddmu;

↓ 96/97/KE, il-pt. 1 ta' l-Artikolu 1 (adattat)

⌦ (f) ⌫ 1. «skemi ta' sigurtà soċjali fuq il-post tax-xogħol» tfisser ⌦ : ⌫ skemi li mhumiex irregolati mid-Direttiva 79/7/KEE li l-għan tagħhom huwa li jipprovdu lill-ħaddiema, kemm jekk impjegati u kemm jekk jaħdmu għal rashom, f'intrapriża jew fi grupp ta' intrapriżi, f'qasam ta' attività ekonomika, settur jew grupp ta' setturi tax-xogħol b'benefiċċji maħsuba biex iżidu l-benefiċċji pprovduti minn skemi statutorji ta' sigurtà soċjali jew biex jissostitwuwhom, kemm jekk is-sħubija fi skemi ta' din ix-xorta hija obbligatorja jew le.

↓ 2002/73/KE, il-pt. 2 ta' l-Artikolu 1 (adattat)

3. ⌦ 2. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, diskriminazzjoni tinkludi: ⌫

⌦ (a) ⌫ fastidju u fastidju sesswali ~~fi ħdan it-tifsira ta' din id-Direttiva għandhom jitqiesu bħala diskriminazzjoni minħabba s-sess u għalhekk huma pprojbiti~~. ⌦ , kif ukoll kwalunkwe trattament inqas favorevoli li huwa bbażat fuq ir-rifjut jew is-sottomissjoni ta' persuna għal imġiba ta' din ix-xorta; ⌫

~~Ir-rifjut, jew is-sottomissjoni ta' persuna għal, kondotta ta' din ix-xorta ma jistax jintuża bħala bażi għal deċiżjoni li taffetwa lil dik il-persuna.~~

- ~~4.~~ ⌦ (b) istruzzjoni biex issir diskriminazzjoni kontra persuni minħabba s-sess.~~għandha titqies bħala diskriminazzjoni fi ħdan it-tifsira ta' din id-Direttiva.~~

---

| ↓ 96/97/KE, il-pt. 2 ta' l-Artikolu 1 (adattat) |
|---|

*Artikolu 3*

⌦ 1. ⌫ Din id-Direttiva għandha tapplika għall-membri tal-popolazzjoni li taħdem, inklużi l-persuni li jaħdmu għal rashom, il-persuni li l-attività tagħhom hija interrotta mill-mard, mill-maternità, minn aċċident jew mill-qgħad involontarju u l-persuni li qed ifittxu impjieg~~,~~ ⌦ u ⌫ għall-ħaddiema rtirati u b'diżabilità ⌦ , ⌫ u għal dawk li qed jagħmlu talba taħthom, skond il-liġi u/jew il-prattika nazzjonali.

---

| ↓ 2002/73/KE, il-pt. 2 ta' l-Artikolu 1 (adattat) |
|---|

~~7.~~ ⌦ 2. ⌫ Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-ħarsien tan-nisa, b'mod partikolari fir-rigward tat-tqala u tal-maternità.

⌦ 3. ⌫ Din id-Direttiva għandha ~~wkoll~~ tkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva ~~tal-Kunsill~~ 96/34/KE ~~tat-3 ta' Ġunju 1996 dwar il-ftehim qafas dwar il-lîf tal-ġenituri konkluż mill-UNICE, mis-CEEP u mill-ETUC~~[85] u tad-Direttiva ~~tal-Kunsill~~ 92/85/KEE ~~tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex ikun imħeġġeġ it-titjib fis-sigurtà u fis-saħħa fuq ix-xogħol ta' ħaddiema tqal u ħaddiema li welldu reċentement jew li qed ireddgħu (l-għaxar Direttiva individwali fi ħdan it-Tifsira ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)~~[86].

---

| ↓ 86/378/KEE, l-Artikolu 5(2) (adattat) |
|---|

~~Il-prinċipju ta' trattament ugwali m'għandux jippreġudika d-dispożizzjoniet li jirrelataw mal-ħarsien tan-nisa minħabba l-maternità.~~

[85] ĠU L 145, 19.6.1996, p. 4.
[86] ĠU L 348, 28.11.1992, p. 1.

↓ 75/117/KEE, l-Artikolu 1 (adattat) (adattat)
⇨ ġdid

# ⌦ TITOLU II⌫

## ⌦ ID-DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI

### ⌦ Kapitolu 1 ⌫

### ⌦ Il-prinċipju ta' paga ndaqs ⌫

*Artikolu 4*

~~Il-prinċipju ta' paga ndaqs għall-irġiel u għan-nisa mfisser ħafif ħafif fl-Artikolu 119 tat-Trattat, li minn issa 'l quddiem jissejjaħ «il-prinċipju ta' paga ndaqs», ifisser~~, ~~għal~~ ⌦ Għall- ⌫ istess xogħol jew għal xogħol li jiġi attribwit b'valur ugwali, ~~l-eliminazzjoni ta'~~ kull diskriminazzjoni minħabba s-sess fir-rigward ta' l-aspetti u l-kundizzjonijiet kollha tar-rimunerazzjoni ⇨ li tista' tiġi attribwita għal sors uniku ⇦ ⌦ għandha titneħħa ⌫.

↓ 75/117/KEE, l-Artikolu 1 (adattat)

B'mod partikolari, fejn tintuża sistema ta' klassifikazzjoni ta' l-impjiegi biex tiġi ddeterminata l-paga, din ~~trid~~ ⌦ għandha ⌫ tiġi bbażata fuq l-istess kriterji kemm għall-irġiel u kemm għan-nisa u għalhekk għandha tkun imfassla biex teskludi kwalunkwe diskriminazzjoni minħabba s-sess.

↓ 86/378/KEE (adattat)

### ⌦ Kapitolu 2⌫

### ⌦ Il-prinċipju ta' trattament ugwali fi skemi okkupazzjonali ta' sigurtà soċjali ⌫

*Artikolu 5*

~~1. Fil-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet li ġejjin,~~ ⌦ Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4, ⌫ ~~il-prinċipju ta' trattament ugwali jimplika li~~ m'għandu jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni ⌦ diretta jew indiretta ⌫~~fuq il-bażi~~ ⌦ minħabba ⌫ ~~ta'~~ s-sess ⌦ fi skemi okkupazzjonali ta' sigurtà soċjali, b'mod partikolari ⌫~~jew direttament jew~~

~~indirettament,~~ ~~permezz ta' referenza, b'mod partikolari, għall-istat taż-żwieġ jew tal-familja, speċjalment~~ fir-rigward ta':

~~-~~ ⌦ (a) ⌫ l-ambitu ta' ~~l-~~⌦ tali ⌫ skemi u l-kundizzjonijiet ta' l-aċċess għalihom;

~~-~~ ⌦(b) ⌫ l-obbligu tal-kontribuzzjoni u l-kalkulazzjoni tal-kontribuzzjonijiet;

~~-~~ ⌦(c) ⌫ il-kalkulazzjoni tal-benefiċċji, inklużi l-benefiċċji supplementari dovuti minħabba l-konjuġi jew in-nies dipendenti, u l-kundizzjonijiet li jirregolaw it-tul u ż-żamma tad-dritt għall-benefiċċji.

---

| ↓ 86/378/KEE, l-Artikolu 4 (adattat) |
|---|

*Artikolu 6*

⌦ 1. ⌫ Dan ~~Din id-Direttiva~~ ⌦ il-Kapitolu ⌫ ~~għandha tapplika~~ ⌦ japplika ⌫ għal:

(a) skemi tax-xogħol li jipprovdu ħarsien kontra r-riskji li ġejjin:

~~-~~ ⌦ (i) ⌫ il-mard,

~~-~~ ⌦ (ii) ⌫ l-invalidità,

~~-~~ ⌦ (iii) ⌫ ix-xjuħija, inkluż l-irtirar kmieni,

~~-~~ ⌦ (iv) ⌫ l-inċidenti industrijali u l-mard ikkaġunat mix-xogħol,

~~-~~ ⌦ (v) ⌫ il-qgħad;

(b) skemi tax-xogħol li jipprovdu għal benefiċċji soċjali oħra, fi flus kontanti jew b'mezzi simili, u b'mod partikolari l-benefiċċji ta' min jibqa' ħaj (*survivors' benefits*) u s-sussidji għall-familja, jekk benefiċċji bħal dawn ~~jingħataw lil persuni impjegati u għalhekk~~ jikkostitwixxu rimunerazzjoni mħallsa minn min iħaddem lill-ħaddiem minħabba l-impjieg ta' dan ta' l-aħħar.

---

| ⇩ ġdid |
|---|

2. Dan il-Kapitolu japplika wkoll għall-iskemi tal-pensjoni għal kategorija partikolari ta' ħaddiem bħal dik ta' l-uffiċjali pubbliċi jekk il-benefiċċji li jitħallsu skond l-istess skema jitħallsu minħabba r-relazzjoni ta' l-impjieg ma' min iħaddem fis-settur pubbliku billi huma direttament relatati mal-perjodu tas-servizz u l-ammont tagħhom huwa kkalkulat b'referenza għall-aħħar salarju ta' l-uffiċjal pubbliku. Il-fatt li skema ta' din ix-xorta tifforma parti minn skema statutorja ġenerali huwa mingħajr preġudizzju f'dan l-aspett.

---

➔ 96/97/KE, il-pt. 1 ta' l-Artikolu 1 (adattat)

*⌦Artikolu 7⌫*

~~2.~~ ⌦ 1. ⌫ Dan ~~Din id-Direttiva~~ ⌦ il-Kapitolu ⌫ ma japplikax għal:

---

➔ 96/97/KE, il-pt. 1 ta' l-Artikolu 1

(a) kuntratti individwali għal ħaddiema li jaħdmu għal rashom;

(b) skemi għal ħaddiema li jaħdmu għal rashom b'membru wieħed biss;

---

➔ 96/97/KE, il-pt. 1 ta' l-Artikolu 1 (adattat)
⇨ ġdid

(c) kuntratti ta' l-assigurazzjoni li min iħaddem m'huwiex parti għalihom, fil-każ ta' ħaddiema ~~b'salarju~~ ⇨ impjegati ⇦;

(d) dispożizzjonijiet li mhumiex obbligatorji ta' skemi okkupazzjonali offruti lill-parteċipanti b'mod individwali biex ikunulhom iggarantiti:

~~-~~ ⌦ (i) ⌫ jew benefiċċji addizzjonali, ~~jew,~~

~~-~~ ⌦ (ii) jew ⌫ għażla ta' data li fiha ser jibdew il-benefiċċji normali għall-ħaddiema li jaħdmu għal rashom, jew għażla bejn diversi benefiċċji;

(e) skemi okkupazzjonali sakemm il-benefiċċji huma ffinanzjati mill-kontribuzzjonijiet imħallsa mill-ħaddiema fuq bażi volontarja.

~~3.~~ ⌦ 2. ⌫ Dan ~~Dinid-Direttiva~~ ⌦ il-Kapitolu ⌫ ma jipprekludix lil min iħaddem milli jagħti li lil persuni li diġà laħqu l-età ta' l-irtirar għall-finijiet ta' għotja ta' pensjoni permezz ta' skema okkupazzjonali, imma li għadhom ma laħqux l-età ta' l-irtirar għall-finijiet ta' għotja ta' pensjoni ta' l-irtirar statutorja, supplement tal-pensjoni, li l-għan tiegħu huwa li jġib indaqs jew aktar kważi indaqs l-ammont totali ta' benefiċċju mħallas lil dawn il-persuni b'relazzjoni għall-ammont imħallas lill-persuni tas-sess l-ieħor fl-istess sitwazzjoni li diġà laħqu l-età statutorja ta' l-irtirar, sakemm il-persuni li qed jibbenefikaw mis-supplement jilħqu l-età statutorja ta' l-irtirar.

---

🡻 96/97/KE, il-pt. 3 ta' l-Artikolu 1 (adattat)

*Artikolu ~~6~~ ⌦ 8 ⌫*

1. Dispożizzjonijiet kuntrarji għall-prinċipju ta' trattament ugwali għandhom jinkludu dawk ibbażati fuq is-sess, jew direttament jew indirettament, ~~b'mod partikolari b'referenza għall-istat taż-żwieġ jew tal-familja,~~ sabiex:

---

🡻 96/97/KE, il-pt. 3 ta' l-Artikolu 1

(a) ikunu ddeterminati l-persuni li jistgħu jipparteċipaw fi skema okkupazzjonali;

(b) tkun iffissata n-natura obbligatorja jew mhux obbligatorja tal-parteċipazzjoni fi skema okkupazzjonali;

(c) ikunu stabbiliti regoli differenti fir-rigward ta' l-età tad-dħul fl-iskema jew il-perjodu minimu ta' impjieg jew sħubija meħtieġ biex jinkisbu l-benefiċċji tagħha;

---

🡻 96/97/KE, il-pt. 3 ta' l-Artikolu 1 (adattat)

(d) ikunu stabbiliti regoli differenti, ħlief kif provdut fil-punti (h) ⌦ , ⌫ ~~u~~ (i) ⌦ u (j) ⌫, għar-rimborż tal-kontribuzzjonijiet meta ħaddiem joħroġ minn skema mingħajr ma jkun issodisfa l-kundizzjonijiet li jiggarantixxu dritt diferut għall-benefiċċji ta' tul ta' żmien;

---

🡻 96/97/KE, il-pt. 3 ta' l-Artikolu 1

(e) ikunu ffissati kundizzjonijiet differenti biex jingħataw il-benefiċċji jew għar-restrizzjoni ta' benefiċċji bħal dawn għall-ħaddiema ta' wieħed jew l-ieħor mis-sessi;

(f) ikunu ffissati etajiet differenti ta' l-irtirar;

(g) tkun sospiża ż-żamma jew il-kisba ta' drittijiet matul il-perjodi ta' lîf tal-maternità jew ta' lîf għal raġunijiet tal-familja li jingħataw mil-liġi jew bi ftehim u li jitħallsu minn min iħaddem;

🡻 96/97/KE, il-pt. 3 ta' l-Artikolu 1 (adattat)

(h) ikunu ffissati livelli differenti ta' benefiċċju, ħlief safejn jista' jkun neċessarju biex jitqiesu fatturi ta' kalkulazzjoni attwarjali li jvarjaw skond is-sess fil-każ ta' skemi b'kontribuzzjoni definita~~. Fil-~~ ⌦ ; fil- ⌫ każ ta' skemi b'benefiċċju definit iffinanzjati, ċerti elementi ~~(li eżempji tagħhom huma annessi)~~ jistgħu ma jkunux ugwali fejn in-nuqqas ta' ugwaljanza ta' l-ammonti tirriżulta mill-effetti ta' l-użu ta' fatturi attwarjali li jvarjaw skond is-sess fiż-żmien meta jiġi implimentat l-iffinanzjar ta' l-iskema;

🡻 96/97/KE, il-pt. 3 ta' l-Artikolu 1

(i) ikunu ffissati livelli differenti għall-kontribuzzjonijiet tal-ħaddiema;

🡻 96/97/KE, il-pt. 3 ta' l-Artikolu 1 (adattat)

⌦ (j) ⌫ ikunu ffissati livelli differenti għall-kontribuzzjonijiet ta' min iħaddem, minbarra:

- ⌦ (i) ⌫ fil-każ ta' skemi b'kontribuzzjoni definita jekk l-għan huwa li jiddaqqas l-ammont tal-benefiċċji finali jew li kważi jiddaqqsu għaż-żewġ sessi,

- ⌦ (ii) ⌫ fil-każ ta' skemi b'benefiċċju definit iffinanzjati fejn il-kontribuzzjonjiet ta' min iħaddem huma intenzjonati biex jiżguraw is-suffiċjenza tal-fondi neċessarji biex ikopru l-ispiża tal-benefiċċji definiti;

~~(j)~~ ⌦ (k) ⌫ ikunu stabbiliti standards differenti jew standards applikabbli biss għall-ħaddiema ta' sess speċifiku, ħlief kif provdut fil-punti (h) ⌦ , ⌫ ~~u~~ (i) ⌦ u (j) ⌫ , fir-rigward tal-garanzija jew taż-żamma tad-dritt għal benefiċċji diferiti meta ħaddiem joħroġ minn skema.

2. Fejn l-għotja tal-benefiċċji fl-ambitu ta' dan ~~din id-Direttiva~~ ⌦ il-Kapitolu ⌫ titħalla għad-diskrezzjoni tal-korpi li jamministraw l-iskema, dawn ta' l-aħħar ~~iridu~~ ⌦ għandhom ⌫ jikkonformaw mal-prinċipju ta' trattament ugwali.

---

| |
|---|
| ⬇ 96/97/KE, il-pt. 4 ta' l-Artikolu 1 (adattat)<br>⇨ ġdid |

*Artikolu ~~8~~ ⌦ 9 ⌫*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi neċessarji biex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet ta' skemi okkupazzjonali għall-ħaddiema li jaħdmu għal rashom li huma kuntrarji għall-prinċipju ta' trattament ugwali jiġu riveduti b'effett mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 1993 ⇨ jew għall-Istati Membri li l-adeżjoni tagħhom seħħet wara dik id-data, fid-data li d-Direttiva 86/378/KEE kif emendata mid-Direttiva 96/97/KE saret applikabbli fit-territorju tagħhom ⇦ .

2. Dan ⌦ il-Kapitolu ⌫ ~~Din id-Direttiva~~ m'għandux jipprekludi drittijiet u obbligi li jirrelataw għal perjodu ta' sħubija fi skema okkupazzjonali għal ħaddiema li jaħdmu għal rashom qabel ir-reviżjoni ta' dik l-iskema milli jibqgħu suġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' l-iskema li tkun fis-seħħ matul dak il-perjodu.

---

| |
|---|
| ⬇ 96/97/KE, il-pt. 5 ta' l-Artikolu 1 (adattat)<br>⇨ ġdid |

*Artikolu ~~9~~ ⌦ 10 ⌫*

Fir-rigward ta' skemi ⌦ okkupazzjonali ⌫ għall-ħaddiema li jaħdmu għal rashom, l-Istati Membri jistgħu jiddiferixxu l-applikazzjoni obbligatorja tal-prinċipju ta' trattament ugwali fir-rigward ta':

(a) id-determinazzjoni ta' l-età tal-pensjoni biex jingħataw il-pensjonijiet ta' l-anzjanità jew ta' l-irtirar, u l-implikazzjonijiet possibbli għal benefiċċji oħra:

~~-~~ ⌦ (i) ⌫ jew sad-data li fiha tinkiseb ugwaljanza bħal din fi skemi statutorji,

~~-~~ ⌦ (ii) ⌫ jew, sa l-aktar tard, sakemm ugwaljanza bħal din hija stabbilita minn direttiva;

(b) il-pensjonijiet ta' min jibqa' ħaj sakemm il-liġi Komunitarja tistabbilixxi l-prinċipju ta' trattament ugwali fi skemi statutorji ta' sigurtà soċjali f'dak ir-rigward;

(c) l-applikazzjoni ta' l-ewwel subparagrafu tal-punt (i) ta' l-Artikolu ⌦ 8(1)(i) b'relazzjoni għall-użu ⌫ ~~biex jitqiesu d-diversi~~ ⌦ ta' ⌫ fatturi tal-kalkulazzjoni attwarjali, sa ~~mhux aktar tard mil~~l-1 ta' Jannar 1999 jew għall-Istati Membri li l-adeżjoni tagħhom seħħet wara dik id-data sad-data li d-Direttiva 86/378/KEE kif emendata mid-Direttiva 96/97/KE saret applikabbli fit-territorju tagħhom ⇦ .

---

| ➔ 96/97/KE, l-Artikolu 2 (adattat) |
|---|

*Artikolu ⌦ 11 ⌫*

1. Kwalunkwe miżura li timplimenta dan ⌦ il-Kapitolu ⌫ ~~din id-Direttiva~~, fir-rigward ta' ħaddiema ~~imħallsa~~ ⌦ impjegati ⌫ , ~~trid~~ ⌦ għandha ⌫ tkopri l-benefiċċji kollha ⌦ taħt l-iskemi okkupazzjonali ta' sigurtà soċjali ⌫ li ġejjin minn perjodi ta' impjieg wara s-17 ta' Mejju 1990 u għandhom japplikaw b'mod retroattiv għal dik id-data, mingħajr preġudizzju għall-ħaddiema jew għal dawk li jagħmlu talba taħthom li, qabel dik id-data, bdew proċeduri legali jew għamlu talba ekwivalenti skond il-liġi nazzjonali. F'dak il-każ, il-miżuri ta' l-implimentazzjoni ~~jridu~~ ⌦ għandhom ⌫ japplikaw b'mod retroattiv għat-8 ta' April 1976 u ~~jridu~~ ⌦ għandhom ⌫ ikopru l-benefiċċji kollha li ġejjin minn perjodi ta' impjieg wara dik id-data. Għall-Istati Membri li ssieħbu fil-Komunità wara t-8 ta' April 1976, u qabel is-17 ta' Mejju 1990, dik id-data għandha tiġi sostitwita mid-data li fiha l-Artikolu ~~119~~ ⌦ 141 ⌫ tat-Trattat sar applikabbli fit-territorju tagħhom.

2. It-tieni sentenza tal-paragrafu 1 m'għandhiex twaqqaf lir-regoli nazzjonali li jirrelataw mal-limiti taż-żmien biex jinfetħu kawżi skond il-liġi nazzjonali milli ssir dipendenza fuqhom kontra ħaddiema jew dawk li jagħmlu talba taħthom li bdew proċeduri legali jew ~~jagħmlu~~ ⌦ għamlu ⌫ talba ekwivalenti taħt il-liġi nazzjonali qabel is-17 ta' Mejju 1990, sakemm mhumiex inqas favorevoli għal dik it-tip ta' azzjoni milli għal azzjonijiet simili ta' natura domestika u li ma jagħmlux l-eżerċizzju tal-liġi Komunitarja impossibbli fil-prattika.

3. Għall-Istati Membri li l-adeżjoni tagħhom seħħet wara s-17 ta' Mejju 1990 u li fl-1 ta' Jannar 1994 kienu Partijiet Kontraenti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, bid-data tas-17 ta' Mejju 1990 fl-ewwel sentenza tal-paragrafu 1 ~~ta' dan l-Artikolu~~ tkun sostitwita mill-1 ta' Jannar 1994.

---

| ⇩ ġdid |
|---|

4. Għall-Istati Membri l-oħra li l-adeżjoni tagħhom seħħet wara s-17 ta' Mejju 1990, id-data tas-17 ta' Mejju 1990 fil-paragrafi 1 u 2 hija sostitwita mid-data li fiha l-Artikolu 141 tat-Trattat sar applikabbli fit-territorju tagħhom.

---

| ➔ 96/97/KE, il-pt. 6 ta' l-Artikolu 1 (adattat) |
|---|

*Artikolu ~~9a~~ ⌦ 12 ⌫*

Fejn l-irġiel u n-nisa jistgħu jikklejmjaw età pensjonabbli flessibbli bl-istess kundizzjonijiet, din m'għandhiex titqies bħala li mhix kompatibbli ma' dan ~~din id-Direttiva~~ ⌦ il-Kapitolu ⌫ .

---

⬇ 2002/73/KE, il-pt. 2 ta' l-Artikolu 1 (adattat)

⌦ **Kapitolu 3** ⌫

⌦ **Il-prinċipju ta' trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fir-rigward ta' l-aċċess għall-impjiegi, tat-taħriġ vokazzjonali u tal-promozzjoni u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol** ⌫

~~*Artikolu 2*~~

~~Għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet li ġejjin, il-prinċipju ta' trattament ugwali għandu jfisser li assolutament m'għandu jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni minħabba s-sess jew direttament jew indirettament b'referenza b'mod partikolari għall-istat taż-żwieġ jew tal-familja..~~

---

⬇ 97/80/KE, l-Artikolu 2(1) (adattat)

~~**Id-definizzjonijiet**~~

~~1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, il-prinċipju ta' trattament ugwali għandu jfisser li assolutament m'għandu jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni minħabba s-sess, jew direttament jew indirettament.~~

---

⬇ 2002/73/KE, il-pt. 3 ta' l-Artikolu 1 (adattat)

*Artikolu ~~3~~ ⌦ 13* ⌫

1. ~~L-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali tfisser li~~ ⌦ M'għandu ⌫ jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni diretta jew indiretta minħabba s-sess fis-settur pubbliku jew f'dak privat, inklużi l-korpi pubbliċi, b'relazzjoni għal:

---

⬇ 2002/73/KE, il-pt. 3 ta' l-Artikolu 1

(a) kundizzjonijiet għall-aċċess għall-impjiegi, għall-impjieg indipendenti jew għax-xogħol, inklużi l-kriterji għall-għażla u l-kundizzjonijiet għar-reklutaġġ, tkun xi tkun il-fergħa ta' l-attività u fil-livelli kollha tal-ġerarkija professjonali, inkluża l-promozzjoni;

(b) aċċess għat-tipi kollha u għal-livelli kollha ta' gwida vokazzjonali, taħriġ vokazzjonali, taħriġ vokazzjonali avvanzat u taħriġ mill-ġdid, inkluża l-esperjenza prattika tax-xogħol;

---

↓ 2002/73/KE, Artikolu 1 pt. 3 (adattat)

(c) kundizzjonijiet ta' l-impjieg u tax-xogħol, inklużi t-tkeċċijiet, kif ukoll il-paga kif provdut f' ⌦ din ⌫ id-Direttiva ~~75/117/KEE~~;

---

↓ 2002/73/KE, il-pt. 3 ta' l-Artikolu 1

(d) sħubija, u involviment f'organizzazzjoni ta' ħaddiema jew ta' min iħaddem, jew kwalunkwe organizzazzjoni li l-membri tagħha jwettqu professjoni partikolari, inklużi l-benefiċċji provduti minn organizzazzjonijiet ta' din ix-xorta.

---

↓ 2002/73/KE, il-pt. 2 ta' l-Artikolu 1 (adattat)

~~6.~~ ⌦ 2. ⌫ L-Istati Membri jistgħu jipprovdu, fir-rigward ta' l-aċċess għall-impjiegi inkluż it-taħriġ li jwassal għalih, li differenza fit-trattament li hija bbażata fuq karatteristika relatata mas-sess m'għandiex tikkostitwixxi diskriminazzjoni fejn, minħabba n-natura ta' l-attivitajiet tax-xogħol partikolari kkonċernati jew tal-kuntest li fihom jitwettqu, karatteristika bħal din tikkostitwixxi kundizzjoni meħtieġa ġenwina u determinanti tax-xogħol, sakemm ~~l-~~għan ⌦ tagħha ⌫ huwa leġittimu u l-kundizzjoni meħtieġa hija proporzjonata.

---

↓ 76/207/KEE, l-Artikolu 9(2) (adattat)

~~2.~~ ⌦ 3. ⌫ L-Istati Membri għandhom perjodikament jivvalutaw l-attivitajiet tax-xogħol li jissemmew ⌦ fil-paragrafu 2 ⌫ f~~l-Artikolu 2(2)~~ sabiex jiddeċiedu, fid-dawl ta' l-iżviluppi soċjali, jekk hemmx ġustifikazzjoni biex jinżammu l-esklużjonijiet ikkonċernati. Għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni r-riżultati ta' din il-valutazzjoni.

---

↓ 2002/73/KE, il-pt. 2 ta' l-Artikolu 1 (adattat)

*⌦Artikolu 14 ⌫*

~~8.~~ L-Istati Membri jistgħu jżommu jew jadottaw miżuri fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 141(4) tat-Trattat bl-għan li jiżguraw ugwaljanza sħiħa fil-prattika bejn l-irġiel u n-nisa ⌦, fil-ħajja tax-xogħol ⌫.

---

↓ 2002/73/EC, il-pt. 2 ta' l-Artikolu 1 (adattat)

*⌦Artikolu 15 ⌫*

⌦ 1. ⌫ Trattament inqas favorevoli ta' mara relatat ma' tqala jew lîf tal-maternità ~~fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva 92/85/KEE~~ għandu jikkostitwixxi diskriminazzjoni fi ħdan it-tifsira ta' din id-Direttiva.

⌦ 2. ⌫ Mara li qiegħda bil-lîf tal-maternità għandu jkollha d-dritt, wara li jintemm il-perjodu tal-lîf tal-maternità tagħha, li terġa' lura għall-impjieg tagħha jew għal kariga ekwivalenti b'termini u b'kundizzjonijiet li m'humiex inqas favorevoli għaliha u li għadha tibbenifika minn kwalunkwe titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol li għalihom kien ⌦ ikollha ⌫ ~~se jkollha~~ d-dritt matul l-assenza tagħha.

---

↓ 2002/73/KE, il-pt. 2 ta' l-Artikolu 1 (adattat)

*⌦ Artikolu 16 ⌫*

⌦ Din id-Direttiva ⌫ ~~Din~~ hija ~~wkoll~~ mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' l-Istati Membri li jirrikonoxxu drittijiet distinti għal-lîf tal-paternità u/jew ta' l-adozzjoni. Dawk l-Istati Membri li jirrikonoxxu drittijiet bħal dawn għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex iħarsu l-irġiel u n-nisa li jaħdmu kontra t-tkeċċija minħabba li jeżerċitaw dawk id-drittijiet u jiżguraw li, fit-tmiem ta' lîf bħal dan, għandu jkollhom id-dritt li jerġgħu lura għall-impjiegi tagħhom jew għal karigi ekwivalenti b'termini u kundizzjonijiet li m'humiex inqas favorevoli għalihom, u li jibbenefikaw minn kwalunkwe titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol li kien ikollhom id-dritt għalihom matul l-assenza tagħhom.

↓ 2002/73/KE, il-pt. 5 ta' l-Artikolu 1 (adattat)

# ⌦ TITOLU III ⌫

## ⌦ ID-DISPOŻIZZJONIJIET ORIZZONTALI ⌫

### ⌦ Kapitolu 1 ⌫

### ⌦ Id-difiża tad-drittijiet ⌫

*⌦ Taqsima 1 ⌫*

*⌦ Ir-rimedji ⌫*

*Artikolu ~~6~~ ⌦ 17 ⌫*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ⌦ , wara rikors possibbli għal awtoritajiet kompetenti oħra, ⌫ ikunu disponibbli għall-persuni kollha li jaħsbu li ġew ittrattati ħażin minħabba li ma ġiex applikat fil-konfront tagħhom il-prinċipju ta' trattament ugwali proċeduri ġudizzjarji u/jew amministrattivi, inklużi, fejn l-awtoritajiet iqisu li huwa xieraq, proċeduri ta' konċiljazzjoni għall-infurzar ta' l-obbligi skond din id-Direttiva , anki wara li tkun intemmet ir-relazzjoni li matulha jkun allegat li seħħet id-diskriminazzjoni.

~~3.~~ ⌦ 2. ⌫ L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-assoċjazzjonijiet, l-organizzazzjonijiet jew il-korpi legali oħra li, skond il-kriterji stabbiliti mil-liġi nazzjonali tagħhom, għandhom interess leġittimu li jiżguraw li jkun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, jistgħu jinvolvu rwieħhom, kemm jekk f'isem jew biex jappoġġjaw lil min qed jagħmel l-ilment, bl-approvazzjoni tiegħu ~~jew tagħha~~, fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja u/jew amministrattiva provduta għall-infurzar ta' l-obbligi skond din id-Direttiva.

~~4.~~ ⌦ 3. ⌫ Il-paragrafi 1 u ~~3~~ ⌦ 2 ⌫ huma mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali li jirrelataw mal-limiti taż-żmien biex jinfetħu l-kawżi fejn għandu x'jaqsam il-prinċipju ta' trattament ugwali.

↓ 75/117/KEE (adattat)

~~Artikolu 2~~

~~L-Istati Membri għandhom jintroduċu fis-sistemi legali nazzjonali tagħhom tali miżuri li huma neċessarji biex jippermettu lill-impjegati kollha li jaħsbu li ġew ittrattati ħażin~~

~~minħabba li ma ġiex applikat il-prinċipju ta' paga ndaqs ħalli jipproċedu bit-talbiet tagħhom permezz ta' proċess ġudizzjarju wara rikors possibbli għal awtoritajiet kompetenti oħra.~~

---

| ➔ 86/378/KEE (adattat) |
|---|

~~Artikolu 10~~

~~L-Istati Membri għandhom jintroduċu fis-sistemi legali nazzjonali tagħhom tali miżuri li huma neċessarji biex jippermettu lill-persuni kollha li jaħsbu li batew minħabba li ma ġiex applikat il-prinċipju ta' trattament ugwali ħalli jipproċedu bit-talbiet tagħhom quddiem il-qrati, possibbilment wara li jkunu ressqu l-kwistjonijiet quddiem awtoritajiet kompetenti oħra.~~

---

| ➔ 2002/73/KE, il-pt. 5 ta' l-Artikolu 1 (adattat) |
|---|

*⌦Artikolu 18⌫*

~~2.~~ L-Istati Membri għandhom jintroduċu fis-sistemi legali nazzjonali tagħhom il-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw kumpens jew riparazzjoni reali u effettiv kif ikun iddeterminat mill-Istati Membri għat-telfien u għad-danni li tkun ġarrbet persuna bħala riżultat tad-diskriminazzjoni ⌦ minħabba s-sess ⌫ ~~kuntrarju għall-Artikolu 3~~, b'mod li huwa dissważiv u proporzjonat għal mad-dannu mġarrab ⌦ . ⌫ ~~; tali~~ ⌦ Tali ⌫ kumpens jew riparazzjoni jista' ma jkunx ristrett bl-iffissar ta' limitu massimu preċedenti, ħlief f'każijiet fejn min iħaddem jista' jipprova li l-uniku dannu li ġarrab l-applikant minħabba diskriminazzjoni fi ħdan it-tifsira ta' din id-Direttiva huwa r-rifjut li titqies l-applikazzjoni għall-impjieg tiegħu/~~tagħha~~.

---

| ➔ 97/80/KE, l-Artikolu 4 (adattat) |
|---|

***⌦ Taqsima 2 ⌫***

***⌦ Il-piż tal-prova ⌫***

*Artikolu 19*

~~**Il-piż tal-prova**~~

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu il-miżuri kollha meħtieġa, skond is-sistemi ġudizzjarji nazzjonali tagħhom, biex jiżguraw li, meta persuni li jaħsbu li ġew ittrattati ħażin minħabba li l-prinċipju ta' trattament ugwali ma ġiex applikat għalihom jistabbilixxu, quddiem qorti jew awtorità kompetenti oħra, fatti li minnhom jista' jiġi preżunt li kien hemm diskriminazzjoni

diretta jew indiretta, għandu jkun il-konvenut li jipprova li ma kien hemm l-ebda ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali.

2. ~~Din id-Direttiva~~ ⌦ Il-paragrafu 1 ⌫ m'għandux iwaqqaf lill-Istati Membri milli jintroduċu regoli ta' evidenza li huma aktar favorevoli għall-kwerelanti.

---

| ↓ 97/80/KE, l-Artikolu 4 |
|---|

3. L-Istati Membri m'għandhomx għalfejn japplikaw il-paragrafu 1 għall-proċeduri fejn hija l-qorti jew il-korp kompetenti li għandha tinvestiga l-fatti tal-każ.

---

| ↓ 97/80/KE, l-Artikolu 3 (adattat) |
|---|

*Artikolu 20*

**~~L-ambitu~~**

1. ~~Din id-Direttiva~~ ⌦L-Artikolu 19 ⌫ għandu ⌦ wkoll ⌫ japplika għal:

(a) is-sitwazzjonijiet koperti mill-Artikolu ~~119~~ ⌦ 141 ⌫ tat-Trattat ~~u mid-Direttivi 75/117/KEE, 76/207/KEE~~ u, safejn hija kkonċernata d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ⌦ mid-Direttivi ⌫ 92/85/KEE u 96/34/KE;

---

| ↓ 97/80/KE, l-Artikolu 3 |
|---|

(b) kwalunkwe proċedura ċivili jew amministrattiva li tikkonċerna s-settur pubbliku jew privat li tipprovdi għal mezzi ta' riparazzjoni taħt il-liġi nazzjonali skond il-miżuri li jissemmew f'(a) ħlief għall-proċeduri extra-ġudizzjarji ta' natura volontarja jew li huma provduti mil-liġi nazzjonali.

---

| ↓ 97/80/KE, l-Artikolu 3 (adattat) |
|---|

2. Dan ~~Din id-Direttiva~~ ⌦ il-Kapitolu ⌫ m'għandux japplika għall-proċeduri kriminali, sakemm mhux provdut mod ieħor mill-Istati Membri.

---

| ↓ 2002/73/KE, il-pt. 7 ta' l-Artikolu 1 (adattat) |
|---|

**⌦ Kapitolu 2 ⌫**

**⌦ Il-korpi għall-promozzjoni ta' trattament ugwali – djalogu soċjali ⌫**

*Artikolu ~~8a~~ ⌦ 21 ⌫*

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru u jagħmlu l-arranġamenti neċessarji għal korp jew korpi għall-promozzjoni, għall-analiżi, għall-monitoraġġ u għall-appoġġ ta' trattament ugwali tal-persuni kollha mingħajr diskriminazzjoni minħabba s-sess. Dawn il-korpi jistgħu jifformaw parti mill-aġenziji ~~mogħnija~~ ⌦ b'responsabbilità ⌫ fuq livell nazzjonali ~~bi~~ ⌦ għad- ⌫ difiża tad-drittijiet tal-bniedem jew għas-salvagwardja tad-drittijiet ta' l-individwi.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kompetenzi ta' dawn il-korpi jinkludu li:

(a) mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-vittmi u ta' l-assoċjazzjonijiet, ta' l-organizzazzjonijiet jew ta' l-entitajiet legali oħra msemmija fl-Artikolu ~~6(3)~~ ⌦ 17 (2) ⌫, jipprovdu assistenza indipendenti għall-vittmi tad-diskriminazzjoni li jipproċedu bl-ilmenti tagħhom dwar id-diskriminazzjoni;

---

| |
|---|
| ↓ 2002/73/KE, il-pt. 7 ta' l-Artikolu 1 |

(b) jwettqu servejs indipendenti dwar id-diskriminazzjoni;

(c) jippubblikaw rapporti indipendenti u jagħmlu rakkomandazzjonijiet fuq kwalunkwe kwistjoni li għandha x'taqsam ma' diskriminazzjoni bħal din.

---

| |
|---|
| ↓ 2002/73/KE, il-pt. 7 ta' l-Artikolu 1 (adattat) |

*Artikolu ~~8b~~ ⌦ 22 ⌫*

---

| |
|---|
| ↓ 2002/73/KE, il-pt. 7 ta' l-Artikolu 1 |

1. L-Istati Membri għandhom, skond it-tradizzjonijiet u l-prattika nazzjonali, jieħdu miżuri adegwati biex jippromwovu d-djalogu soċjali bejn is-sħab soċjali bil-ħsieb li jitrawwem it-trattament ugwali, inkluż permezz tal-monitoraġġ tal-prattika fuq il-post tax-xogħol, tal-ftehimiet kollettivi, tal-kodiċijiet tal-kondotta, tar-riċerka jew ta' l-iskambju ta' esperjenzi u ta' prattika tajba.

---

| |
|---|
| ↓ 2002/73/KE, il-pt. 7 ta' l-Artikolu 1 (adattat) |

2. Fejn ikun konsistenti mat-tradizzjonijiet u mal-prattika nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu lis-sħab soċjali, mingħajr preġudizzju għall-awtonomija tagħhom, biex jippromwovu l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u biex jikkonkludu, fuq il-livell xieraq, ftehimiet li jistabbilixxu regoli kontra d-diskriminazzjoni fl-oqsma li jissemmew fl-Artikolu 1

li jaqgħu fl-ambitu tan-negozjar kollettiv. Dawn il-ftehimiet għandhom jirrispettaw ~~il-kundizzjonijiet minimi meħtieġa stabbiliti mid-~~ ⌦ id-dispożizzjonijiet ta' ⌫ din id-Direttiva u l-miżuri nazzjonali rilevanti ta' implimentazzjoni.

---

| ⬇ 2002/73/KE, il-pt. 7 ta' l-Artikolu 1 |
|---|

3. L-Istati Membri għandhom, skond il-liġi, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika nazzjonali, jinkoraġġixxu lil min iħaddem biex jippromwovi trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fuq il-post tax-xogħol b'mod ippjanat u sistematiku.

4. Għal dan il-għan, min iħaddem għandu jkun inkoraġġit biex, f'intervalli regolari adegwati, jipprovdi lill-impjegati u/jew lir-rappreżentanti tagħhom b'informazzjoni xierqa dwar it-trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fl-intrapriża.

Informazzjoni ta' din ix-xorta tista' tinkludi statistika fuq il-proporzjonijiet ta' l-irġiel u n-nisa fuq livelli differenti ta' l-organizzazzjoni u l-miżuri possibbli biex tittejjeb is-sitwazzjoni b'kooperazzjoni mar-rappreżentanti ta' l-impjegati.

---

| ⬇ 2002/73/KE, il-pt. 7 ta' l-Artikolu 1 (adattat) |
|---|

*Artikolu ~~8c~~ ⌦ 23 ⌫*

L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu djalogu ma' l-organizzazzjonijiet mhux governattivi xierqa li, skond il-liġi u l-prattika nazzjonali tagħhom, għandhom interess leġittimu li jagħmlu kontribuzzjoni għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni minħabba s-sess bil-ħsieb li jinġib 'l quddiem il-prinċipju ta' trattament ugwali.

---

| ⬇ 2002/73/KE, il-pt. 3 ta' l-Artikolu 1 (adattat) |
|---|

# ⌦ TITOLU IV ⌫

## ⌦ L-IMPLIMENTAZZJONI ⌫

*⌦ Artikolu 24 ⌫*

~~2. Għal dak il-għan,~~ l-Istati Membri għandhom jieħdu ~~l-~~miżuri ⌦ kollha ⌫ neċessarji biex jiżguraw li:

(a) kwalunkwe liġi, regolament u dispożizzjoni amministrattiva kuntrarja għall-prinċipju ta' trattament ugwali tkun abolita;

(b) ~~kwalunkwe~~ dispożizzjoni kuntrarja għall-prinċipju ta' trattament ugwali ~~li hija inkluża~~ f'kuntratti jew fi ftehimiet kollettivi, ⌦ skali tal-paga, ftehimiet dwar paga, regoli għall-istaff ta' l-intrapriżi, ⌫ regoli interni ta' l-intrapriżi jew regoli li jiggvernaw ix-xogħlijiet u l-professjonijiet indipendenti u l-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema u ta' min iħaddem ⌦, kuntratti individwali ta' l-impjieg jew kwalunkwe arranġament ieħor⌫ għandhom ikunu, jew jistgħu jiġu ddikjarati, bla ebda effett legali jew jiġu emendati~~.~~ ⌦ ; ⌫

---

↓ 86/378/KEE (adattat)

~~Artikolu 7~~

~~L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha neċessarji biex jiżguraw li:~~

~~(a) id-dispożizzjonijiet kuntrarji għall-prinċipju ta' trattament ugwali fi ftehimiet kollettivi obbligatorji bil-liġi, f'regoli għall-istaff ta' intrapriżi jew fi kwalunkwe arranġament ieħor relatat ma' skemi tax-xogħol ma jkollhom l-ebda effett legali, jew jistgħu jiġu ddikjarati bla ebda effett legali jew jiġu emendati;~~

~~(b)~~ ⌦ (c) ⌫ skemi li jinkludu dispożizzjonijiet bħal dawn ma jistgħux jiġu approvati jew estiżi permezz ta' miżuri amministrattivi.

---

↓ 75/117/KEE (adattat)

~~Artikolu 3~~

~~L-Istati Membri għandhom jabolixxu d-diskriminazzjoni kollha bejn l-irġiel u n-nisa li ġejja mil-liġijiet, mir-regolamenti jew mid-dispożizzjonijiet amministrattivi li hija kuntrarja għall-prinċipju ta' trattament ugwali.~~

---

↓ 75/117/KEE (adattat)

~~Artikolu 4~~

~~L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet li jidhru fi ftehimiet kollettivi, skali tal-paga, ftehimiet dwar paga jew kuntratti individwali jew impjiegi li huma kuntrarji għall-prinċipju ta' paga ndaqs għandhom ikunu, jew jistgħu jkunu ddikjarati, bla ebda effett legali jew jistgħu jiġu emendati.~~

↓ 75/117/KEE (adattat)

~~*Artikolu 6*~~

~~Skond iċ-ċirkustanzi u s-sistemi legali nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri għandhom, jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li jiġi applikat il-prinċipju ta' paga ndaqs. Għandhom jaraw li jkunu disponibbli mezzi effettivi biex ikun żgurat li dan il-prinċipju jiġi osservat.~~

---

↓ 2002/73/KE, Artikolu 1 pt. 6 (adattat)

*Artikolu ~~7~~ ⌦ 25 ⌫*

L-Istati Membri għandhom jintroduċu fis-sistemi legali nazzjonali tagħhom il-miżuri kollha meħtieġa biex iħarsu lill-impjegati, inklużi dawk li huma rappreżentanti ta' l-impjegati, provduti mil-liġijiet u/jew il-prattika nazzjonali, kontra t-tkeċċija jew trattament avvers ieħor minn min iħaddem bħala reazzjoni għal ilment fl-intrapriża jew għal kwalunkwe proċedura legali bl-għan li tkun infurzata l-konformità mal-prinċipju ta' trattament ugwali.

---

↓ 86/378/KEE (adattat)

~~Artikolu 11~~

~~L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha neċessarji biex iħarsu lill-ħaddiem mit-tkeċċija fejn din tikkostitwixxi rispons min-naħa ta' min iħaddem għal ilment li sar fuq livell ta' intrapriża jew lill-istituzzjoni ta' proċeduri legali bl-għan li tkun infurzata l-konformità mal-prinċipju ta' trattament ugwali.~~

---

↓ 75/117/KEE (adattat)

~~*Artikolu 5*~~

~~L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex iħarsu lill-impjegati mit-tkeċċija minn min iħaddem bħala reazzjoni għal ilment fi ħdan l-intrapriża jew għal kwalunkwe proċedura legali bl-għan li tkun infurzata l-konformità mal-prinċipju ta' paga ndaqs.~~

↓ 2002/73/KE, il-pt. 7 ta' l-Artikolu 1 (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu ~~8d~~ ⌦ 26 ⌫*

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar is-sanzjonijiet applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skond din id-Direttiva, u għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li jiġu applikati. Is-sanzjonijiet, li jistgħu jinkludu l-ħlas ta' kumpens lill-vittma, iridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni ~~sal-5 ta' Ottubru 2005~~ sa mhux aktar tard ⇨ mid-data speċifikata fl-Artikolu 33 ⇦ u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien għal kwalunkwe emenda sussegwenti li taffetwahom.

---

↓ 2002/73/KE, il-pt. 2 ta' l-Artikolu 1 (adattat)

*⌦ Artikolu 27 ⌫*

~~5.~~ L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu, skond il-liġi, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika nazzjonali, lil min iħaddem u lil dawk li huma responsabbli għall-aċċess għat-taħriġ vokazzjonali biex jieħdu miżuri ħalli jipprevjenu l-forom kollha ta' diskriminazzjoni minħabba s-sess, b'mod partikolari l-fastidju u l-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol.

---

↓ 97/80/KE, l-Artikolu 6 (adattat)

*Artikolu ⌦ 28 ⌫*

**~~In-nuqqas ta' rigressjoni~~**

Fl-ebda ċirkustanza, l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva m'għandha tkun raġuni suffiċjenti għal tnaqqis fil-livell ~~ġenerali~~ ta' ħarsien tal-ħaddiema fl-oqsma li tapplika għalihom, mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' l-Istati Membri li jirrispondu għall-bidliet fis-sitwazzjoni billi jintroduċu liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li huma differenti minn dawk li huma fis-seħħ man-notifika ta' din id-Direttiva, sakemm hemm konformità ~~mal-kundizzjonijiet minimi meħtieġa~~ ⌦ mad-dispożizzjonijiet ⌫ ta' din id-Direttiva.

---

| |
|---|
| 🡻 2002/73/KE, il-pt. 7 ta' l-Artikolu 1 (adattat) |

*~~Artikolu 8e~~*

~~1. L-Istati Membri jistgħu jintroduċu jew iżommu dispożizzjonijiet li huma aktar favorevoli għall-ħarsien tal-prinċipju tat-trattament ugwali minn dawk stabbiliti f'din id-Direttiva.~~

~~2. Fl-ebda ċirkustanza, l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva m'għandha tikkostitwixxi raġuni għal tnaqqis fil-livell ta' ħarsien kontra d-diskriminazzjoni li diġà jingħata mill-Istati Membri fl-oqsma koperti minn din id-Direttiva.~~

---

| |
|---|
| 🡻 2002/73/KE, il-pt. 1 ta' l-Artikolu 1 (adattat) |

*⌦ Artikolu 29 ⌫*

~~1a.~~ L-Istati Membri għandhom iqisu b'mod attiv l-għan ta' l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa meta jifformulaw u jimplimentaw liġijiet, regolamenti, dispożizzjonijiet amministrattivi, politika u attivitajiet fl-oqsma li jissemmew f'~~paragrafu 1~~ ⌦ din id-Direttiva ⌫.

---

| |
|---|
| 🡻 97/80/KE, l-Artikolu 5 (adattat) |

*Artikolu ⌦ 30 ⌫*

*~~L-informazzjoni~~*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri li ttieħdu skond din id-Direttiva, flimkien mad-dispożizzjonijiet li diġà huma fis-seħħ, jinġiebu għall-attenzjoni tal-persuni kollha kkonċernati bil-mezzi kollha xierqa ⌦, per eżempju fuq il-post tax-xogħol ⌫.

---

| |
|---|
| 🡻 76/207/KEE (adattat) |

*~~Artikolu 8~~*

~~L-Istati Membri għandhom joqgħodu attenti li d-dispożizzjonijiet adottati skond din id-Direttiva, flimkien mad-dispożizzjonijiet rilevanti li diġà huma fis-seħħ, jinġiebu għall-attenzjoni ta' l-impjegati bil-mezzi kollha xierqa, per eżempju fuq il-post ta' l-impjieg tagħhom.~~

↓ 75/117/KEE (adattat)

*Artikolu 7*

L-Istati Membri għandhom jieħdu ħsieb li d-dispożizzjonijiet adottati skond din id-Direttiva, flimkien mad-dispożizzjonijiet rilevanti li diġà huma fis-seħħ, jinġiebu għall-attenzjoni ta' l-impjegati bil-mezzi kollha xierqa, per eżempju fuq il-post ta' l-impjieg tagħhom.

---

↓ 2002/73/KE, l-Artikolu 2 (adattat)

# ⌦ TITOLU V ⌫

## ⌦ ID-DISPOŻIZZJONIJIET FINALI ⌫

*Artikolu⌦ 31 ⌫*

2. ⌦ 1. Sa mhux aktar tard mill-……, l- ⌫ L- Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, l-informazzjoni kollha neċessarja għall-Kummissjoni biex din tfassal rapport għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

3⌦2. ⌫Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2 ⌦ 1 ⌫, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, kull erba' snin, it-testi ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi kwalunkwe miżura adottata skond l-Artikolu 141(4) tat-Trattat, kif ukoll rapporti dwar dawn il-miżuri u l-implimentazzjoni tagħhom. Fuq il-bażi ta' dik l-informazzjoni, il-Kummissjoni ser tadotta u tippubblika kull erba' snin rapport li jistabbilixxi valutazzjoni komparattiva ta' kwalunkwe miżura fid-dawl tad-Dikjarazzjoni Nru 28 annessa ma' l-Att Finali tat-Trattat ta' Amsterdam.

---

↓ 97/80/KE, l-Artikolu 7 (adattat)

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, l-informazzjoni kollha neċessarja għall-Kummissjoni biex tfassal rapport għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

---

🡻 96/97/KE, il-pt. 2 ta' l-Artikolu 3 (adattat)

~~(2) L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, mhux aktar tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, l-informazzjoni kollha neċessarja li tippermetti lill-Kummisjoni tfassal rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.~~

---

🡻 86/378/KEE, l-Artikolu 12 (adattat)

~~2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn ħames snin wara n-notifika ta' din id-Direttiva l-informazzjoni kollha neċessarja li tippermetti lill-Kummisjoni tfassal rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva biex jitressaq quddiem il-Kunsill.~~

---

🡻 76/207/KEE (adattat)

~~Artikolu 10~~

~~Fi żmien sentejn wara li jiskadi l-perjodu ta' 30 xahar stabbilit fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 9(1), l-Istati Membri għandhom jgħaddu l-informazzjoni kollha neċessarja lill-Kummissjoni biex din tkun tista' tfassal rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva biex jitressaq quddiem il-Kunsill.~~

---

🡻 75/117/KEE (adattat)

~~*Artikolu 9*~~

~~Fi żmien sentejn mit-tmiem tal-perjodu ta' sena msemmi fl-Artikolu 8, l-Istati Membri għandhom jgħaddu l-informazzjoni kollha neċessarja lill-Kummissjoni biex din tkun tista' tfassal rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva biex jitressaq quddiem il-Kunsill.~~

---

⇩ ġdid

*Artikolu 32*

Sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2008, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-ħidma ta' din id-Direttiva u jekk ikun xieraq, tipproponi kwalunkwe emenda li tqis neċessarja.

⇩ ġdid

*Artikolu 33*

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji għall-konformità ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-… jew għandhom jiżguraw, sa mhux aktar tard minn dik id-data, li l-amministrazzjoni u l-ħaddiema jintroduċu d-dispożizzjonijiet meħtieġa biex juru qbil. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha neċessarji biex ikun jistgħu jiggarantixxu r-riżultati imposti minn din id-Direttiva. Għalhekk għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-testi ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikollhom magħhom referenza bħal din meta jiġu ppubblikati b'mod uffiċjali. Għandhom jinkludu wkoll dikjarazzjoni li r-referenzi f'liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti għad-Direttivi revokati minn din id-Direttiva għandhom ikunu interpretati bħala referenzi għal din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir referenza bħal din u kif għandha tiġi fformulata dik id-dikjarazzjoni.

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva

---

🡻 97/80/KE (adattat)

~~*Artikolu 7*~~

~~**L-implimentazzjoni**~~

~~L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji għalihom biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa l-1 ta' Jannar 2001. Għandhom jinformaw immedjatament lill-Kummissjoni b'dan.~~

~~Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikollhom magħhom referenza bħal din meta jkunu ppubblikati b'mod uffiċjali. Il-metodi biex isiru referenzi bħal dawn għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.~~

---

🡻 98/52/KE, l-Artikolu 2 (adattat)

~~Fir-rigward tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u ta' l-Irlanda ta' Fuq, id-data ta' l-1 ta' Jannar 2001 fil-paragrafu 1 għandha tiġi sostitwita mit-22 ta' Lulju 2001.~~

↓ 86/378/KEE (adattat)

Artikolu 12

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ tali liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi kif inhuma neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn tliet snin wara n-notifika ta' dan[87]. Għandhom jinnotifikaw immedjatament lill-Kummissjoni b'dan.

↓ 76/207/KEE (adattat)

*Artikolu 9*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva fi żmien 30 xahar min-notifika tagħha u għandhom jinnotifikaw immedjatament lill-Kummissjoni b'dan.

Madankollu, fir-rigward ta' l-ewwel parti ta' l-Artikolu 3(2)(c) u ta' l-ewwel parti ta' l-Artikolu 5(2)(c), l-Istati Membri għandhom iwettqu l-ewwel eżami u jekk ikun meħtieġ l-ewwel reviżjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi li jissemmew fihom fi żmien erba' snin min-notifika ta' din id-Direttiva.

3. L-Istati Membri għandhom ukoll jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

↓ 75/117/KEE (adattat)

*Artikolu 8*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva fi żmien sena min-notifika tagħha u għandhom jinformaw immedjatament lill-Kummissjoni b'dan.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni it-testi tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

[87] Din id-Direttiva kienet innotifikata lill-Istati Membri fit-30 ta' Lulju 1986.

⇩ ġdid

*Artikolu 34*

1. Id-Direttivi 75/117/KEE, 76/207/KEE, 86/378/KEE u 97/80/KE, kif emendati mid-Direttivi fil-Parti A ta' l-Anness 1 huma revokati b'effett mid-data ddikjarata fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 33 ta' din id-Direttiva, mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' l-Istati Membri li jirrelataw mal-limiti taż-żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u għall-applikazzjoni tad-Direttivi ddikjarati fil- Parti B ta' l-Anness 1.

2. Referenzi għad-Direttivi revokati għandhom ikunu interpretati bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness 2.

---

⇩ ġdid

*Artikolu 35*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-[għoxrin] ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

---

↓ .

*Artikolu 36*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

| |
|---|
| 🡻 96/97/KE, il-pt. 7 ta' l-Artikolu 1 (adattat) |

## L-ANNESS

Eżempji ta' l-elementi li jistgħu ma jkunux ugwali, fejn għandhom x'jaqsmu skemi b'benefiċċju definit iffinanzjati, kif jissemmew fl-Artikolu 6 (h):

– il-bidla f'somma kapitali ta' parti minn pensjoni perjodika,

– it-trasferiment tad-drittijiet tal-pensjoni,

– pensjoni tar-riverżjoni li titħallas lil dipendent talli dan iċedi parti mill-pensjoni,

– pensjoni mnaqqsa fejn il-ħaddiem jagħżel li jirtira kmieni

↑

# L-ANNESS 1

## Parti A

### Id-Direttivi revokati bl-emendi suċċessivi tagħhom

(imsemmija fl-Artikolu 34(1))

| | |
|---|---|
| Id-Direttiva tal-Kunsill 75/117/KEE | ĠU L 45, 19.2.1975 |

| | |
|---|---|
| Id-Direttiva tal-Kunsill 76/207/KEE | ĠU L 39, 14.2.1976 |
| Id-Direttiva 2002/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill | ĠU L 269, 2.10.2002 |

| | |
|---|---|
| Id-Direttiva tal-Kunsill 86/378/KEE | ĠU L 225, 12.8.1986 |
| Id-Direttiva 96/97/KE | ĠU L 46, 17.2.1997 |

| | |
|---|---|
| Id-Direttiva tal-Kunsill 97/80/KE | ĠU L 14, 20.1.1998 |
| Id-Direttiva 98/52/KE | ĠU L 205, 22.7.1998 |

## Parti B

### Lista tal-limiti taż-żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u d-dati ta' l-applikazzjoni

(imsemmija fl-Artikolu 34(1))

| Id-Direttiva | Il-limitu taż-żmien għat-traspożizzjoni | Id-data ta' l-applikazzjoni |
|---|---|---|
| Id-Direttiva 75/117/KEE | 19.2.1976 | |
| Id-Direttiva 76/207/KEE | 14.8.1978 | |
| Id-Direttiva 86/378/KEE | 1.1.1993 | |
| Id-Direttiva 96/97/KE | 1.7.1997 | 17.5.1990 b'relazzjoni għall-ħaddiema mħallsa, ħlief għal dawk il-ħaddiema jew għal dawk li għamlu t-talba taħhom li |

| | | |
|---|---|---|
| | | qabel dik id-data kienu bdew proċedura legali jew għamlu klejm ekwivalenti taħt il-liġi nazzjonali.<br><br>L-Artikolu 8 tad-Direttiva 86/378/KEE kif emendat mid-Direttiva 96/97/KE – mhux aktar tard mill-1.1.1993.<br><br>L-Artikolu 6(1)(i), l-ewwel inċiż tad-Direttiva 86/378/KEE kif imdaħħal mid-Direttiva 96/97/KE – mhux aktar tard mill-1.1.1999. |
| Id-Direttiva 97/80/KE | 1.1.2001 | 22.7.2001 fir-rigward tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u ta' l-Irlanda ta' Fuq |
| Id-Direttiva 98/52/KE | 22.7.2001 | |
| Id-Direttiva 2002/73/KE | 5.10.2005 | |

**L-ANNESS 2**
**It-tabella ta' korrelazzjoni**

| Id-Direttiva 75/117 | Id-Direttiva 76/207 | Id-Direttiva 86/378 | Id-Direttiva 97/80 | Din id-Direttiva |
|---|---|---|---|---|
| - | L-Artikolu 1 (1) | L-Artikolu 1 | L-Artikolu 1 | L-Artikolu 1 |
| - | L-Artikolu 1(2) | - | - | - |
| - | L-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 2(2) | - | - | L-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 2(1) |
| - | It-tieni inċiż ta' l-Artikolu 2(2) | - | L-Artikolu 2(2) | It-tieni inċiż ta' l-Artikolu 2(1) |
| - | It-tielet u r-raba' inċiżi ta' l-Artikolu 2(2) | - | - | It-tielet u r-raba' inċiżi ta' l-Artikolu 2(1) |
| - | - | - | - | Il-ħames inċiż ta' l-Artikolu 2(1) |
| - | - | L-Artikolu 2(1) | - | Is-sitt inċiż ta' l-Artikolu 2(1) |
| - | L-Artikolu 2(3) u (4) | - | - | L-Artikolu 2(2) |
| - | - | L-Artikolu 3 | - | L-Artikolu 3(1) |
| - | L-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 2(7) | L-Artikolu 5(2) | - | L-Artikolu 3(2) |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| - | L-ewwel sentenza tar-raba' sub-paragrafu ta' l-Artikolu 2(7) | - | - | L-Artikolu 3(3) |
| L-Artikolu 1 | - | - | - | L-Artikolu 4 |
| - | - | L-Artikolu 5(1) | - | L-Artikolu 5 |
| - | - | L-Artikolu 4 | - | L-Artikolu 6(1) |
| - | - | - | - | L-Artikolu 6(2) |
| | | L-Artikolu 2(2) | | L-Artikolu 7(1) |
| - | - | L-Artikolu 2(3) | - | L-Artikolu 7(2) |
| - | - | L-Artikolu 6 | - | L-Artikolu 8 |
| - | - | L-Artikolu 8 | - | L-Artikolu 9 |
| - | - | L-Artikolu 9 | - | L-Artikolu 10 |
| - | - | - | - | L-Artikolu 11 |
| - | - | L-Artikolu 9a | - | L-Artikolu 12 |
| - | L-Artikoli 2(1) u 3(1) | - | L-Artikolu 2(1) | L-Artikolu 13(1) |
| - | L-Artikolu 2(6) | - | - | L-Artikolu 13(2) |
| - | L-Artikolu 9(2) | - | - | L-Artikolu 13(3) |
| - | L-Artikolu 2(8) | - | - | L-Artikolu 14 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| - | It-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 2(7) | - | - | L-Artikolu 15(1) |
| - | It-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 2(7) | - | - | L-Artikolu 15(2) |
| - | It-tieni u t-tielet sentenza tar-raba' subparagrafu ta' l-Artikolu 2(7) | - | - | L-Artikolu 16 |
| L-Artikolu 2 | L-Artikolu 6(1) | L-Artikolu 10 | - | L-Artikolu 17(1) |
| - | L-Artikolu 6(3) | - | - | L-Artikolu 17(2) |
| - | L-Artikolu 6(4) | - | - | L-Artikolu 17(3) |
| - | L-Artikolu 6(2) | - | - | L-Artikolu 18 |
| - | - | - | L-Artikolu 4 | L-Artikolu 19 |
| - | - | - | L-Artikolu 3 | L-Artikolu 20 |
| - | L-Artikolu 8a | - | - | L-Artikolu 21 |
| - | L-Artikolu 8b | - | - | L-Artikolu 22 |
| - | L-Artikolu 8c | - | - | L-Artikolu 23 |
| L-Artikoli 3 u 6 | L-Artikolu 3 (2)(a) | - | - | L-Artikolu 24(a) |
| L-Artikolu 4 | L-Artikolu 3 (2)(b) | L-Artikolu 7(a) | - | L-Artikolu 24(b) |
| - | - | L-Artikolu | - | L-Artikolu |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | 7(b) | | 24(c) |
| L-Artikolu 5 | L-Artikolu 7 | L-Artikolu 11 | - | L-Artikolu 25 |
| L-Artikolu 6 | - | - | - | - |
| - | L-Artikolu 8d | - | - | L-Artikolu 26 |
| | L-Artikolu 2(5) | | | L-Artikolu 27 |
| - | L-Artikolu 8e (1) | - | - | - |
| - | L-Artikolu 8e (2) | - | L-Artikolu 6 | L-Artikolu 28 |
| - | L-Artikolu 1 (1a) | - | - | L-Artikolu 29 |
| L-Artikolu 7 | L-Artikolu 8 | - | L-Artikolu 5 | L-Artikolu 30 |
| L-Artikolu 9 | L-Artikolu 10 | L-Artikolu 12(2) | Ir-raba' sub-paragrafu ta' l-Artikolu 7 | L-Artikolu 31 |
| - | - | - | - | L-Artikolu 32 |
| L-Artikolu 8 | L-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 9(1), u 9(2) u (3) | L-Artikolu 12(1) | L-ewwel, it-tieni u t-tielet sub-paragrafi ta' l-Artikolu 7 | L-Artikolu 33 |
| - | It-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 9(1) | - | - | - |
| - | - | - | - | L-Artikolu 34 |
| - | - | - | - | L-Artikolu 35 |
| - | - | - | - | L-Artikolu |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | 36 |
| - | - | L-Anness | - | - |